Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►M28 **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/642/PESK**

tal-15 ta' Ottubru 2012

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ◄

(ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/248/PESK tad-29 ta' Mejju 2013	L 143	24	30.5.2013
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/308/PESK tal-24 ta' Ġunju 2013	L 172	31	25.6.2013
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/534/PESK tad-29 ta' Ottubru 2013	L 288	69	30.10.2013
►M4	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK tal-20 ta' Jannar 2014	L 16	32	21.1.2014
►M5	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/439/PESK tat-8 ta' Lulju 2014	L 200	13	9.7.2014
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/750/PESK tat-30 ta' Ottubru 2014	L 311	39	31.10.2014
►M7	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1142 tat-13 ta' Lulju 2015	L 185	20	14.7.2015
►M8	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1335 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	64	1.8.2015
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1957 tad-29 ta' Ottubru 2015	L 284	149	30.10.2015
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/280 tal-25 ta' Frar 2016	L 52	30	27.2.2016
►M11	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/350 tas-27 ta' Frar 2017	L 50	81	28.2.2017
►M12	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/280 tat-23 ta' Frar 2018	L 54	16	24.2.2018
►M13	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/325 tal-25 ta' Frar 2019	L 57	4	26.2.2019
►M14	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/214 tas-17 ta' Frar 2020	L 45	3	18.2.2020
►M15	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1388 tat-2 ta' Ottubru 2020	L 319 I	13	2.10.2020
►M16	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1650 tas-6 ta' Novembru 2020	L 370 I	9	6.11.2020
►M17	Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2130 tas-17 ta' Diċembru 2020	L 426 I	14	17.12.2020
►M18	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/353 tal-25 ta' Frar 2021	L 68	189	26.2.2021
►M19	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/908 tal-4 ta' Ġunju 2021	L 197 I	3	4.6.2021
►M20	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1001 tal-21 ta' Ġunju 2021	L 219 I	67	21.6.2021
►M21	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 tal-21 ta' Ġunju 2021	L 219 I	70	21.6.2021
►M22	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1031 tal-24 ta' Ġunju 2021	L 224 I	15	24.6.2021
►M23	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1989 tal-15 ta' Novembru 2021	L 405	8	16.11.2021
►M24	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1990 tal-15 ta' Novembru 2021	L 405	10	16.11.2021
►M25	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2125 tat-2 ta' Diċembru 2021	L 430 I	16	2.12.2021

►**M26**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/218 tas-17 ta' Frar 2022	L 37	41	18.2.2022
►**M27**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/307 tal-24 ta' Frar 2022	L 46	97	25.2.2022
►**M28**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/356 tat-2 ta' Marzu 2022	L 67	103	2.3.2022
►**M29**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/399 tad-9 ta' Marzu 2022	L 82	9	9.3.2022
►**M30**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/579 tat-8 ta' April 2022	L 111	81	8.4.2022
►**M31**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/881 tat-3 ta' Ġunju 2022	L 153	77	3.6.2022
►**M32**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/882 tat-3 ta' Ġunju 2022	L 153	88	3.6.2022
►**M33**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1243 tat-18 ta' Lulju 2022	L 190	139	19.7.2022
►**M34**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/421 tal-24 ta' Frar 2023	L 61	41	27.2.2023
►**M35**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1592 tat-3 ta' Awwissu 2023	L 195 I	31	3.8.2023
►**M36**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1601 tat-3 ta' Awwissu 2023	L 196	37	4.8.2023
►**M37**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2686 tas-27 ta' Novembru 2023	L 2686	1	28.11.2023
►**M38**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/769 tas-26 ta' Frar 2024	L 769	1	27.2.2024
►**M39**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1864 tad-29 ta' Ġunju 2024	L 1864	1	30.6.2024

Korrezzjonijiet minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 297, 15.10.2014, p. 41 (2014/24/PESK)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 328, 13.11.2014, p. 61 (2014/439/PESK)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 176, 7.7.2015, p. 41 (2014/439/PESK)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 57, 18.2.2021, p. 93 (2020/1650)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 323, 19.12.2022, p. 106 (2021/1002)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 70, 8.3.2023, p. 56 (2023/421)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 90, 28.3.2023, p. 66 (2023/421)

▼B

▼M28

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/642/PESK

tal-15 ta' Ottubru 2012

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

▼B

Artikolu 1

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lill-Bjelorussja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew permezz ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru bil-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

2. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Bjelorussja;

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-punti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fil-Bjelorussja;

(c) il-parteċipazzjoni, konxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet, li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) jew (b).

▼M36

Artikolu 1a

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali tagħhom u l-munizzjon kif elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u armi tan-nar u armi oħra kif elenkati fl-Anness VI għal din id-Deċiżjoni, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni u kemm jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

▼M39

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

Artikolu 1b

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Belarussi, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

3. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M39

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

5. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2602, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Awwissu 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024 jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

6. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8708 99, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Jannar 2025 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

7. Il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti li jkunu neċessarji għall-finijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi sħab fil-Belarussja jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali, jew l-oġġetti personali tal-persunal tagħhom.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, jew l-għoti ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-għoti ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata huma neċessarji:

(a) għal finijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' għajnuna, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u għajnuna relatata jew għall-evakwazzjonijiet;

(b) għall-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja; jew

(c) għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

9. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jawtorizzaw, taħt il-kondizzjonijiet li jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20, jew l-għoti tal-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti tal-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata jkunu neċessarji għall-użu domestiku personali ta' persuni fiżiċi.

▼M39

10. B’deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta’ oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu b’mod partikolari għat-titjib tal-kapaċitajiet industrijali Belarussi wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 8 ta’ dan l-Artikolu.

11. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta’ assistenza teknika u finanzjarja, għall-użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsub għal emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta’ avveniment li x’aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għad-diżastri naturali.

12. B’deroga mill-paragrafi 1 u 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3917, 8523 u 8536, kif elenkati fl-Anness XVIII għar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew l-għoti ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti jew l-għoti ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-finijiet ta’ manutenzjoni jew tiswija ta’ apparat mediku.

13. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li ġejjin, jew l-għoti ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-użu domestiku personali ta’ persuni fiżiċi fil-Belarussja:

(a) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20;

(b) tubi, pajpijiet u fittings tal-pajpijiet tar-ram li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7411 jew 7412 li għandhom dijametru intern sa 50 mm.

14. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3917 10, jew l-għoti ta’ għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati strettament għall-produzzjoni ta’ oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem fil-Belarussja.

15. Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet għall-finijiet inklużi fil-paragrafi 8, 9, 10, 12, 13, u 14,, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja jekk ikollhom bażi raġonevoli biex jemmnu li l-oġġetti jista’ jkollhom użu finali militari.

16. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 8, 9, 10, 12, 13 u 14 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

17. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 2

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li ma joqtolx, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għall-programmi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Unjoni għat-tiswir ta' istituzzjonijiet, jew għal operazzjonijiet tal-UE u tan-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet;

(b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' vetturi mhux tal-ġlied li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-Bjelorussja;

(c) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tali tagħmir, jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;

(d) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali tagħmir jew ma' tali programmi u operazzjonijiet,

bil-kundizzjoni li tali esportazzjonijiet u assistenza jkunu ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket kontra l-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Bjelorussja minn persunal tan-NU, minn persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-media u ħaddiema umanitarji u dawk li jaħdmu fl-iżvilupp u persuni assoċjati għall-użu personali tagħhom biss.

▼M22

_____

▼M19

Artikolu 2a

1. L-Istati Membri għandhom jiċħdu l-permess li jinżel fi, jitlaq minn jew jgħaddi minn fuq it-territorji tagħhom lil kwalunkwe inġenju tal-ajru operat minn trasportaturi tal-ajru Belarussi, inkluż bħala trasportatur kummerċjali, skont ir-regoli u l-liġijiet nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-ftehimiet internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.

▼M19

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika f'każ ta' nżul ta' emerġenza jew ta' titjira ta' emerġenza li tgħaddi minn fuq it-territorju.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fil-każ li l-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati jiddeterminaw li nżul, tluq jew titjira li tgħaddi minn fuq it-territorju jkunu meħtieġa għal raġunijiet umanitarji jew għal kwalunkwe raġuni oħra li tkun konsistenti mal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni. F'tali każ, l-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

▼M29

Artikolu 2ab

1. Il-Maniġer tan-Network għall-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tal-ajru uniku Ewropew għandu jappoġġa lill-Kummissjoni u l-Istati Membri tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 2a u 4(2) ta' din id-Deċiżjoni u tal-konformità magħha. Il-Maniġer tan-Network, b'mod partikolari, għandu jiċħad il-pjanijiet tat-titjir kollha ppreżentati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jindikaw intenzjoni li jwettqu attivitajiet fuq it-territorju tal-Unjoni jew tal-Belarussja li jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, b'tali mod li l-bdot ma jkollux permess itir.

2. Il-Maniġer tan-Network għandu jipprovdi regolarment lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, abbażi tal-analiżi tal-pjanijiet tat-titjiriet, rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2a.

▼M22

Artikolu 2b

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja, ta' tagħmir, teknoloġija jew software maħsubin primarjament għal użu ta' monitoraġġ jew interċettazzjoni mill-awtoritajiet tal-Belarussja, jew f'isimhom, tal-internet u ta' komunikazzjonijiet bit-telefon fuq networks mobbli jew fissi, inkluż l-għoti ta' kwalunkwe tip ta' servizz ta' monitoraġġ jew interċettazzjoni fil-qasam tat-telekomunikazzjoni jew tal-internet, kif ukoll l-għoti ta' għajnuna finanzjarja u teknika għall-installazzjoni, it-tħaddim jew l-aġġornament ta' tali tagħmir, teknoloġija jew software, minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri għandhom jiġu pprojbiti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-tagħmir, it-teknoloġija jew is-software, inkluż l-għoti ta' kwalunkwe tip ta' servizz ta' monitoraġġ jew interċettazzjoni fil-qasam tat-telekomunikazzjoni jew tal-internet, kif ukoll l-għoti relatat ta' għajnuna finanzjarja u teknika, imsemmija fil-paragrafu 1 jekk huma jkollhom raġunijiet validi biex jiddeterminaw li t-tagħmir, it-teknoloġija jew is-software ma jintużawx għar-repressjoni mill-Gvern, korpi, korporazzjonijiet jew aġenziji pubbliċi tal-Belarussja, jew minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità li joperaw f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu fi żmien ġimgħatejn mill-awtorizzazzjoni.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan l-Artiklu.

▼M28

Artikolu 2c

▼M36

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni diretti jew indiretti tal-oġġetti u t-teknoloġija kollha b'użu doppju elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew li jużaw bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom għandu jiġi pprojbit, irrispettivament minn jekk tali oġġetti u teknoloġija joriġinawx fit-territorji tagħhom jew le.

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-oġġetti u t-teknoloġija bl-użu doppju, imsemmija fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M28

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju jew għall-għoti relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).

▼M36

(c) l-esportazzjoni temporanja ta’ oġġetti għall-użu mill-media tal-aħbarijiet;

▼M28

(d) aġġornamenti ta' software;

▼M36

(e) l-użu bħala apparat ta’ komunikazzjoni tal-konsumatur; jew;

_____

(f) l-użu personali tal-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Belarussja jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta’ dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

Bl-eċċezzjoni tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu, fid-dikjarazzjoni doganali l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f’dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur hu residenti jew stabbilit fih dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum mid-data meta seħħet l-ewwel esportazzjoni.

▼M39

3a. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ta’ dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta’ oġġetti u teknoloġija b’użu doppju maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), ta’ dan l-Artikolu.

▼M28

4. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li tkun iddeterminat li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għal:

(a) il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-gvern tal-Belarussja fi kwistjonijiet purament ċivili;

(b) il-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) it-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(d) is-sigurtà marittima;

▼M36

(e) networks elettroniċi tal-komunikazzjonijiet ċivili mhux disponibbli għall-pubbliku li mhumiex proprjetà ta’ entità fejn l-Istat għandu l-kontroll totali jew il-kontroll ta’ aktar minn 50 % tagħha;

▼M28

(f) l-użu esklużiv ta' entitajiet li huma proprjetà ta’, jew ikkontrollati esklużivament jew konġuntament, minn persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż sieħeb;

▼M36

(g) ir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta’ pajjiżi sħab, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet; jew

(h) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fil-Belarussja għajr għall-gvern u għall-impriżi tagħha li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern.

▼M39

4a. B’deroga mill-paragrafu 1a, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tar-Belarussja ta’ oġġetti u teknoloġija b’użu doppju wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 4, il-punti (b), (c), (d) u (h), ta’ dan l-Artikolu.

▼M36

5. Permezz ta’deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ oġġetti u teknoloġija b’użu doppju jew l-għoti ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew tali assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti taħt kuntratti konklużi qabel it-3 ta’ Marzu 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tkun intalbet qabel l-1 ta’ Mejju 2022.

6. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

▼M28

7. Meta tkun qed tiddeċiedi dwar talba għal awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 4 u 5, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni jekk ikollha raġunijiet validi biex temmen li:

▼M36

(i) l-utent aħħari jista’ jkun utent aħħari militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II jew li l-oġġetti jista’ jkollhom użu aħħari militari, sakemm il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jew l-għoti ta’ għajnuna teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont l-Artikolu 2da (1), il-punt (a); jew

▼M36

(ii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għas-settur tal-avjazzjoni jew tal-industrija spazjali, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-għoti ta'għajnuna teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 4, il-punt (b).

▼M28

8. L-awtorità kompetenti tista' tannulla, tissospendi, timmodifika jew tirrevoka awtorizzazzjoni li hija tkun tat skont il-paragrafi 4 u 5 jekk hija tqis li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

9. Il-pajjiżi sħab kif imsemmija fil-punti 4(f) u (g) ta' dan l-Artikolu u fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 2d(4), u li japplikaw miżuri ta' kontroll tal-esportazzjoni sostanzjalment ekwivalenti, huma elenkati fl-Anness IV.

Artikolu 2d

1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, tal-oġġetti u t-teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, esportati mill-Unjoni għandu jkun ipprojbit.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M28

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, jew għall-għoti relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

▼M36

(c) l-esportazzjoni temporanja ta’ oġġetti għall-użu mill-media tal-aħbarijiet;

▼M28

(d) aġġornamenti ta' software;

(e) l-użu bħala apparat ta' komunikazzjoni tal-konsumatur;

▼M36

_____

(f) l-użu personali ta’ persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Belarussja jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta’ dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

Bl-eċċezzjoni tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu, fid-dikjarazzjoni doganali l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f’dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur hu residenti jew stabbilit fih dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum mid-data meta sseħħ l-ewwel esportazzjoni.

▼M39

3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1a ma għandhiex tapplika għat-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta’ oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e).

▼M28

4. Permezz ta’ deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li tiddetermina li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma maħsuba għal:

(a) il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-gvern tal-Belarussja fi kwistjonijiet purament ċivili;

▼M28

(b) il-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) it-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(d) is-sigurtà marittima;

▼M36

(e) networks elettroniċi tal-komunikazzjonijiet ċivili mhux disponibbli għall-pubbliku li mhumiex il-proprjetà ta' entità fejn l-Istat għandu l-kontroll totali jew il-kontroll ta' aktar minn 50 % tagħha;

▼M28

(f) l-użu esklużiv ta' entitajiet proprjetà, kontroll esklużiv jew konġunt ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż sieħeb;

▼M39

(g) ir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi sħab, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet;

(h) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fil-Belarussja għajr għall-Gvern u għall-impriżi tagħha li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-Gvern; jew

(i) l-użu esklussiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru li jawtorizza u sabiex jissodisfa l-obbligi ta' manutenzjoni tiegħu f'żoni li huma taħt ftehim ta' kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja;

4a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-punt (e), u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-provvista ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li tkun iddeterminat li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu maħsuba għall-istralċ sas-6 ta' Frar 2024, ta' kuntratti u operazzjonijiet li jkunu għaddejjin fil-5 ta' Awwissu 2023, u li jkunu neċessarji għall-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni ċivili lill-popolazzjoni ċivili Belarussa.

▼M39

4b. B'deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-punti (b), (c), (d) u (h) tal-paragrafu 4.

▼M28

5. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li tkun iddeterminat li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti taħt kuntratti konklużi qabel it-3 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li tali awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

▼M36

5a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8536 69, 8536 90, 8541 30 u 8541 60 sas-6 ta' Frar 2024, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, sa fejn dan ikun neċessarju għall-ipproċessar ta' dawk l-oġġetti fil-Belarussja minn impriża konġunta li fiha kumpanija stabbilita fl-Unjoni jkollha sjieda maġġoritarja fil-5 ta' Awwissu 2023, għall-fini ta' importazzjoni sussegwenti fl-Unjoni u l-produzzjoni sussegwenti fl-Unjoni ta' oġġetti maħsuba għall-użu fis-settur tas-saħħa jew dak farmaċewtiku, jew fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

6. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

▼M28

7. Meta tkun qed tiddeċiedi dwar talba għal awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 4 u 5, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni jekk ikollha raġunijiet validi biex temmen li:

▼M36

(i) l-utent aħħari jista' jkun utent aħħari militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II jew li l-oġġetti jista' jkollhom użu aħħari militari, sakemm il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew l-għoti ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont l-Artikolu 2da (1), il-punt (a); jew

(ii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata tkun maħsuba għas-settur tal-avjazzjoni jew tal-industrija spazjali, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-għoti ta'għajnuna teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 4, il-punt (b).

▼M28

8. L-awtorità kompetenti tista' tannulla, tissospendi, timmodifika jew tirrevoka awtorizzazzjoni li tkun tat skont il-paragrafi 4 u 5 jekk hija tqis li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

9. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 2da

▼M39

1. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness II, permezz ta' deroga mill-Artikolu 2c(1) u (2) u mill-Artikolu 2d(1) u (2), u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu biss jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju u l-oġġetti u teknoloġija imsemmija fl-Artikolu 2d, jew l-għoti ta' għajnuna teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-għajnuna teknika jew finanzjarja relatata jkunu:

▼M39

(a) neċessarji għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent; jew

(b) dovuti taħt kuntratti konklużi qabel it-3 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, sakemm tali awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

▼M28

2. L-awtorizzazzjonijiet meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Tali awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha.

3. L-awtorità kompetenti tista' tannulla, tissospendi, timmodifika jew tirrevoka awtorizzazzjoni li tkun tat skont il-paragrafu 1 jekk hija tqis li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

▼M39

Artikolu 2db

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti u teknoloġija tan-navigazzjoni marittima, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-għoti relatat ta' għajnuna teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal finijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

▼M39

4. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

▼M22

Artikolu 2e

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja ta' oġġetti użati fil-produzzjoni jew il-manifattura ta' prodotti tat-tabakk, minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu tal-bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom għandhom ikunu pprojbiti, irrispettivament minn jekk dawn l-oġġetti u t-teknoloġija joriġinawx fit-territorji tagħhom jew le.

▼M28

1a. Għandu jiġi pprojbit l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1.

▼M22

2. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

▼M28

_____

▼M39

Artikolu 2ea

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti ta' lussu, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni jew le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) il-forniment ta' finanzjament jew ta' għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżiku jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M39

3. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tapplika fuq l-oġġetti ta' lussu sakemm il-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 300 għal kull oġġett, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

4. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal oġġetti li jkunu meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi sħab fil-Belarussja jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali, jew għall-oġġetti personali tal-persunal tagħhom.

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7113 00 00 u 7114 00 00 għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw mill-Unjoni Ewropea jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

6. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn il-Belarussja ta' beni kulturali li huma mislufa fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.

7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 5 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

8. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 2eb

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-akkwist ta' kwalunkwe parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti fi kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja;

(b) l-għoti jew is-sehem fi kwalunkwe arranġament għall-għoti ta' xi self jew kreditu ġdid jew il-forniment b'xi mod ieħor ta' finanzjament, inkluż kapital ta' ekwità, lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja, jew għall-iskop dokumentat ta' finanzjament ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor u li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja; jew

(d) il-forniment ta' servizzi ta' investiment li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a), (b) u (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, kwalunkwe attività msemmija fil-paragrafu 1 wara li jkunu ddeterminaw li:

▼M39

(a) hija neċessarja biex jiġi żgurat il-forniment kritiku tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll it-trasport ta' gass naturali u żejt, inkluż prodotti tal-petroleum raffinat, sakemm dan ma jkunx ipprojbit skont l-Artikolu 2f, mill-Belarussja, jew li jgħaddu mill-Belarussja, lejn l-Unjoni; jew

(b) tikkonċerna esklużivament persuna ġuridika, entità jew korp li joperaw fis-settur tal-enerġija fil-Belarussja proprjetà ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 2 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 2ec

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fir-raffinar taż-żejt u l-likwifikazzjoni tal-gass naturali, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M39

4. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew il-forniment ta’ assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta’ avveniment li x’aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.

F’każijiet debitament ġustifikati ta’ emerġenza, il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

6. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 2f

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta’ prodotti minerali u żejt grezz, jekk joriġinaw mill-Belarussja jew huma esportati mill-Belarussja.

2. Għandu jiġi pprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta’ assistenza teknika, servizzi ta’ senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja jew kwalunkwe servizz ieħor relatat mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal xiri fil-Belarussja ta’ prodotti minerali li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali tax-xerrej fil-Belarussja jew ta’ proġetti umanitarji fil-Belarussja.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għaż-żejt grezz sat-2 ta’ Ottubru 2024, għal tranżazzjonijiet ta’ darba għal kunsinna fi żmien qasir, konklużi u eżegwiti qabel dik id-data, jew għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratti għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ żejt grezz konklużi qabel l-1 ta’ Lulju 2024, jew ta’ kuntratti anċillari neċessarji għal dik l-eżekuzzjoni, dment li dawk il-kuntratti jkunu ġew innotifikati mill-Istat Membri rilevanti lill-Kummissjoni sat-23 ta’ Lulju 2024 u dment li t-tranżazzjonijiet ta’ darba għal kunsinna fi żmien qasir jkunu nnotifikati mill-Istati Membri rilevanti lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem mit-tlestija tagħhom.

▼M39

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu huma mingħajr preġudizzju għat-tranżitu mill-Belarussja ta’ żejt grezz li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 2709 00 li jiġi kkonsenjat permezz ta’ pipeline mir-Russja lejn l-Istati Membri sakemm il-Kunsill jiddeċiedi li l-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 4o tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([1]) għandhom japplikaw għaż-żejt grezz ikkonsenjat permezz ta’ pipeline mir-Russja.

▼M22

Artikolu 2g

1. Ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment mill-Belarussja ta’ prodotti tal-klorur tal-potassju (“potassa”) għandhom ikunu pprojbiti.

▼M28

1a. Għandu jiġi pprojbit l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1.

▼M22

2. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b’dan l-Artikolu.

▼M28

_____

▼M22

Artikolu 2h

Għandu jkun ipprojbit li, b’mod dirett jew indirett, jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta’ investiment jew għajnuna għall-ħruġ ta’, jew inkella li jsir negozju ta’ titoli trasferibbli u strumenti tas-suq monetarji b’maturità itwal minn 90 jum, maħruġa wara d-29 ta’ Ġunju 2021 minn:

▼M26

(a) ir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;

(b) istituzzjoni ewlenija ta’ kreditu stabbilita fil-Belarussja b’aktar minn 50 % ta’ sjieda pubblika jew kontroll pubbliku sa mill-1 ta’ Ġunju 2021, kif elenkata fl-Anness III;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b’mod dirett jew indirett proprjetà ta’ entità msemmija fil-punti (a) u (b) ta’ dan l-Artikolu;

(d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f’isem jew taħt it-tmexxija ta’ entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta dan l-Artikolu.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta’ Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

▼**M29**

Artikolu 2ha

1. Tranżazzjonijiet relatati mal-ġestjoni ta' riżervi kif ukoll ta' assi tal-Bank Ċentrali tal-Belarussja, inkluż tranżazzjonijiet ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem, jew taħt id-direzzjoni tal-Bank Ċentrali tal-Belarussja, huma pprojbiti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw tranżazzjoni dment li dan ikun strettament meħtieġ biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni kollha jew tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 2.

Artikolu 2hb

Għandu jkun ipprojbit li jiġu elenkati u fornuti servizzi mit-12 ta' April 2022 f'ċentri tan-negozjar irreġistrati jew rikonoxxuti fl-Unjoni għattitoli trasferibbli ta' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja u bi sjieda pubblika ta' aktar minn 50 %.

▼**M39**

Artikolu 2hc

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta' kontabilità, awditjar, inkluż awditjar statutorju, żamma tal-kotba jew servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, jew servizzi ta' konsulenza dwar negozju u maniġerjali u servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

2. Għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' konsulenza tal-IT:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

3. Għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika, servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi u servizzi ta' reklamar:

▼M39

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

4. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew il-proviżjoni, direttament jew indirettament, ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali:

(a) lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha; jew

(b) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni tar-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan il-paragrafu.

5. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għall-forniment tagħhom, direttament jew indirettament,lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp; jew

(b) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għall-forniment tagħhom, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament, lir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp.

6. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti li mhumiex konformi ma' dan l-Artikolu konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew għal kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

8. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali fi Stat Membru, jew għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali forniment ta' servizzi jkun konsistenti mal-objettivi ta' din id- Deċiżjoni.

▼M39

9. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw sat-2 ta' Jannar 2025 għall-forniment ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness IV.

10. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi neċessarji għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmija fihom b'tali kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma strettament meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

(a) ineħħi l-kontroll minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkati, inkorporati jew kostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru, li jkunu proprjetà ta', jew ikkontrollati minn din tal-ewwel; u

(b) jiżgura li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkat.

12. B'deroga mill-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmija fih, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma meħtieġa għall-kontribuzzjoni minn ċittadini Belarussi għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.

13. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmija fihom, b'tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa neċessarju għal:

(a) skopijiet umanitarji bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet;

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja;

(c) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiż sħab fil-Belarussja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali;

(d) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tal-mineral tat-titanju, tal-aluminju, tar-ram, tan-nikil, tal-palladju u tal-ħadid;

▼M39

(e) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu ta' infrastrutturi, hardware u software li huma kritiċi għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, jew għas-sikurezza tal-ambjent;

(f) l-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(g) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluż iċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-Belarussja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn il-Belarussja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-data fl-Unjoni; jew

(h) l-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness IV.

14. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment tas-servizzi ta' konsulenza legali msemmija fih bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-kontinwazzjoni ta' inizjattivi eżistenti li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi u fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni internazzjonali.

15. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 11 sa 14 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M22

Artikolu 2i

1. Għandu jkun ipprojbit it-twettiq jew l-appartenenza b'mod dirett jew indirett fi kwalunkwe arranġament biex jitwettaq self jew kreditu ġdid b'maturità li teċċedi 90 jum, wara d-29 ta' Ġunju 2021, lil:

▼M26

(a) ir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;

(b) istituzzjoni ewlenija ta' kreditu stabbilita fil-Belarussja b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika jew kontroll pubbliku sa mill-1 ta' Ġunju 2021, kif elenkata fl-Anness III;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.

▼M22

2. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal self jew krediti li għandhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux projbiti ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluż in-nefqa għal oġġetti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' wkoll tagħti, taħt dawk it-termini li tqis xierqa, awtorizzazzjoni biex tagħmel jew tkun parti miċ-self jew krediti msemmija fil-paragrafu 1 jekk l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li:

(a) l-attivitajiet ikkonċernati huma għall-fini li jingħata appoġġ lill-popolazzjoni ċivili Belarussa, bħal assistenza umanitarja, proġetti ambjentali, u sikurezza nukleari jew is-self jew il-kreditu jkun neċessarju għall-konformità mar-riżerva minima legali jew regolatorja jew rekwiżiti simili biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' solvenza u likwidità għall-entitajiet finanzjarji fil-Belarussja li huma proprjetà maġġoritarji tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni; u

(b) l-attivitajiet jew is-self jew kreditu kkonċernati ma jinvolvux li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, b'mod dirett jew indirett, lil jew għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 4.

Meta jiġu applikati l-kondizzjonijiet taħt il-punti (a) u (b), l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ informazzjoni adegwata fir-rigward tal-użu tal-awtorizzazzjoni mogħtija, inkluż informazzjoni dwar l-għan tal-attivitajiet ikkonċernati u l-kontropartijiet tagħhom.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mil-awtorizzazzjoni.

▼M28

_____

▼M23

Artikolu 2j

▼M26

1. Għandu jkun ipprojbit il-provvediment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lil:

(a) ir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a).

▼M23

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà obbligatorja jew ta' parti terza lil persuni, entitajiet jew korpi Belarussi fejn ir-riskju assigurat jinsab fl-Unjoni jew għall-għoti ta' assigurazzjoni għal missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Belarussja fl-Unjoni.

▼M28

_____

▼M39

Artikolu 2k

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun iċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet f'din id-Deċiżjoni, inkluż bil-parteċipazzjoni f'tali attivitajiet mingħajr ma jitfittxu dak l-objettiv jew l-effett deliberatament iżda bl-għarfien li l-parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-objettiv jew l-effett u li tiġi aċċettata dik il-possibbiltà.

▼M22

Artikolu 2l

Minbarra l-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2i, għandu jkun ipprojbit dan li ġej:

(a) kwalunkwe żborż jew ħlas mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) skont jew b'rabta ma' kwalunkwe ftehim eżistenti bejn ir-Repubblika tal-Belarussja jew kwalunkwe awtorità pubblika tagħha u l-BEI;

(b) il-kontinwazzjoni mill-BEI ta' kwalunkwe Kuntratt eżistenti dwar Servizz ta' Għajnuna Teknika relatat ma' proġetti ffinanzjati skont il-ftehimiet imsemmijin fil-punt (a), u li huma maħsubin għallbenefiċċju dirett jew indirett tar-Repubblika tal-Belarussja jew ta' kwalunkwe awtorità pubblika tagħha li għandhom jitwettqu fil-Belarussja.

Artikolu 2m

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni neċessarja biex jillimitaw l-involviment fil-Belarussja ta' banek multilaterali tal-iżvilupp li tagħhom huma membri, b'mod partikolari l-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, inkluż billi jivvutaw kontra self ġdid jew forom oħra ta' finanzjament lill-entitajiet msemmija fl-Artikolu 2i, ħlief għal dawk imsemmija fil-paragrafi (2) u (3) tiegħu, u mingħajr ma jiġu effettwati proġetti li jiffinanzjaw appoġġ lis-settur provat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

▼M26

Artikolu 2n

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' ebda kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħha tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

▼M29

(a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fl-Artikoli 2h, 2i, 2j, 2y jew elenkati fl-Annessi II jew V;

▼M26

(b) kwalunkwe persuna, entità jew korp ieħor Belarussu;

▼M26

(c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a) jew (b).

▼M28

Artikolu 2o

1. Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) l-importazzjoni, diretta jew indiretta, ta' prodotti tal-injam fl-Unjoni jekk dawn:

(i) joriġinaw fil-Belarussja; jew

(ii) ġew esportati mill-Belarussja;

(b) ix-xiri, dirett jew indirett, ta' prodotti tal-injam msemmija fil-punt (a), li jinsabu fil-Belarussja jew oriġinaw minn hemm;

(c) it-trasport ta' prodotti tal-injam msemmija fil-punt (a) jekk dawn oriġinaw fil-Belarussja jew qed jiġu esportati mill-Belarussja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor;

(d) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-4 ta' Ġunju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 2p

1. Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) l-importazzjoni, diretta jew indiretta, ta' prodotti tas-siment fl-Unjoni jekk dawn:

(i) joriġinaw fil-Belarussja; jew

(ii) ġew esportati mill-Belarussja;

(b) ix-xiri, diretta jew indirett, ta' prodotti tas-siment msemmija fil-punt (a), li jinsabu fil-Belarussja jew oriġinaw minn hemm;

(c) it-trasport ta' prodotti tas-siment msemmija fil-punt (a) jekk dawn oriġinaw fil-Belarussja jew qed jiġu esportati mill-Belarussja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor;

(d) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

▼**M28**

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-4 ta' Ġunju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 2q

1. Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) l-importazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar fl-Unjoni jekk dawn:

(i) joriġinaw fil-Belarussja; jew

(ii) ġew esportati mill-Belarussja;

(b) ix-xiri, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar imsemmija fil-punt (a), li jinsabu fil-Belarussja jew oriġinaw minn hemm;

(c) it-trasportazzjoni ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar imsemmija fil-punt (a) jekk dawn oriġinaw fil-Belarussja jew qed jiġu esportati mill-Belarussja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor;

(d) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-4 ta' Ġunju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 2r

1. Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) l-importazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-lastiku fl-Unjoni jekk dawn:

(i) joriġinaw fil-Belarussja; jew

(ii) ġew esportati mill-Belarussja;

(b) ix-xiri, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-lastiku msemmija fil-punt (a), li jinsabu fil-Belarussja jew oriġinaw minn hemm;

(c) it-trasportazzjoni ta' prodotti tal-lastiku msemmija fil-punt (a) jekk dawn oriġinaw fil-Belarussja jew qed jiġu esportati mill-Belarussja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor;

(d) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

▼M28

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-4 ta' Ġunju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

▼M39

Artikolu 2ra

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jippermettu lill-Belarussja tiddiversifika s-sorsi ta' dħul tagħha, u b'hekk tippermetti l-involviment tagħha fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, jekk dawn joriġinaw mill-Belarussja jew jiġu esportati mill-Belarussja.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan il-paragrafu.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1;

(b) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t- teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-forniment tal-assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal xiri fil-Belarussja li huwa meħtieġ għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew għall-użu personali ta' ċittadini ta' Stati Membri u l-membri tal-familja immedjata tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jippermettu l-importazzjoni ta' oġġetti li huma maħsuba għall-użu strettament personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew ta' membri tal-familja immedjata tagħhom, u limitati għal oġġetti personali proprjetà ta' dawk l-individwi u li huma manifestament mhux maħsuba għall-bejgħ.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, id-dħul fl-Unjoni ta' vettura li taqa' taħt il-kodiċi NM 8703 mhux maħsuba għall-bejgħ u li tkun proprjetà ta':

(a) ċittadin ta' Stat Membru jew ta' membru tal-familja immedjata li jkun residenti fil-Belarussja u li jkun qed isuq il-vettura fl-Unjoni għall-użu strettament personali; jew

▼M39

(b) ċittadin tal-Belarussja li għandu viża valida jew permess ta' residenza li jippermetti d-dħul fl-Unjoni, li jkun qed isuq il-vettura fl-Unjoni għal użu personali strett.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għad-dħul fl-Unjoni ta' vetturi bil-mutur li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8703 dment li jkollhom pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' vettura diplomatika u jkunu meħtieġa għall-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali, jew għall-użu personali tal-persunal tagħhom u tal-membri tal-familja immedjata tagħhom.

7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni vetturi li jkunu diġà jinsabu fit-territorju tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2024 milli jiġu reġistrati fi Stat Membru.

8. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandix tapplika għad-dħul fl-Unjoni ta' vettura li taqa' taħt il-kodiċi NM 8703 maħsuba esklużivament għal skopijiet umanitarji, inkluż għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għat-trasportazzjoni ta' passiġġieri li għandhom ċertifikat maħruġ minn Stat Membru li jiddikjara li huma qegħdin jivvjaġġaw lejn dak l-Istat Membru fil-qafas ta' inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi.

9. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-2 ta' Ottubru 2024 ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti, jew l-għoti ta' għajnuna teknika u finanzjarja relatata, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan ikun neċessarju għall-istabbiliment, l-operat, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti li kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni rilevanti fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8471, 8523, 8536 u 9027, kif elenkati fl-Anness XXVII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li dawk l-oġġetti huma komponenti ta' apparati mediċi u jiddaħħlu fl-Unjoni għall-fini ta' manutenzjoni, tiswija jew ritorn ta' partijiet difettużi.

12. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 10 u 11 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M39

Artikolu 2rb

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb, jekk joriġina mill-Belarussja u ġie esportat mill-Belarussja lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara l-1 ta' Lulju 2024.

2. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' prodotti pproċessati f'pajjiż terz li jinkorpora l-prodotti pprojbiti fil-paragrafu 1.

3. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb, kif elenkat fl-Anness XXII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jekk joriġina mill-Belarussja u jkun ġie esportat mill-Belarussja lejn l-Unjoni wara l-1 ta' Lulju 2024.

4. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f'dawk il-paragrafi.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal deheb li huwa neċessarju għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika għal ġojjellerija tad-deheb għall-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

7. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta' beni kulturali li jkunu b'self fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.

8. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 2rc

1. Mill-1 ta' Lulju 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, jekk joriġinaw mill-Belarussja jew ġew esportati mill-Belarussja lejn l-Unjoni jew lejn xi pajjiż terz.

2. Mill-1 ta' Lulju 2024, għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' djamanti u prodotti li fihom id-djamanti, ta' kwalunkwe oriġini, jekk ikunu għaddew mit-territorju tal-Belarussja.

▼M39

3. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta’ assistenza teknika, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 sa 2, u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f’dawk il-paragrafi;

(b) l-għoti ta’ finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta’ dawk l-oġġetti, jew għall-forniment ta’ għajnuna teknika, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjonijiet f’dawk il-paragrafi.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għad-djamanti jew għal prodotti li fihom id-djamanti għall-użu personali ta’ persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn l-Unjoni jew tal-membri tal-familja immedjata tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, proprjetà ta’ dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

5. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-importazzjoni ta’ beni kulturali li jkunu b’self fil-kuntest ta’ kooperazzjoni kulturali formali mal-Belarussja.

6. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti koperti minn dan l-Artikolu.

▼M28

Artikolu 2s

1. Għandhom jiġu pprojbiti:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' ċertu makkinarju kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja tal-makkinarju msemmi fil-paragrafu 1, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

▼M28

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-makkinarju msemmi fil-paragrafu 1, jew għall-għoti relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

▼M28

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

(c) l-użu temporanju mill-media tal-aħbarijiet;

(d) aġġornamenti ta' software;

(e) l-użu bħala apparat ta' komunikazzjoni tal-konsumatur;

(f) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Belarussja għajr għall-gvern u għall-impriżi tiegħu li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern; jew

(g) l-użu personali tal-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Belarussja, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

Bl-eċċezzjoni tal-punti (f) u (g), fid-dikjarazzjoni doganali tiegħu l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f'dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa għandu r-residenza jew huwa stabbilit dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum minn dik l-ewwel esportazzjoni.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sal-4 ta' Ġunju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Marzu 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼M39

3a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija imsemmija fih, jew il-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, wara li jkunu ddeterminaw li huwa maħsub għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, l-Istati Membri, u l-pajjiżi sħab, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

3b. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3a fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼M28

4. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li jkunu koperti minn dan l-Artikolu.

▼M36

Artikolu 2sa

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretti jew indiretti, tal-oġġetti u t-teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M39

1a. It-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.

▼M36

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, direttament jew indirettament, fir-rigward ta' prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

3. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom: tiġdid, tiswija, spezzjoni, sostituzzjoni, modifika jew rettifika ta' difett ta' inġenju tal-ajru jew komponent, bl-eċċezzjoni ta' spezzjoni ta' qabel it-titjira, fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fir-Belarussja.

▼M39

4. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja; jew

(c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll l-għoti tad-drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

▼M36

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-4 ta' Settembru 2023 ta' kuntratti konklużi qabel il-5 ta' Awwissu 2023, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

6. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, l-eżekuzzjoni ta' kera finanzjarja ta' inġenju tal-ajru konkluża qabel il-5 ta' Awwissu 2023 wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) tkun strettament neċessarja biex tiżgura ripagamenti ta' kiri lil persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru li ma jaqgħu taħt l-ebda waħda mill-miżuri restrittivi previsti f'din id-Deċiżjoni; u

(b) l-ebda riżorsa ekonomika mhi ser tkun disponibbli għall-kontroparti tal-Belarussja, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sjieda tal-inġenju tal-ajru wara rimborż sħiħ tal-kirja finanzjarja.

▼M39

6a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li huma meħtieġa għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.

6b. B'deroga mill-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-forniment ta' assistenza teknika, relatata mal-użu tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali assistenza teknika hija meħtieġa biex tiġi evitata kolliżjoni bejn satelliti, jew id-dħul mill-ġdid mhux intenzjonat tagħhom fl-atmosfera.

▼M36

7. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8517 71 00, 8517 79 00 u 9026 00 00, jew għajnuna teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa neċessarju għal finijiet mediċi jew farmaċewtiċi, jew għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew il-faċilitazzjoni tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet.

Meta jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet għal finijiet mediċi, farmaċewtiċi jew umanitarji f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li l-oġġetti jista' jkollhom użu aħħari militari.

▼M39

7a. B’deroga mill-paragrafu 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja ta’ oġġetti u teknoloġija adatti għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali msemmija fil-paragrafu 1, wara li jkunu ddeterminaw li dawn l-oġġetti jew it-teknoloġija huma maħsuba għall-finijiet stipulati fil-paragrafi 6a, 6b u 7.

7b. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jekk l-oġġetti jkunu maħsuba għall-użu esklużiv u taħt il-kontroll sħiħ tal-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni u sabiex jissodisfa l-obbligi ta’ manutenzjoni tiegħu f’żoni li huma taħt ftehim ta’ kiri fit-tul bejn dak l-Istat Membru u l-Belarussja.

▼M36

8. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

9. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2c(4), il-punt (b), u 2d(4), il-punt (b).

10. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4, il-punt (a), ma għandhiex tapplika għall-iskambju ta’ informazzjoni bil-għan li jiġu stabbiliti standards tekniċi fil-qafas tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1.

11. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

▼M29

Artikolu 2t

1. Għandu jkun ipprojbit li jingħata finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għal kummerċ mal-Belarussja jew għal investiment fil-Belarussja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

(a) impenji ta' finanzjament vinkolanti jew ta' assistenza finanzjarja stabbiliti qabel l-10 ta’ Marzu 2022;

(b) l-għoti ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja sal-valur totali ta' EUR 10 000 000 għal kull proġett li minnu jibbenefikaw intrapriżi żgħar u medji stabbiliti fl-Unjoni; jew

(c) l-għoti ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għal kummerċ fl-ikel u għal skopijiet agrikoli, mediċi jew umanitarji.

▼**M29**

Artikolu 2u

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġi aċċettat kwalunkwe depożitu minn ċittadini Belarussi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fil-Belarussja, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja, jekk il-valur totali tad-depożiti tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għal kull istituzzjoni ta' kreditu jaqbeż l-EUR 100 000.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal depożiti li huma meħtieġa għal kummerċ transfruntier mhux ipprojbit f'oġġetti u f'servizzi bejn l-Unjoni u l-Belarussja.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu, b'dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu hija:

(a) meħtieġa biex tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-paragrafu 1 u l-membri dipendenti tal-familja tagħhom, inkluż pagamenti għall-ikel, il-kera jew l-ipoteka, għal mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(d) meħtieġa għal skopijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu, b'dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu hija:

(a) meħtieġa għal skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet; jew

▼M29

(b) meħtieġa għal attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 2v

1. Għandu jkun ipprojbit li d-depożitorji ċentrali tat-titoli tal-Unjoni jipprovdu kwalunkwe servizz kif definit fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għal titoli trasferibbli maħruġa wara t-12 ta' April 2022 lil kwalunkwe ċittadin Belarussu jew lil kwalunkwe persuna fiżika li tirrisjedi fil-Belarussja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ċittadini ta' Stat Membru jew persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

Artikolu 2w

▼M30

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ ta' titoli trasferibbli denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru maħruġa wara t-12 ta' April 2022 jew unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv li jipprovdu skopertura għal tali titoli, lil kwalunkwe ċittadin Belarussu jew lil kwalunkwe persuna fiżika li tirrisjedi fil-Belarussja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja.

▼M29

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ċittadini ta' Stat Membru jew persuni fiżiċi li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

▼M30

Artikolu 2x

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru lill-Belarussja jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, inkluż il-gvern u il-Bank Ċentrali tal-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru dment li tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jkunu neċessarji għal:

(a) l-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Belarussja jew ta' membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom; jew

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

▼M30

(b) l-iskopijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi, l-uffiċċji konsulari jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.

▼M32

Artikolu 2y

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li jintużaw għall-iskambju ta' data finanzjarja, lill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness V jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' xi waħda mill-entitajiet elenkati fl-Anness V.

2. Għal kull persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness V, il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika mid-data imsemmija għaliha f'dak l-Anness. Il-projbizzjoni għandha tapplika minn dik l-istess data għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' xi waħda mill-entitajiet elenkati fl-Anness V.

▼M30

Artikolu 2z

1. Għandu jkun ipprojbit għal kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fil-Belarussja li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

▼M39

1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għat-trasport ta' oġġetti fit-territorju tal-Unjoni minn impriżi tat-trasport bit-triq, imwettaq permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew is-semitrejlers jingibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra.

1b. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni li 25 % minnu jew aktar ikun proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussu jiġi ammess biex isir impriża tat-trasport bit-triq li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1c. Għandu jkun ipprojbit, mit-2 ta' Awwissu 2024 għal kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fl-Unjoni wara t-8 ta' April 2022, li 25 % minnha jew aktar tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Belarussu li tittrasporta merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.

1d. L-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni għandhom, fuq talba tal-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, jipprovdu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom lil dik l-awtorità nazzjonali kompetenti.

▼M30

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal impriżi tat-trasport bit-triq li jittrasportaw il-posta bħala servizz universali.

▼M39

2a. Il-paragrafi 1b u 1c ma għandhomx japplikaw għal impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fl-Unjoni li 25 % minnhom jew aktar ikunu proprjetà ta' ċittadini Belarussi li huma wkoll ċittadini ta' Stat Membru jew li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

▼M30

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika sas-16 ta' April 2022 għat-trasport tal-merkanzija li beda qabel id-9 ta' April 2022, dment li l-vettura tal-impriża tat-trasport bit-triq:

(a) kienet diġà fit-territorju tal-Unjoni fid-9 ta' April 2022, jew

(b) teħtieġ li tgħaddi mill-Unjoni biex tirritorna lejn il-Belarussja.

▼M39

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' oġġetti minn impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fil-Belarussja jew kwalunkwe impriża tat-trasport bit-triq meta jingarru permezz ta' trejlers jew semitrejlers irreġistrati fil-Belarussja, inkluż jekk dawk it-trejlers jew is-semitrejlers jingibdu minn trakkijiet irreġistrati f'pajjiżi oħra, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li dak it-trasport huwa meħtieġ għal:

▼M30

(a) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti petrolifiċi raffinati, kif ukoll titanju, aluminju, ram, nikil, palladju u mineral tal-ħadid;

(b) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u tal-ikel, inkluż il-qamħ u fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huwa permess skont din id-Deċiżjoni;

(c) għal skopijiet umanitarji; jew,

▼M39

(d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari fil-Belarussja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali;

▼M30

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 3

▼M24

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, tal-persuni elenkati ►M26 Anness I ◄ li:

▼M24

(a) huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja, u kwalunkwe persuna assoċjata magħhom;

(b) jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh; jew

(c) jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw:

(i) il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jew

(ii) it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru.

▼B

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga Stat Membru biex jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux ikun ta’ preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b’xi obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqa’ min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet;

jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jitqies bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru huwa l-pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mil-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat abbażi ta' ħtieġa urġenti umanitarja, jew abbażi tal-attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fil-Bjelorussja.

▼B

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha tiġi kunsidrata bħala mogħtija sakemm wieħed mill-Membri tal-Kunsill jew iktar ma jagħmlux oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul, jew t-transitu mit-territorju tiegħu ta' kwalunkwe persuna mniżżla ►M26 Anness I ◄, l-awtorizazzjoni għandha tkun ristretta għall-għan li għalih tkun ingħatat u għal dik il-persuna kkonċernata b'dan.

Artikolu 4

▼M24

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma minn jew huma kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi elenkati ►M26 Anness I ◄ li jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin għandhom jiġu ffriżati:

(a) persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja, u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp assoċjati ma' tali persuni, entitajiet jew korpi;

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh,;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw:

(i) il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jew

(ii) it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru;

▼M39

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew li b'xi mod ieħor ifixklu b'mod sinifikanti dawk id-dispożizzjonijiet;

(e) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà ta' persuni, entitajiet jew korpi li jaqgħu taħt il-punti (a) sa (d),;

(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati mal-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (b), (c) jew (d).

▼B

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' tali persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati ►M26 Anness I ◄.

▼M20

Artikolu 5

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi ta' kwalunkwe persuna elenkata ►M26 Anness I ◄ u l-membri tal-familja dipendenti minnha, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li jsiru li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti għal servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat ir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u lill-Kummissjoni tal-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

(e) biex jitħallsu fi jew jinħargu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali;

▼M26

(f) maħsuba esklużivament għal:

(i) skopijiet umanitarji, għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;

(ii) l-operat ta' titjiriet fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni internazzjonali;

(iii) l-operat ta' titjiriet meħtieġa għall-attendenza f'laqgħat bl-objettiv li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarussja jew biex jiġu promossi l-objettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi;

(iv) inżul, tlugħ jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju minn trasportatur tal-ajru tal-UE, f'każ ta' emerġenza; jew

▼M20

(g) meħtieġa biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti u identifikati b'mod ċar dwar is-sikurezza tal-ajru u wara konsultazzjoni minn qabel tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼B

2. L-Artikolu 4(2) m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew li saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK jew din id-Deċiżjoni.

u dment li tali imgħax, dħul u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-Artikolu 4(1) ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Artikolu 4(1) m'għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat milli jagħmel pagament dovut skont kuntratt li kien daħal għalih qabel ma tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ġie elenkat fil-lista, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fl-Artikolu 4 (1).

▼M26

4. "B"deroga mill-Artikolu 4(1), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 4 jkunu ġew elenkati fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

▼M39

Artikolu 5a

B'deroga mill-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I, jew il-forniment ta' servizzi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, skont dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa strettament meħtieġ għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' firewall li:

▼M39

(a) ineħħi l-kontroll ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkat, inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkunu proprjetà ta', jew ikkontrollati minn, dik tal-ewwel; u

(b) jiżgura li l-ebda fond jew riżorsa ekonomika ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati.

Artikolu 5b

1. B'deroga mill-Artikoli 1b, 2c, 2d, 2db, 2e, 2ea, 2ec, 2s u 2sa, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi Va, VI, XIV, XVII, XVIII, XX, XXIV, u XXV tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 sal-31 ta' Diċembru 2024, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment ikun strettament meħtieġ għall-iżvestiment mill-Belarussja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oġġetti u t-teknoloġiji jkunu proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda bażi raġonevoli biex jemmnu li l-oġġetti u t-teknoloġiji jistgħu jkunu għal utent aħħari militari jew ikollhom użu aħħari militari fil-Belarussja; u

(c) l-oġġetti u t-teknoloġiji kkonċernati kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma daħlu fis-seħħ il-projbizzjonijiet rilevanti fl-Artikoli 1b, 2c, 2d, 2db, 2e, 2ea, 2ec, 2s u 2sa fir-rigward ta' dawk l-oġġetti u t-teknoloġiji.

2. B'deroga mill-Artikolu 2f, sa fejn għandhom x'jaqsmu prodotti minerali, u mill-Artikoli 2o, 2p, 2q, 2r, 2ra u 2rb, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Annessi VII, X, XI, XII, XIII, XXI, XXII, u XXVII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 sal-31 ta' Diċembru 2024, fejn tali importazzjoni jew trasferiment ikun strettament meħtieġ għall-iżvestiment mill-Belarussja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-oġġetti jkunu proprjetà ta' ċittadin ta' Stat Membru jew ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fil-Belarussja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati b'mod uniku jew konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru; u

(b) l-oġġetti kkonċernati kienu jinsabu fiżikament fil-Belarussja qabel ma l-projbizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 2f, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti minerali, jew fl-Artikoli 2o, 2p, 2q, 2r, 2ra u 2rb, daħlu fis-seħħ fir-rigward ta' dawk l-oġġetti.

▼M39

3. B'deroga mill-Artikolu 2hc, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-forniment tas-servizzi elenkati fih sal-31 ta' Diċembru 2024 meta tali forniment ta' servizzi jkun strettament neċessarju għall-iżvestiment mill-Belrussja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belrussja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tali servizzi huma pprovduti għall-benefiċċju esklużiv tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi li jirriżultaw mill-iżvestiment; u

(b) l-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għal awtorizzazzjonijiet ma jkollhom l-ebda raġuni raġonevoli biex jemmnu li s-servizzi jistgħu jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, lill-Gvern tal-Belarussja jew lil utent finali militari jew ikollhom użu finali militari fil-Belarussja;

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1, 2 jew 3 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 5c

1. Għall-finijiet tal-projbizzjonijiet tal-importazzjoni tal-oġġetti previsti f'din id-Deċiżjoni, l-oġġetti fiżikament fl-Unjoni jistgħu jiġu rilaxxati, kif previst fl-Artikolu 5, il-punt (26), tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), mill-awtoritajiet doganali dment li dawn ikunu ġew ippreżentati lid-dogana f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni qabel id-dħul fis-seħħ jew id-data ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet tal-importazzjoni rispettivi, skont liema tkun l-aktar reċenti.

2. Il-passi proċedurali kollha meħtieġa għar-rilaxx imsemmi fil-paragrafi 1 u 5 tal-oġġetti rilevanti skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandhom ikunu permessi.

3. L-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx tal-oġġetti jekk ikollhom bażi raġonevoli biex jissuspettaw ċirkomvenzjoni u ma għandhomx jawtorizzaw l-esportazzjoni mill-ġdid tal-oġġetti lejn il-Belarussja.

4. Il-ħlasijiet relatati ma' tali oġġetti għandhom ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari l-projbizzjoni fuq ix-xiri.

5. L-oġġetti fiżikament fl-Unjoni u ppreżentati lid-dogana qabel l-1 ta' Lulju 2024 li twaqqfu skont l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu rilaxxati mill–awtoritajiet doganali skont il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 5d

1. Meta jbigħu, ifornu, jittrasferixxu jew jesportaw lejn pajjiż terz, bl-eċċezzjoni ta' pajjiżi elenkati fl-Anness IVa, oġġetti jew teknoloġija kif elenkat fl-Annessi XVI, XVII, XXVIII tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, oġġetti komuni ta' prijorità għolja kif elenkat fl-Anness XXX tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew armi tan-nar u munizzjon kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012, l-esportaturi għandhom jipprojbixxu kuntrattwalment l-esportazzjoni mill-ġdid lejn il-Belarussja u l-esportazzjoni mill-ġdid għall-użu fil-Belarussja.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

▼M39

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti relatati ma' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8457 10, 8458 11, 8458 91, 8459 61, 8466 93, kif elenkati fl-Anness XXX għar-Regolament (KE) Nru 765/2006;

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2024 saddata tal-iskadenza tagħhom.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal kuntratti pubbliċi konklużi ma' awtorità pubblika f'pajjiż terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

4. L-esportaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew stabbiliti bi kwalunkwe kuntratt pubbliku li kkonkludew li bbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-paragrafu 3, fi żmien ġimagħtejn mill-konklużjoni tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni riċevuta skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċeviha.

5. B'applikazzjoni tal-paragrafu 1, esportaturi għandhom jiżguraw li l-ftehim mal-kontroparti ta' pajjiż terz ikun fih rimedji adegwati f'każ ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1.

6. Jekk il-kontroparti tal-pajjiż terz tikser kwalunkwe wieħed millobbligi kuntrattwali konklużi f'konformità mal-paragrafu 1, l-esportaturi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew stabbiliti hekk kif isiru jafu b'dak il-ksur.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet identifikati ta' ksur jew ċirkomvenzjoni ta' obbligu kuntrattwali konkluż f'konformità mal-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 6

▼M10

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta emendi għal-lista li tinsab ►M26 l-Anness I, l-Anness II, u l-Anness III ◄ skont kif ikun meħtieġ millisviluppi politiċi fil-Bjelorussja.

▼B

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna kkonċernata, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar tagħha fil-lista, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lil tali persuna bil-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lillpersuna ikkonċernata kif meħtieġ.

▼M26

Artikolu 6a

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") jistgħu jipproċessaw id-*data* personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

▼M26

(a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tħejjija u l-emendar tal-Anness I;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tħejjija ta' emendi għall-Anness I.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, *data* rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa mill-persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni penali jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lil tali persuni, biss sa fejn tali proċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness I.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" skont it-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

▼M39

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar, l-awtoritajiet doganali fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), kif ukoll l-amministraturi tar-reġistri uffiċjali fejn persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli huma rreġistrati, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw mingħajr dewmien informazzjoni, inkluża data personali u, jekk meħtieġ, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6b, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istat Membru tagħhom, ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni, jekk tali pproċessar u skambju jkun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-awtorità tal-ipproċessar jew tal-awtorità riċeventi skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari meta jidentifikaw każijiet ta' ksur jew ċirkomvenzjoni, jew tentattivi ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

([1]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/*KE (*ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

([4]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/*UE (*ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

▼M39

Artikolu 6b

1. B'mod konsistenti mar-rispett għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom iggarantiti fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, fejn applikabbli, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet ġudizzjarji, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) jipprovdu kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu fi żmien ġimagħtejn mill-kisba ta' din l-informazzjoni; u

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti f'kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom għandha tinkludi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet relatati mal-pariri legali pprovduti minn professjonisti ċċertifikati oħrajn li huma awtorizzati skont il-liġi nazzjonali biex jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom fi proċedimenti ġudizzjarji, sakemm tali parir legali jiġi pprovdut b'konnessjoni ma' proċedimenti ġudizzjarji pendenti jew prospettivi.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jirċievi skont il-paragrafu 1 fi żmien xahar minn meta jirċeviha. L-Istat Membru kkonċernat jista' jittrażmetti tali informazzjoni f'forma anonimizzata jekk awtorità investigattiva jew ġudizzjarja tkun iddikjaratha kunfidenzjali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali pendenti jew proċedimenti ġudizzjarji kriminali.

4. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali riċevuta direttament mill-Kummissjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

5. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta.

▼B

Artikolu 7

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżlin f'din id-Deċiżjoni.

▼M26

Artikolu 7a

L-azzjonijiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhom joħolqu ebda tip ta' responsabbiltà fuqhom, jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

▼M27

Artikolu 8

▼M38

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta’ Frar 2025.

▼M27

2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

▼M37

3. L-eċċezzjoni msemmija fl-Artikoli 5(1)(f)(i) fir-rigward tal-Artikolu 4(1) u (2) għandha tiġi riveduta f’intervalli regolari, u mill-inqas kull tnax-il xahar, jew fuq talba urġenti ta’ kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli, jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.

▼B

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012

▼M22

ANNESS I

▼M18

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)

A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
1.	Uladzimir Uladzimiravich NAVUMAU, Vladimir Vladimirovich NAUMOV	Уладзімір Уладзіміравіч НАВУМАЎ Владимир Владимирович НАУМОВ	Posizzjoni(jiet): Eks Ministru għall-Affarijiet Interni; eks Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President Data tat-twelid: 7.2.1956 Post tat-twelid: Smolensk, eks Unjoni Sovjetika (illum, Federazzjoni Russa) Sess: raġel	Naqas milli jieħu azzjoni biex jinvestiga l-każ tal-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999 u fl-2000. Eks Ministru għall-Affarijiet Interni u wkoll eks Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President. Bħala Ministru għall-Affarijiet Interni huwa kien responsabbli għar-repressjoni matul id-dimostrazzjonijiet paċifiċi sakemm irtira fis-6 ta' April 2009 għal raġunijiet ta' saħħa. Ingħata residenza f'Minsk fid-distrett tan-nomenklatura Drozdy mill-Amministrazzjoni Presidenzjali. F'Ottubru 2014 ingħata l-Ordni "Għall-Mertu" grad III mill-President Lukashenka.	24.9.2004
▼M27 2.	Dzmitry Valerievich PAULICHENKA, Dmitri Valerievich PAVLICHENKO (Dmitriy Valeriyevich PAVLICHENKO)	Дзмітрый Валер'евіч ПАЎЛІЧЭНКА Дмитрий Валериевич ПАВЛИЧЕНКО	Posizzjoni(jiet): eks Kmandant tal-Unità ta' Reazzjoni Rapida Speċjali (SOBR) Kmandant ta' unità tal-OMON Data tat-Twelid: 1966 Post tat-twelid: Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum, Belarussja) Indirizz: Belarusian Association of Veterans of Special Forces of the Ministry of Internal Affairs "Honour", 111 Mayakovskogo St., 220028 Minsk, Belarus Sess: raġel	Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999-2000. Eks Kmandant tal-Unità ta' Reazzjoni Rapida Speċjali (SOBR) fil-Ministeru għall-Intern. Negozjant, Kap ta' "Honour" (Unur), l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru għall-Intern tal-Veterani tal-Forzi Speċjali tal-Ministeru għall-Intern. Huwa ġie identifikat bħala kmandant ta' unità tal-OMON matul ir-repressjoni brutali fuq id-dimostrant, li seħħet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020.	24.9.2004

▼M27

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
3.	Viktar Uladzimiravich SHEIMAN (Viktar Uladzimiravich SHEYMAN) Viktor Vladimirovich SHEIMAN (Viktor Vladimirovich SHEYMAN)	Віктар Уладзіміравіч ШЭЙМАН Виктор Владимирович ШЕЙМАН	Posizzjoni(jiet): Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate Data tat-Twelid: 26.5.1958 Post tat-twelid: Soltanishki, Reġjun/Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Indirizz: Belarus President Property Management Directorate, 38 Karl Marx St., 220016 Minsk, Belarus Sess: raġel	Eks Kap tal-Belarus President Property Management Directorate. Responsabbli għall-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belarussja fl-1999-2000. Eks Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sheiman għadu Assistent Speċjali tal-President. Huwa għadu membru influwenti u attiv tar-reġim ta' Lukashenka.	24.9.2004
▼M18					
4.	Iury Leanidavich SIVAKAU (Yuri Leanidavich SIVAKAU, SIVAKOU) Iury (Yuri) Leonidovich SIVAKOV	Юрый Леанідавіч СІВАКАЎ, СІВАКОЎ Юрий Леонидович СИВАКОВ	Posizzjoni(jiet): Eks Ministru għall-Affarijiet Interni; eks Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Data tat-twelid: 5.8.1946 Post tat-twelid: Onory, Reġjun/Oblast ta' Sakhalin, eks Unjoni Sovjetika (illum, Belarussja) Indirizz: Belarusian Association of Veterans of Special Forces of the Ministry of Internal Affairs "Honour", 111 Mayakovskogo St., Minsk 220028, Belarus Sess: raġel	Organizza l-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Belaussja fl-1999 u l-2000. Eks Ministru għat-Turiżmu u l-Isport, eks Ministru għall-Affarijiet Interni u eks Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali.	24.9.2004
5.	Yuri Khadzimuratavich KARAEU Yuri Khadzimuratovich KARAEV	Юрый Хаджымуратавіч КАРАЕЎ Юрий Хаджимуратович КАРАЕВ	Posizzjoni(jiet): (Eks Ministru għall-Affarijiet Interni; Logutenent Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija); Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna Data tat-twelid: 21.6.1966 Post tat-twelid: Ordzhonikidze eks Unjoni Sovjetika (issa Vladikavkaz, Federazzjoni Russa) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala Ministru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala assistent tal-President tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Traślitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traślitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
6.	Genadz Arkadzievich KAZAKEVICH Gennadi Arkadievich KAZAKEVICH	Генадзь Аркадзьевіч КАЗАКЕВІЧ Геннадий Аркадьевич КАЗАКЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni – Kap tal-Milizzja Kriminali, Kurunell tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 14.2.1975 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni. Għadu jżomm il-kariga tiegħu ta' Kap tal-Milizzja Kriminali.	2.10.2020
7.	Aliaksandr Piatrovich BARSUKOU Alexander (Alexandr) Petrovich BARSUKOV	Аляксандр Пятровіч БАРСУКОЎ Александр Петрович БАРСУКОВ	Posizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Logutenent Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija); Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk Data tat-twelid: 29.4.1965 Post tat-twelid: Distrett ta' Vetkovski (Vetka), eks USSR (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala assistent tal-President tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk.	2.10.2020

▼M27

8.	Siarhei Mikalaevich KHAMENKA Sergei Nikolaevich KHOMENKO	Сяргей Мікалаевіч ХАМЕНКА Сергей Николаевич ХОМЕНКО	Posizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Ministru għall-Ġustizzja Data tat-Twelid: 21.9.1966 Post tat-twelid: Yasinovataya, eks Unjoni Sovjetika (issa Ukrajna) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Ministru għall-Ġustizzja.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
9.	Yuri Genadzevich NAZARANKA Yuri Gennadievich NAZARENKO	Юрый Генадзевіч НАЗАРАНКА Юрий Геннадьевич НАЗАРЕНКО	Posizzjoni(jiet): Eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Eks Kmandant tat-Truppi Interni; L-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, Ġeneral Maġġur tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 17.4.1976 Post tat-twelid: Slonim, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni u Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni u Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika.	2.10.2020
▼M34 10.	Khazalbek Baktibekavich ATABEKAU Khazalbek Bakhtibekovich ATABEKOV	Хазалбек Бактібекавіч АТАБЕКАЎ Хазалбек Бахтибекович АТАБЕКОВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kmandant tat-Truppi Interni Data tat-twelid: 18.3.1967 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ġie mgħoddi għar-riżerva militari f'Marzu 2022 permezz tad-digriet ta' Aliaksandr Lukashenka. Huwa għandu d-dritt jilbes uniformi u insinja militari.	2.10.2020
▼M38 11.	Aliaksandr Valerievich BYKAU Alexander (Alexandr) Valerievich BYKOV	Аляксандр Валер'евіч БЫКАЎ Александр Валерьевич БЫКОВ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni, eks Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR), Logutenent Kurunell Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR) tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-SOBR wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Aliaksandr Sviataslavavich SHEPELEU Alexander (Alexandr) Svyatoslavovich SHEPELEV	Аляксандр Святаслававіч ШЭПЕЛЕЎ Александр Святославович ШЕПЕЛЕВ	Posizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment għas-Sikurezza u s-Sigurtà, Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 14.10.1975 Post tat-twelid: ir-raħal ta' Rublevsk, distrett ta' Kruglyanskiy, Reġjun/Oblast ta' Mogilev/Mahiliou, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni għolja tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment għas-Sikurezza u s-Sigurtà fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa involut fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	2.10.2020
13.	Dzmitry Uladzimiravich BALABA Dmitry Vladimirovich BALABA	Дзмітрый Уладзіміравіч БАЛАБА Дмитрий Владимирович БАЛАБА	Posizzjoni(jiet): Kap tal-OMON ("Taqsima Distakkata Speċjali tal-Milizzja") għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 1.6.1972 Post tat-twelid: ir-raħal ta' Gorodilovo, Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fuq il-forzi tal-OMON f'Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON f'Minsk wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	2.10.2020
14.	Ivan Uladzimiravich KUBRAKOU Ivan Vladimirovich KUBRAKOV	Іван Уладзіміравіч КУБРАКОЎ Иван Владимирович КУБРАКОВ	Posizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk; Ministru għall-Affarijiet Interni, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 5.5.1975 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Malinovka, Reġjun/Oblast ta' Mogilev/Mahiliou, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni li kellu ta' Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ministru għall-Affarijiet Interni.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
15.	Maxim Aliaksandravich GAMOLA (HAMOLA) Maxim Alexandrovich GAMOLA	Максім Аляксандравіч ГАМОЛА Максим Александрович ГАМОЛА	Posizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk; Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Belt ta' Minsk, Kap tal-Pulizija Kriminali Sess: raġel	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tal-Belt ta' Minsk u Kap tal-Pulizija Kriminali	2.10.2020
▼M27 16.	Aliaksandr Mikhailavich ALIASHKEVICH Alexander Mikhailovich ALESHKEVICH	Аляксандр Міхайлавіч АЛЯШКЕВІЧ Александр Михайлович АЛЕШКЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk, Kap tal-Pulizija Kriminali Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovsky, Minsk u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Leninsky, Minsk.	2.10.2020
▼M34 17.	Andrei Vasilievich GALENKA Andrey Vasilievich GALENKA	Андрэй Васільевіч ГАЛЕНКА Андрей Васильевич ГАЛЕНКА	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka u qed iservi bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
18.	Aliaksandr Paulavich VASILIEU Alexander Pavlovich VASILIEV	Аляксандр Паўлавіч ВАСІЛЬЕЎ Александр Павлович ВАСИЛЬЕВ	Posizzjoni(jiet):Eks Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/ Homyel Kap tal-Akkademja tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni Data tat-Twelid: 24.3.1975 Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	2.10.2020
19.	Aleh Mikalaevich SHULIAKOUSKI Oleg Nikolaevich SHULIAKOVSKI	Алег Мікалаевіч ШУЛЯКОЎСКІ Олег Николаевич ШУЛЯКОВСКИЙ	Posizzjoni(jiet):Eks l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/ Homyel Kap tal-Pulizija Kriminali Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest Data tat-Twelid: 26.7.1977 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun /l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest.	2.10.2020
▼M34					
20.	Anatol Anatolievich VASILIEU Anatoli Anatolievich VASILIEV	Анатоль Анатольевіч ВАСІЛЬЕЎ Анатолий Анатольевич ВАСИЛЬЕВ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, Eks Viċi President tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 26.1.1972 Post tat-twelid: Gomel/Homyel, Gomel/Homyel Region/Oblast, qabel il-USSR (illum Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Gomel/Homyel, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika.	2.10.2020

▼M27

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
21.	Aliaksandr Viachaslavavich ASTREIKA Alexander Viacheslavovich ASTREIKO	Аляксандр Вячаслававіч АСТРЭЙКА Александр Вячеславович АСТРЕЙКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk Data tat-Twelid: 22.12.1971 Post tat-twelid: Kapyl, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest u Maġġur Ġeneral tal-Milizzja, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak ir-reġjun/l-oblast kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk.	2.10.2020

▼M34

22.	Leanid ZHURAUSKI Leonid ZHURAVSKI	Леанід ЖУРАЎСКІ Леонид ЖУРАВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tal-OMON ("Stakkament tal-Pulizija għal Skopijiet Speċjali") f'Vitebsk/Viciebsk Data tat-twelid: 20.9.1975 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' kmand fuq il-forzi tal-OMON f'Vitebsk/Viciebsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON f'Vitebsk/Viciebsk wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin ta' dimostranti paċifiċi.	2.10.2020

▼M18

23.	Mikhail DAMARNACKI Mikhail DOMARNATSKY	Міхаіл ДАМАРНАЦКІ Михаил ДОМАРНАЦКИЙ	Posizzjoni(jiet): Kap tal-OMON ("Stakkament tal-Pulizija għal Skopijiet Speċjali") f'Gomel/Homyel Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fuq il-forzi tal-OMON f'Gomel/Homyel, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON f'Gomel/Homyel wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin ta' dimostranti paċifiċi.	2.10.2020
24.	Maxim MIKHOVICH Maxim MIKHOVICH	Максім МІХОВІЧ Максим МИХОВИЧ	Posizzjoni(jiet): Kap tal-OMON ("Stakkament tal-Pulizija għal Skopijiet Speċjali") fi Brest, Logutenent Kurunell Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fuq il-forzi tal-OMON fi Brest, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON fi Brest wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin ta' dimostranti paċifiċi.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
25.	Aleh Uladzimiravich MATKIN Oleg Vladimirovitch MATKIN	Алег Уладзіміравіч МАТКІН Олег Владимирович МАТКИН	Posizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, Maġġur-Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali li għandu awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fuq dimostranti paċifiċi.	2.10.2020
26.	Ivan Yurievich SAKALOUSKI Ivan Yurievich SOKOLOVSKI	Іван Юр'евіч САКАЛОЎСКІ Иван Юрьевич СОКОЛОВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Direttur taċ-ċentru ta' detenzjoni Akrestina, Minsk Sess: raġel	Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur taċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Akrestina f'Minsk, huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, imwettaq fuq ċittadini detenuti fiċ-ċentru ta' detenzjoni Akrestina wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020.	2.10.2020
27.	Valeri Paulavich VAKULCHYK Valery Pavlovich VAKULCHIK	Валерый Паўлавіч ВАКУЛЬЧЫК Валерий Павлович ВАКУЛЬЧИК	Posizzjoni(jiet): Eks President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB). Eks Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest Data tat-twelid: 19.6.1964 Post tat-twelid: Radostovo, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu bħala President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Assistent tal-President tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Brest.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
28.	Siarhei Yaugenavich TSERABAU Sergey Evgenievich TEREBOV	Сяргей Яўгенавіч ЦЕРАБАЎ Сергей Евгеньевич ТЕРЕБОВ	Posizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB) Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Borisov/Barisaw, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), huwa responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni.	2.10.2020
29.	Dzmitry Vasilievich RAVUTSKI Dmitry Vasilievich REUTSKY	Дзмітрый Васільевіч РАВУЦКІ Дмитрий Васильевич РЕУЦКИЙ	Posizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), huwa responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni.	2.10.2020
▼M27 30.	Uladzimir Viktaravich KALACH Vladimir Viktorovich KALACH	Уладзімір Віктаравіч КАЛАЧ Владимир Викторович КАЛАЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB) Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja - Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija li kellu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Assistent tal-President tar-Repubblika tal-Belarussja – Spettur għar-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk.	2.10.2020
31.	Alieg Anatolevich CHARNYSHOU Oleg Anatolievich CHERNYSHEV	Алег Анатольевіч ЧАРНЫШОЎ Олег Анатольевич ЧЕРНЫШЁВ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB) Viċi President tal-Presidju tal-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenzi Sess: raġel Grad: Maġġur Ġeneral	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija li kellu bħala Viċi President tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Istat (KGB), huwa kien responsabbli għall-parteċipazzjoni tal-KGB fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi u membri tal-oppożizzjoni. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Viċi President tal-Presidju tal-Akkademja Nazzjonali tax-Xjenzi.	2.10.2020

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
32.	Aliaksandr Uladzimiravich KANYUK Alexander (Alexandr) Vladimirovich KONYUK	Аляксандр Уладзіміравіч КАНЮК Александр Владимирович КОНЮК	Posizzjoni(jiet): Eks Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Armenja Data tat-twelid: 11.7.1960 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Prosekutur Ġenerali, huwa responsabbli għall-użu mifrux ta' proċeduri kriminali biex jiġu skwalifikati kandidati tal-oppożizzjoni qabel l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u biex persuni ma jitħallewx jingħaqdu mal-Kunsill ta' Koordinazzjoni mniedi mill-oppożizzjoni biex jikkontesta l-eżitu tal-elezzjoni. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala ambaxxatur tal-Belarussja għall-Armenja.	2.10.2020
33.	Lidzia Mihailauna YARMOSHINA Lidia Mikhailovna YERMOSHINA	Лідзія Міхайлаўна ЯРМОШЫНА Лидия Михайловна ЕРМОШИНА	Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-Twelid: 29.1.1953 Post tat-twelid: Slutsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC), hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u t-tmexxija tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
34.	Vadzim Dzmitryevich IPATAU Vadim Dmitrievich IPATOV	Вадзім Дзмітрыевіч ІПАТАЎ Вадим Дмитриевич ИПАТОВ	Posizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 30.10.1964 Post tat-twelid: Kolomyia, Reġjun/Oblast ta' Ivano-Frankivsk, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Ukrajna) Sess: raġel	Bħala Viċi President tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u t-tmexxija tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M34					
35.	Alena Mikalaeuna DMUHAILA Elena Nikolaevna DMUHAILO	Алена Мікалаеўна ДМУХАЙЛА Елена Николаевна ДМУХАЙЛО	Pożizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 1.7.1971 Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala s-Segretarju tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u t-tmexxija tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
▼M18					
36.	Andrei Anatolievich GURZHY Andrey Anatolievich GURZHIY	Андрэй Анатольевіч ГУРЖЫ Андрей Анатольевич ГУРЖИЙ	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 10.10.1975 Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
37.	Volga Leanidauna DARASHENKA Olga Leonidovna DOROSHENKO	Вольга Леанідаўна ДАРАШЭНКА Ольга Леонидовна ДОРОШЕНКО	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 1976 Sess: mara	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
38.	Siarhei Aliakseevich KALINOUSKI Sergey Alexeyevich KALINOVSKIY	Сяргей Аляксеевіч КАЛІНОЎСКІ Сергей Алексеевич КАЛИНОВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 3.1.1969 Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
▼M38 39.	Sviatlana Piatrouna KATSUBA Svetlana Petrovna KATSUBO	Святлана Пятроўна КАЦУБА Светлана Петровна КАЦУБО	Pożizzjoni(jiet): President tal-Istudji Umanistiċi Soċjali u d-Dixxiplini Legali fl-Università Teknika Statali ta' Gomel/Homyel, eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 6.8.1959 Post tat-twelid: Podilsk, Odessa Region/Oblast, eks USSR (issa Ukraine) Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Istudji Umanistiċi Soċjali u d-Dixxiplini Legali fl-Università Teknika Statali ta' Gomel/Homyel.	2.10.2020
▼M18 40.	Aliaksandr Mikhailavich LASYAKIN Alexander (Alexandr) Mikhailovich LOSYAKIN	Аляксандр Міхайлавіч ЛАСЯКІН Александр Михайлович ЛОСЯКИН	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 21.7.1957 Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

		Ismijiet (Traślitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traślitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M38	41.	Igar Anatolievich PLYSHEUSKI Ihor Anatolievich PLYSHEVSKIY	Ігар Анатольевіч ПЛЫШЭЎСКІ Игорь Анатольевич ПЛЫШЕВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Direttur Maniġerjali ta' OOO Bergia Group, eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 19.2.1979 Post tat-twelid: Lyuban, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa kien responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala d-Direttur Maniġerjali ta' OOO Bergia Group.	2.10.2020
▼M34	42.	Marina Yureuna RAKHMANAVA Marina Yurievna RAKHMANOVA	Марына Юр'еўна РАХМАНАВА Марина Юрьевна РАХМАНОВА	Pożizzjoni(jiet): Eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 26.9.1970 Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
▼M38	43.	Aleh Leanidavich SLIZHEUSKI Oleg Leonidovich SLIZHEVSKI	Алег Леанідавіч СЛІЖЭЎСКІ Олег Леонидович СЛИЖЕВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Kumitat Permanenti tal-Istat tal-Unjoni tal-Belarussja u r-Russja, eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 16.8.1972 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa kien responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

▼M38

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Kumitat Permanenti tal-Istat tal-Unjoni tal-Belarussja u r-Russja.	
44.	Irina Aliaksandrauna TSELIKAVETS Irina Alexandrovna TSELIKOVEC	Ірына Аляксандраўна ЦЭЛІКАВЕЦ Ирина Александровна ЦЕЛИКОВЕЦ	Pożizzjoni(jiet): Eks Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 2.11.1976 Post tat-twelid: Zhlobin, eks USSR (issa Belarus) Sess: mara	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija kienet responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, fil-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
▼M18 45.	Aliaksandr Ryhoravich LUKASHENKA Alexander (Alexandr) Grigorievich LUKASHENKO	Аляксандр Рыгоравіч ЛУКАШЭНКА Александр Григорьевич ЛУКАШЕНКО	Posizzjoni(jiet): President tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 30.8.1954 Post tat-twelid: Kopys settlement, Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Bħala l-President tal-Belarussja b'awtorità fuq il-korpi statali, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti mwettqa mill-apparat tal-Istat qabel u wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari l-esklużjoni ta' kandidati ewlenin tal-oppożizzjoni, arresti arbitrarji u l-maltrattament ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	6.11.2020
▼M27 46.	Viktar Aliaksandravich LUKASHENKA Viktor Aleksandrovich LUKASHENKO	Віктар Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА Виктор Александрович ЛУКАШЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali, Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali tal-Belarussja Data tat-Twelid: 28.11.1975 Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev (eks Unjoni Sovjetika, issa Belarussja) Sess: raġel Identità Personali: 3281175A014PB8	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali u Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll il-pożizzjoni superviżorja informali tiegħu fuq il-forzi tas-sigurtà tal-Belarussja, huwa kien u għadu responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali. F'din il-pożizzjoni, li nħatar għaliha fis-26 ta' Frar 2021, huwa responsabbli għat-trattament ħażin mill-uffiċjali tal-NOC tal-atleta Krystsina Tsimanouskaya matul l-Olimpjadi tas-Sajf tal-2020 f'Tokyo.	6.11.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
47.	Ihar Piatrovich SERGYAENKA Igor Petrovich SERGEENKO	Ігар Пятровіч СЕРГЯЕНКА Игорь Петрович СЕРГЕЕНКО	Posizzjoni(jiet): Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Data tat-twelid: 14.1.1963 Post tat-twelid: Il-villaġġ ta' Stolitsa fir-Reġjun/l-Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk (eks Unjoni Sovjetika, issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, huwa assoċjat mill-qrib mal-President u responsabbli milli tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-setgħat presidenzjali fil-qasam tal-politika domestika u barranija. Għaldaqstant qiegħed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka, inkluż fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020.	6.11.2020
48.	Ivan Stanislavavich TERTEL Ivan Stanislavovich TERTEL	Іван Станіслававіч ТЭРТЭЛЬ Иван Станиславович ТЕРТЕЛЬ	Posizzjoni(jiet): President tal-Kumitat tas-Sigurtà Statali (KGB), eks President tal-Kumitat ta' Kontroll Statali Data tat-twelid: 8.9.1966 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Privalka/Privalki fir-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala President tal-Kumitat tas-Sigurtà Statali (KGB) u fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-President tal-Kumitat ta' Kontroll Statali, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti.	6.11.2020
▼M27 49.	Raman Ivanavich MELNIK Roman Ivanovich MELNIK	Раман Іванавіч МЕЛЬНІК Роман Иванович МЕЛЬНИК	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk Data tat-Twelid: 29.5.1964 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk.	6.11.2020
96.	Anastasia Dzmitreuna KULIK Anastasia Dmitrievna KULIK	Анастасія Дзмітрыеўна КУЛІК Анастасия Дмитриевна КУЛИК	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 28.07.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, Anastasia Kulik hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Aliaksandr Zakharevich, meqjus priġunier politiku minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
97.	Maksim Leanidavich TRUSEVICH Maksim Leonidovich TRUSEVICH	Максім Леанідавіч ТРУСЕВІЧ Максим Леонидович ТРУСЕВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 12.08.1989 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, Maksim Trusevich huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
98.	Tatsiana Yaraslavauna MATYL Tatiana Yaroslavovna MOTYL	Тацяна Яраславаўна МАТЫЛЬ Татьяна Ярославовна МОТЫЛЬ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Moskovsky f'Minsk Data tat-twelid: 20.01.1968 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Moskovsky f'Minsk, Tatsiana Matyl hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-politiku tal-oppożizzjoni Mikalai Statkevich u l-ġurnalist Alexander Borozenko. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
99.	Aliaksandr Anatolevich RUDZENKA Aleksandr Anatolevich RUDENKO	Аляксандр Анатольевіч РУДЗЕНКА Александр Анатольевич РУДЕНКО	Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 01.12.1981 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, Aliaksandr Rudzenka huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari l-immultar ta' dimostrant anzjan u b'diżabbiltà, kif ukoll is-sentenzjar ta' Lyudmila Kazak – l-avukat ta' Mariya Kalesnikava, mexxej tal-oppożizzjoni tal-Belarussja. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
100.	Aliaksandr Aliaksandravich VOUK Aleksandr Aleksandrovich VOLK	Аляксандр Аляксандравіч ВОЎК Алексанdр Алексанdрович ВОЛК	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 01.08.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk, Aliaksandr Vouk huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari s-sentenzjar tal-aħwa Anastasia u Victoria Mirontsev, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
101.	Volha Siarheeuna NIABORSKAIA Olga Sergeevna NEBORSKAIA	Вольга Сяргееўна НЯБОРСКАЯ Ольга Сергеевна НЕБОРСКАЯ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 14.02.1991 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, Volha Niaborskaya hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi u ġurnalisti, b'mod partikolari s-sentenzjar ta' Sofia Malashevich u Tikhon Kliukach, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
102.	Marina Sviataslavauna ZAPASNIK Marina Sviatoslavovna ZAPASNIK	Марына Святаславаўна ЗАПАСНІК Марина Святославовна ЗАПАСНИК	Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk Data tat-twelid: 28.03.1982 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk, Marina Zapasnik hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari is-sentenzjar tal-attivisti Vladislav Zenevich, Olga Pavlova, Olga Klaskovskaya, Viktar Barushka, Sergey Ratkevich, Aleksey Charvinskiy, Andrey Khrenkov, l-istudent Viktor Aktistov, u l-minorenni Maksim Babich. Kollha huma rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
103.	Maxim Yurevich FILATAU Maxim Yurevich FILATOV	Максім Юр'евіч Філатаў Максим Юрьевич ФИЛАТОВ	Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Lida Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Lida, Maksim Filatau huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari s-sentenzjar tal-attivist Vitold Ashurok, li huwa rikonoxxut bħala priġunier politiku minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
▼M34 104.	Andrei Vaclavavich HRUSHKO Andrei Vatslavovich GRUSHKO	Андрэй Вацлававіч ГРУШКО Андрей Вацлавович ГРУШКО	Pożizzjoni: Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, eks Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest Data tat-twelid: 24.1.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, Andrei Hrushko huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari bis-sentenzjar ta' attivisti, rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi, u ta' minorenni. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Bħalissa huwa jservi bħala d-Deputat President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Traslitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traslitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
105.	Dzmitry Iurevich HARA Dmitry Iurevich GORA	Дзмітрый Юр'евіч ГАРА Дмитрий Юрьевич ГОРА	President tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja (maħtur fil-11 ta' Marzu 2021) Eks Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja (sal-11 ta' Marzu 2021) Data tat-twelid: 04.05.1970 Post tat-twelid: Tbilisi, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Georgia) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali sa Marzu 2021, Dzmitry Hara jġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, membri tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Is-Sur Gora kien involut ukoll fit-tnedija ta' proċedimenti kriminali politikament motivati kontra Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Bħala l-Kap tal-Kummissjoni Intergovernattiva maħluqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali biex jiġu investigati l-ilmenti taċ-ċittadini dwar l-abbuż ta' poter minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, Dzmitry Hara huwa responsabbli għan-nuqqas ta' azzjoni ta' din l-istituzzjoni, peress li mhuwa magħruf ebda każ ta' tali investigazzjoni, minkejja applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' kawżi kriminali li jilmentaw l-użu tal-vjolenza, it-trattament ħażin u t-tortura. Minn Marzu 2021, huwa l-President tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja. F'din il-pożizzjoni huwa responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u parteċipanti fi protesti paċifiċi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika	21.6.2021
106.	Aliaksei Kanstantsinavich STUK Alexey Konstantinovich STUK	Аляксей Канстанцінавіч СТУК Алексей Константинович СТУК	Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 1959 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali, Aliaksei Stuk iġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Huwa responsabbli għall-issikkar tal-kontroll mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-attivitajiet taċ-ċittadini fil-lokalitajiet u fil-postijiet tax-xogħol u huwa responsabbli għall-applikazzjoni ta' responsabbiltajiet legali eċċessivi fuq parteċipanti fi protesti paċifiċi. Huwa qal pubblikament li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali ser jaħdem biex jidentifika assoċjazzjonijiet "illegali" taċ-ċittadini u jrażżan l-attivitajiet tagħhom. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
107.	Genadz Iosifavich DYSKO Gennadi Iosifovich DYSKO	Генадзь Іосіфавіч ДЫСКО Геннадий Иосифович ДЫСКО	Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja, Konsulent tal-Istat għall-Ġustizzja tat-tielet klassi Data tat-twelid: 22.03.1964 Post tat-twelid: Oshmyany, reġjun ta' Hrodna, (eks Unjoni Sovjetika) illum il-Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali, Genadz Dysko jġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Huwa kien involut ukoll fit-tnedija ta' proċedimenti kriminali politikament motivati kontra Siarhei Tsikhanousky - attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidata presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
108.	Sviatlana, Anatoleuna LYUBETSKAYA Svetlana Anatolevna LYUBETSKAYA	Святлана Анатольеўна ЛЮБЕЦКАЯ Светлана Анатольевна ЛЮБЕЦКАЯ	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 03.06.1971 Post tat-twelid: eks Unjoni Sovjetika (illum l-Ukrajna) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Sviatlana Lyubetskaya hija responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021
109.	Aliaksei Uladzimiravich IAHORAU Alexei Vladimirovich YEGOROV	Аляксей Уладзіміравіч ЯГОРАЎ Алексей Владимирович ЕГОРОВ	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, Viċi President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 16.12.1969 Post tat-twelid: Novosokolniki, reġjun ta' Pskov, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Aliaksei Iahorau huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
110.	Aliaksandr Paulavich AMELIANIUK Aleksandr Pavlovich OMELYANYUK	Аляксандр Паўлавіч АМЕЛЬЯНЮК Александр Павлович ОМЕЛЬЯНЮК	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, Viċi President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 06.03.1964 Post tat-twelid: Kobrin, Reġjun/ Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Aliaksandr Amelianiuk huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż it-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021
111.	Andrei Mikalaevich MUKAVOZCHYK Andrei Nikolaevich MUKOVOZCHYK	Андрэй Мікалаевіч МУКАВОЗЧЫК Андрей Николаевич МУКОВОЗЧИК	Osservatur politiku ta' "Belarus Today" ("Sovietskaia Belarus - Belarus Segodnya") Data tat-twelid: 13.06.1963 Post tat-twelid: Novosibirsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: MP 3413113 u MP 2387911	Andrei Mukavozchyk huwa wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka li jippubblika f'"Belarus Today", il-gazzetta uffiċjali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali. Fl-artikli tiegħu, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jiġu sistematikament deskritti b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata. Hu wieħed mill-għejun prinċipali tal-propaganda tal-istat, li tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. F'Mejju 2020, Mukavozchyk ingħata l-premju tal-"Pinna tad-Deheb" minn organizzazzjoni favur il-gvern il-Union Belarussa tal-Ġurnalisti. F'Diċembru 2020, ingħata l-premju "Ittra tad-Deheb", mingħand ir-rappreżentanti tal-Ministeru għall-Informazzjoni tal-Belarussja. F'Jannar 2021, Lukashenka ffirma digriet fejn ta midalja lil Mukavozchyk "Għal merti ta' xogħol". Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
112.	Siarhei Aliaksandravich GUSACHENKA Sergey Alexandrovich GUSACHENKO	Сяргей Аляксандравіч ГУСАЧЭНКА Сергей Александрович ГУСАЧЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat (Belteleradio Company) Data tat-Twelid: 05.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Tel. (uffiċċju): (+375-(17) 369-90-15	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi President ta' Belteleradio Company, (il-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat), awtur u preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda ta' kull ġimgħa "Glavnyy efir", Siarhei Gusachenka kien u għadu intenzjonalment jipprovdi lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet, il-protesti, ir-repressjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet statali u l-attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih it-televiżjoni tal-istat jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
▼M21					
113.	Genadz Branislavavich DAVYDZKA Gennadi Bronislavovich DAVYDKO	Генадзь Браніслававіч ДАВЫДЗЬКА Геннадий Брониславович ДАВЫДЬКО	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, President tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Media President tal-organizzazzjoni politika Belarussa Belaya Rus Data tat-twelid: 29.09.1955 Post tat-twelid: villaġġ ta' Popovka, Senno/Sjanno, Reġjun ta' Vitebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Passaport MP2156098	Bħala l-President ta' Belaya Rus, organizzazzjoni ewlenija favur Lukashenka, Genadz Davydzka huwa wieħed mill-propagandisti prinċipali tar-reġim. Fl-appoġġ tiegħu għal Lukashenka, sikwit juża lingwaġġ xewwiexi, u ħeġġeġ il-vjolenza tal-apparat tal-istat fuq dimostranti paċifiċi. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
114.	Volha Mikalaeuna CHAMADANAVA Olga Nikolaevna CHEMODANOVA	Вольга Мікалаеўна ЧАМАДАНАВА Ольга Николаевна ЧЕМОДАНОВА	Pożizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażagħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-Twelid: 13.10.1977 Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa Grad: Kurunell Passaport: MC1405076	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala l-persuna ewlenija għall-media tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, Volha Chamadanava qdiet rwol ewlieni fl-aljenazzjoni u fit-tgħawwiġ tal-fatti rigward il-vjolenza kontra d-dimostranti, kif ukoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza dwarhom. Hija heddet lid-dimostranti paċifiċi u ġġustifikat kontinwament il-vjolenza kontrihom. Peress li kienet tagħmel parti mill-apparat tas-sigurtà u tkellmet f'ismu, hija għaldaqstant qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni għall-Ideoloġija u ż-Żgħażagħ tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk.	21.6.2021
▼M21					
115.	Siarhei Ivanavich SKRYBA Sergei Ivanovich SKRIBA	Сяргей Іванавіч СКРЫБА Сергей Иванович СКРИБА	Viċi Kanċillier tal-Università Ekonomika Statali Belarussa għall-Ħidma Edukattiva Data tat-twelid: 21.11.1964 / 1965 Post tat-twelid: Kletsk, Reġjun ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Indirizz elettroniku: skriba_s@bseu.by	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kanċillier tal-Università Ekonomika Statali Belarussa (BSEU) għall-ħidma edukattiva, Siarhei Skryba hu responsabbli għas-sanzjonijiet li ttieħdu kontra studenti għas-sehem tagħhom fi protesti paċifiċi, inkluż it-tkeċċija tagħhom mill-università. Xi wħud minn dawn is-sanzjonijiet ittieħdu wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
116.	Siarhei Piatrovich, RUBNIKOVICH Sergei Petrovich RUBNIKOVICH	Сяргей Пятровіч РУБНІКОВІЧ Сергей Петрович РУБНИКОВИЧ	Rettur tal-Università Medika Statali Belarussa Data tat-twelid: 1974 Post tat-twelid: Sharkauschyna, Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Università Medika Statali Belarussa, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Siarhei Rubnikovich huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Università li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
▼M38 117.	Aliaksandr Henadzevich BAKHANOVICH Aleksandr Gennadevich BAKHANOVICH	Аляксандр Генадзевіч БАХАНОВІЧ Александр Геннадьевич БАХАНОВИЧ	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni, eks Rettur tal-Università Teknika Statali ta' Brest Data tat-twelid: 1972 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala r-Rettur tal-Università Teknika Statali ta' Brest, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Aliaksandr Bakhanovich kien responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-università li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija saru wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. F'Jannar 2023, Aliaksandr Bakhanovich inħatar l-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni tar-Repubblika tal-Belarussja. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
▼M21 118.	Mikhail Ryhoravich BARAZNA Mikhail Grigorevich BOROZNA	Міхаіл Рыгоравіч БАРАЗНА Михаил Григорьевич БОРОЗНА	Rettur tal-Akkademja tal-Arti Statali Belarussa (BSAA) Data tat-twelid: 20.11.1962 Post tat-twelid: Rakusheva, Reġjun/ Oblast ta' Mahileu/ Mogiliev, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Akkademja tal-Arti Statali Belarussa (BSAA), Mikhail Barazna huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Universita li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Mikhail Barazna hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
119.	Maxim Uladzimiravich RYZHANKOU Maxim Vladimirovich RYZHENKOV	Максім Уладзіміравіч РЫЖАНКОЎ Максим Владимирович РЫЖЕНКОВ	L-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Data tat-twelid: 19.06.1972 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, Maxim Ryzhankou huwa assoċjat mill-qrib mal-President u responsabbli milli tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-setgħat presidenzjali fil-qasam tal-politika domestika u barranija. Għal aktar minn 20 sena tal-karriera tiegħu fis-servizz ċivili tal-Belarussja huwa kellu għadd ta' karigi, fosthom fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u diversi ambaxxati. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
120.	Dzmitry Aliaksandravich LUKASHENKA Dmitry Aleksandrovich LUKASHENKO	Дзмітрый Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА Дмитрий Александрович ЛУКАШЕНКО	Negozjant, president tal-Klabb Sportiv tal-President Data tat-twelid: 23.03.1980 Post tat-twelid: Mogilev/Mahiliou eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Dzmitry Lukashenka huwa iben Aliaksandr Lukashenka u negozjant. Ilu president tal-Assoċjazzjoni Statali-Pubblika l-“Klabb Sportiv Presidenzjali” mill-2005 u fl-2020 reġà ġie elett f'din il-kariga. Permezz ta' din l-entità, huwa jagħmel negozju u jikkontrolla għadd ta' intrapriżi. Kien preżenti għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed jappoġġah.	21.6.2021
▼M27					
121.	Liliya Valereuna LUKASHENKA (SIAMASHKA) Liliya Valerevna LUKASHENKO (SEMASHKO)	Лілія Валер'еўна ЛУКАШЭНКА (СЯМАШКА) Лилия Валерьевна ЛУКАШЕНКО (СЕМАШКО)	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, direttur ta' gallerija tal-arti Data tat-Twelid: 29.10.1979 Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa Identità personali: 4291079A047PB1	Liliya Lukashenka hija mart Viktar Lukashenka u bint tar-rispett ta' Aliaksandr Lukashenka. Hija kienet marbuta mill-qrib ma’ għadd ta’ kumpanniji ta’ profil għoli, li bbenefikaw mir-reġim ta’ Lukashenka, inkluż Dana Holdings / Dana Astra u l-impriża Belkhudozhpromysly. Hija kien preżenti, flimkien ma' żewġha Viktar Lukashenka, għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020. Attwalment hija d-direttriċi tal-gallerija tal-arti “Art Chaos”. L-attivitajiet kummerċjali tagħha huma promossi mill-media affiljata mar-reġim. Għaldaqstant qed tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
122.	Valeri Valerevich IVANKOVICH Valery Valerevich IVANKOVICH	Валерый Валер'евіч ІВАНКОВІЧ Валерий Валерьевич ИВАНКОВИЧ	Direttur Ġenerali ta' OJSC “MAZ”. Data tat-twelid: 1971 Post tat-twelid: Novopolotsk, Repubblika Sovjetika Soċjalista Belarussa (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' OJSC “MAZ”, Valeri Ivankavich iġorr responsabbiltà għad-detenzjoni ta' ħaddiema tal-MAZ fil-bini tal-MAZ mill-forzi tas-sigurtà, u għat-tkeċċija mix-xogħol ta' impjegati tal-MAZ li kienu qed jieħdu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. Huwa nħatar minn Lukashenka bħala membru tal-kummissjoni bil-kompitu li tabbozza emendi għall-kostituzzjoni tal-Belarussja. Għaldaqstant hu jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M34

123.	Aliaksandr Yauhenavich SHATROU Alexander (Alexandr) Evgenevich SHATROV	Аляксандр Яўгенавіч ШАТРОЎ Александр Евгеньевич ШАТРОВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u eks kap ta’ Synesis LLC Data tat-twelid: 9.11.1978 Post tat-twelid: qabel il-USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa, Belarussa ID personali: 3091178A002VF5	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap u eks azzjonist maġġoritarju ta’ Synesis LLC, Alexander Shatrov kien responsabbli għal dik id-deċiżjoni ta’ dik il-kumpanija li tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi pjattaforma ta’ sorveljanza, Kipod, li tista’ tfittex f’filmati u tanalizzahom, u tuża software ta’ rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat. Synesis issostni li waqfet tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi bil-pjattaforma Kipod, iżda skont ir-rapporti tal-ByPOL, Kipod għadha tintuża mill-aġenziji tas-sigurtà tal-istat. Synesis hija waħda mir-residenti tal-Hi-Tech Park, maħluqa b’digriet ta’ Aliaksandr Lukashenka, u bħala tali tgawdi bosta benefiċċji, inklużeżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu, il-VAT, id-dazju offshore, id-dazji doganali u oħrajn. Synesis LLC u s-sussidjarja tagħha Panoptes ibbenefikaw missehem tagħhom fis-Sistema ta’ Monitoraġġ tas-Sikurezza Repubblikana. Kumpaniji oħra li tagħhom Shatrov kien proprjetarju jew koproprjetarju, bħal BelBet u Synesis Sport, ukoll ibbenefikaw minn kuntratti tal-gvern. Huwa għamel stqarrijiet pubbliċi fejn ikkritika lil dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim ta’ Lukashenka u qiegħed f’perspettiva n-nuqqas ta’ demokrazija fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u jappoġġah. Huwa għadu azzjonist ta’ Synesis LLC.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
124.	Siarhei Siamionavich TSIATSERYN Sergei Semionovich TETERIN	Сяргей Сямёнавіч ЦЯЦЕРЫН Сергей Семёнович ТЕТЕРИН	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, sid ta'BelGlobalStart, koproprjetarju ta' VIBEL, eks President tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis Data tat-Twelid: 7.1.1961 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Siarhei Tsiatseryn huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fid-distribuzzjoni ta' xarbiet alkoħoliċi (permezz tal-kumpannija tiegħu "BelGlobalStart"), prodotti tal-ikel u għamara. Huwa parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' Lukashenka. Fl-2019, BelGlobalStart ingħatat opportunità li tibda l-bini ta' ċentru multifunzjonali ta' negozju quddiem il-palazz presidenzjali f'Minsk. Huwa koproprjetarju tal-kumpannija VIBEL li tbigħ reklami fuq għadd ta' stazzjonijiet televiżivi nazzjonali Belarussi. Huwa kien il-president tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis u eks assistent ta' Lukashenka għal kwistjonijiet sportivi.	21.6.2021

▼M34

125.	Mikhail Safarbekovich GUTSERIEV	Микаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, azzjonist u president tal-bord eżekuttiv ta' Slavkali, president tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta': JSC Mospromstroi, Industrial Financial Group Safmar JSC, LLC Proekt Grad. Membru tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta' JSC NKNeftisa ►C7 Data tat-twelid: 9.3.1958 ◄ Post tat-twelid: Akmolinsk, qabel il-USSR (illum Kazakhstan) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Mikhail Gutseriev huwa negozjant prominenti Russu, b'interessi kummerċjali fil-Belarussja fis-setturi tal-enerġija, tal-potassa, tal-ospitalità u oħrajn. Huwa ilu żmien twil konoxxenza ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' dik l-assoċjazzjoni akkumula ġid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarussja. Safmar, kumpanija li kienet ikkontrollata minn Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li kompliet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi waqt il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020. Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'tilwim mar-Russja dwar il-kunsinni taż-żejt. Gutseriev kien il-president tal-bord tad-diretturi u azzjonist fil-kumpanija Slavkali, li qed tibni l-impjant ta' Nezhinsky għat-tħaffir u l-ipproċessar tal-klorur tal-potassju bbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinsky qrib Lyuban. Huwa l-akbar investiment fil-Belarussja, b'valur ta' USD 2 biljun. Lukashenka wieġħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal Gutserievsk biex jagħtih ġieħ.	21.6.2021

▼M34

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				In-negozji l-oħrajn tiegħu fil-Belarussja inkludew stazzjonijiet tal-fjuwil u mħażen taż-żejt, lukanda, ċentru tan-negozju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka ddefenda lil Gutseriev wara li nbdiet investigazzjoni kriminali kontrih fir-Russja. Lukashenka rringrazzja wkoll lil Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' valur ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Gutseriev huwa rrappurtat li rregala lil Lukashenka rigali lussużi. Gutseriev ddikjara wkoll li huwa s-sid ta' residenza, li de facto tappartjeni lil Lukashenka, u b'hekk għattielu meta l-ġurnalisti bdew jinvestigaw l-assi ta' Lukashenka. Gutseriev attenda l-inawgurazzjoni sigrieta ta' Lukashenka fit-23 ta' Settembru 2020. F'Ottubru 2020, Lukashenka u Gutseriev it-tnejn dehru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja. Skont rapporti tal-media, meta l-impjegati tal-media tal-istat Belarussa li kienu qed jistrajkjaw tkeċċew f'Awwissu 2020, ħaddiema tal-media Russi twasslu lejn il-Belarussja abbord inġenji tal-ajru li jappartjenu lil Gutseriev sabiex jissostitwixxu l-ħaddiema mkeċċija, u qagħdu fil-lukanda Minsk Renaissance Hotel li tappartjeni lil Gutseriev. Gutseriev assista fl-akkwist tal-iskanners tas-CT għall-Belarussja matul il-kriżi tal-COVID-19. Għaldaqstant Mikhail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	

▼M21

126.	Aliaksey Ivanavich ALEKSIN Alexei Ivanovich OLEKSIN	Аляксей Іванавіч АЛЕКСІН Алексей Иванович ОЛЕКСИН	Negozjant, Koproprjetarju tal-Grupp Bremino, Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksei Aleksin huwa wieħed min-negozjanti ewlenin fil-Belarussja, b'interessi ta' negozju fis-setturi taż-żejt u l-enerġija, il-proprjetà immobbli, l-iżvilupp, il-loġistika, it-tabakk, il-bejgħ bl-imnut, il-finanzi u oħrajn. Huwa jgawdi minn relazzjoni mill-qrib ma' Aliaksandr Lukashenka u ma' ibnu u l-eks Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali Viktar Lukashenka. Huwa attiv fil-moviment tal-motoċiklisti fil-Belarussja, passatemp li jaqsam ma' Viktar Lukashenka. Il-kumpannija tiegħu hija s-sid ta' proprjetà f'"Alexandria 2" (reġjun ta' Mogilev), magħruf bħala "residenza presidenzjali", li Aliaksandr Lukashenka jżur spiss.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huwa il-koproprjetarju ta' "Bremino Group" – l-inizjatur u koamministratur tal-proġett taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha maħluqa permezz ta' digriet presidenzjali ffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Il-kumpannija rċeviet appoġġ statali għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Aleksin u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka. Il-kumpanniji "Inter Tobacco" u "Energo-Oil", li jappartjenu lil Aleksin u membri familjari stretti tiegħu, ingħataw privileġġi esklussivi biex jimportaw prodotti tat-tabakk lejn il-Belarussja, abbażi ta' digriet iffirmat minn Aliaksandr Lukashenka, u rċevew appoġġ mill-istat għall-ħolqien ta' kiosks Tabakierka. Huwa kien allegatament involut fit-twaqqif tal-ewwel kumpannija militari privata approvata mill-gvern fil-Belarussja "Gard-Servis", b'rabtiet irrappurtati mal-apparat tas-sigurtà tal-Belarussja. Għaldaqstant huwa qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	

▼M27

127.	Aliaksandr Mikalaevich ZAITSAU Alexander (Alexandr) Nikolaevich ZAITSEV	Аляксандр Мікалаевіч ЗАЙЦАЎ Александр Николаевич ЗАЙЦЕВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprjetarju tal-Bremino Group u tas-Sohra Group Data tat-Twelid: 22.11.1976 Post tat-twelid: Ruzhany, ir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksandr Zaitsau huwa l-eks assistent ta' Viktar Lukashenka, iben u eks Konsulent dwar is-Sigurtà Nazzjonali għal Aliaksandr Lukashenka. Permezz ta' aċċess għall-familja Lukashenka Zaitsau jikseb kuntratti ta' valur għoli għan-negozji tiegħu. Huwa kellu u għad għandu rabtiet mill-qrib mas-Sohra Group li ngħata d-dritt li jesporta l-produzzjoni ta' intrapriżi proprjetà tal-istat (tratturi u trakkijiet) fil-pajjiżi tal-Golf u pajjiżi Afrikani. Huwa wkoll il-koproprjetarju u l-president tal-Kunsill tal-parteċipanti ta' Bremino Group. Il-kumpannija rċeviet appoġġ mill-istat għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Zaitsau u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
128.	Ivan Branislavavich MYSLITSKI Ivan Bronislavovich MYSLITSKIY	Іван Браніслававіч МЫСЛІЦКІ Иван Брониславович МЫСЛИЦКИЙ	L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 23.10.1976 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Ivan Myslitski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M34

129.	Aleh Mikalaevich, BELIAKOU Oleg Nikolaevich BELIAKOV	Алег Мікалаевіч БЕЛЯКОЎ Олег Николаевич БЕЛЯКОВ	Pożizzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-ħidma ideoloġika u l-appoġġ tal-persunal fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Korrezzjoni Penali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Aleh Beliakou kien responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala Kap tad-Dipartiment tal-ħidma ideoloġika u l-appoġġ tal-persunal fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja.	21.6.2021

▼M21

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
130.	Uladzislau Aliakseevich MANDRYK Vladislav Alekseevich MANDRIK	Уладзіслаў Аляксеевіч МАНДРЫК Владислав Алексеевич МАНДРИК	Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 04.07.1971 Post tat-twelid: Karta tal-identità nazzjonali: 3040771A125PB2; Passaport: MP3810311. Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Uladzislau Mandryk huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M34

131.	Andrei Mikalaevich DAILIDA Andrei Nikolaevich DAILIDA	Андрэй Мікалаевіч ДАЙЛІДА Андрей Николаевич ДАЙЛИДА	Pożizzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ minn Wara l-Kwinti fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Korrezzjoni Penali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 1.7.1974 Post tat-twelid: Passaport: KH2133825 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Andrei Dailida kien responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għall-ħidma tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, f'Diċembru 2020 huwa ngħata l-Ordni Presidenzjali għas-servizz lill-Art tat-twelid u għalhekk ibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M34

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
168.	Anatol Piatrovich LAPO Anatoliy Petrovich LAPPO	Анатоль Пятровіч ЛАПО/ ЛАППО Анатолии Петрович ЛАППО	Pożizzjoni(jiet): eks Logutenent Ġeneral u President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri tar-Repubblika tal-Belarussja (maħtur fid-29 ta' Diċembru 2016), Delegat Kap fil-Fruntieri tal-Istat Data tat-twelid: 24.5.1963 Post tat-twelid: Kulakovka, Mogilev Region/ Oblast, eks USSR (issa Belarus) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: MP4098888 Identifikazzjoni personali: 3240563K033PB5	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, Anatol Lapo kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-korpi ta' kontroll fuq il-fruntiera taħt il-kmand tiegħu, f'liema korpi l-gwardjani tal-fruntiera ġew dokumentati li qed jidderieġu, jiggwidaw jew jisfurzaw lill-migranti jaqsmu illegalment il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Istati Membri tal-Unjoni, u li n-nuqqas intenzjonat tagħhom li jwettqu dmirijiethom sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu dik il-fruntiera. Huwa għaldaqstant responsabbli għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa għadda fir-riżerva militari f'Mejju 2023.	2.12.2021
169.	Kanstantsin Henadzevich MOLASTAU Konstantin Gennadevich MOLOSTOV	Канстанцін Генадзьевіч МОЛАСТА�Ў Константин Геннадьевич МОЛОСТОВ	Pożizzjoni(jiet): Kurunell, President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, eks Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Grodno (maħtur fl-1 ta' Ottubru 2014), Unità Militari 2141, Delegat fil-Fruntieri tal-Istat Data tat-twelid: 30.5.1970 Post tat-twelid: Krasnoarmeysk, Saratov Region, Russian Federation Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: KH2479999 Identifikazzjoni personali: 3300570K025PB3	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Grodno, Kanstantsin Molastau kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Grodno li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa nħatar minn Lukashenka bħala l-President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri.	2.12.2021
▼M25					
170.	Pavel Mikalaevich KHARCHANKA Pavel Nikolaevich KHARCHENKO	Павел Мікалаевіч Харчанка Павел Николаевич ХАРЧЕНКО	Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk Data tat-twelid: 29.3.1981 Post tat-twelid: Chita, eks USSR (issa l-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk, Pavel Kharchanka huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Polotsk li twettaq dmirijietha sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021

▼M25

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M38					
171.	Ihar Mikalaevich GUTNIK Igor Nikolaevich GUTNIK	Ігар Мікалаевіч ГУТНІК Игорь Николаевич ГУТНИК	Pożizzjoni(jiet): Kurunell, Viċi President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri, eks Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest Data tat-twelid: 17.12.1974 Post tat-twelid: Village of Zabolotye, Smolevichi District, Minsk Region/Oblast, eks USSR (issa Belarus) Indirizz: 90 Heroes of Defense of the Brest Fortress St., 224018, Brest, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: BM1962867	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest, Ihar Gutnik, li fl-2018 sar deputat fil-Kunsill Reġjonali ta' Brest bħala wieħed mill-kandidati leali għal Lukashenka, kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa nħatar minn Lukashenka bħala l-Viċi President tal-Kumitat tal-Istat għall-Fruntieri.	2.12.2021
▼M25					
172.	Aliaksandr Barysavich DAVIDZIUK Aleksandr Borisovich DAVIDIUK	Аляксандр Барысавіч ДАВІДЗЮК Александр Борисович ДАВИДЮК	Kurunell, Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida, Unità Militari 1234 (maħtur fis-27 ta' Settembru 2016), Delegat fil-Fruntieri tal-Istat Membru tal-Kunsill tad-Deputati tad-Distrett ta' Lida tat-28 konvokazzjoni (ħa l-kariga fit-2 ta' Frar 2018) Data tat-twelid: 4.5.1973 Post tat-twelid: Novograd-Volynsky, reġjun ta' Zhytomyr, eks USSR (issa l-Ukrajna) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: KH2613034 ID personali: 3040573E050PB7	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida, Aliaksandr Davidziuk huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tat-Taqsima Distakkata tal-Fruntiera ta' Lida li twettaq dmirijietha sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021
▼M38					
173.	Maksim Viktaravich BUTRANETS Maxim Viktorovich BUTRANETS	Максім Віктаравіч БУТРАНЕЦ Максим Викторович БУТРАНЕЦ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest, eks Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon, Unità Militari 2044 (maħtur f'Marzu 2018), Delegat fil-Fruntieri tal-Istat Data tat-twelid: 12.12.1978 Post tat-twelid: Sverdlovsk, eks USSR (issa Russian Federation)	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon, Maksim Butranets kien responsabbli għall-azzjonijiet tal-gwardjani tal-fruntiera taħt il-kmand tiegħu. In-nuqqas intenzjonat tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Smorgon li jwettaq dmirijietu sew jiffaċilita t-tentattivi mill-migranti li jaqsmu l-fruntiera mal-Istati Membri tal-Unjoni. Maksim Butranets iddikjara wkoll li l-għadd ta' migranti fil-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Litwanja baqa' fil-livell tas-soltu, minkejja ż-żieda sostanzjali	2.12.2021

▼M38

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
			Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	osservata min-naħa tal-Litwanja. Huwa għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa nħatar bħala l-Kap tal-Grupp tal-Fruntiera ta' Brest.	

▼M25

174.	Anatol Anatolyevich GLAZ Anatoliy Anatolyevich GLAZ	Анатоль Анатольевіч ГЛАЗ Анатолий Анатольевич ГЛАЗ	Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u tad-Diplomazija Diġitali (kelliem) tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja Data tat-twelid: 31.7.1982 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Anatol Glaz ilu Kap tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u tad-Diplomazija Diġitali u Kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarussja mill-11 ta' Ġunju 2018. F'din il-kapaċità, għamel għadd ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi, fejn appoġġa l-politika tar-reġim ta' Lukashenka fl-aktar tentattivi reċenti tiegħu biex jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni ta' Stati Membri tal-Unjoni. Huwa ddefenda wkoll pubblikament l-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	2.12.2021
175.	Siarhei Aliaksandravich EPIKHAU Sergei Aleksandrovich EPIKHOV	Сяргей Аляксандравіч ЕПІХАЎ Сергей Александрович ЕПИХОВ	Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk Data tat-twelid: 16.5.1966 Indirizz: 38 Timoshenko St., apt. 198, Minsk, Belarus; 59 L.Tolstoy St., apt. 80, Vileika, Belarus; 14 Kedyshko St., apt. 11, Minsk, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3160566B046PB4	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk Siarhei Epikhau huwa responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni u attivisti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Maria Kolesnikova u Maksim Znak, li huma meqjusa bħala priġunieri politiċi mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	2.12.2021

▼M25

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
176.	Ihar Viachaslavavich LIUBAVITSKI Igor Viacheslavovich LIUBOVITSKI	Ігар Вячаслававіч ЛЮБАВІЦКІ Игорь Вячеславович ЛЮБОВИЦКИЙ	Imħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 21.7.1983 Indirizz: Vogel 1K St., apt. 17, Minsk, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3210783C002PB2	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Liubavitski huwa responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u ġurnalisti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika, li hu meqjus bħala priġunier politiku mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	2.12.2021
177.	Siarhei Siarheevich GIRGEL Sergei Sergeevich GIRGEL	Сяргей Сяргеевіч ГІРГЕЛЬ Сергей Сергеевич ГИРГЕЛЬ	Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali Data tat-twelid: 16.6.1978 Indirizz: 16 Lidskaya St., apt. 165, Minsk, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3160678H018PB5	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, Siarhei Girgel irrappreżenta r-reġim ta' Lukashenka f'kawżi politikament motivati kontra mexxejja tal-oppożizzjoni u membri tas-soċjetà ċivili. B'mod partikolari huwa ħarrek lill-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika, li hu rikonoxxut bħala priġunier politiku mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Siarhei Girgel kontinwament talab lill-imħallef għal sentenzi ta' ħabs fit-tul. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	2.12.2021
178.	Valiantsina Genadzeuna KULIK Valentina Gennadevna KULIK	Валянціна Генадзьеўна КУЛІК Валентина Геннадьевна КУЛИК	Imħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 15.1.1960 Indirizz: 54 Angarskaya St., apt. 48, Minsk, Belarus Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 4150160A119PB2	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Valiantsina Kulik hija responsabbli għal deċiżjonijiet politikament motivati kontra attivisti u mexxejja tal-oppożizzjoni. B'mod partikolari hija ċaħdet l-ilment ta' Viktar Babarika biex tinbeda kawża ċivili abbażi tal-ilmenti tiegħu kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tiegħu bħala kandidat presidenzjali. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	2.12.2021

▼M25

	Ismijiet (Traż litterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M34					
179.	Andrei Andreevich PRAKAPUK Andrey Andreevich PROKOPUK	Андрэй Андрэевіч ПРАКАПУК Андрей Андреевич ПРОКОПУК	Pożizzjoni: Direttur tal-Intrapriża Unitarja Repubblikana “Brest Center for Standardisation, Metrology and Certification” (Ċentru ta’ Brest għall-Istandardizzazzjoni, il-Metroloġija u ċ-Ċertifikazzjoni), eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja Kurunell tal-Pulizija Finanzjarja Data tat-twelid: 22.7.1973 Post tat-twelid: Kobrin, Brest region, Belarus Indirizz: 22 Mira St., apt. 88, Priluki, Minsk, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3220773C061PB1	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja, Andrei Prakapuk kien responsabbli għall-kampanji politikament motivati ta’ dak id-dipartiment kontra ġurnalisti u entitajiet tal-media indipendenti Belarussi. Huwa approva personalment deċiżjoni biex issir tfittxija tal-bini tal-entità tal-media indipendenti TUT.by u beda kawża tal-qorti kontra TUT.by u l-ġurnalisti impjegati minn TUT.by, kif ukoll imblokka l-aċċess għas-sit web ta’ TUT.by. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt. Huwa għadu attiv fir-reġim ta’ Lukashenka bħala Direttur tal-Intrapriża Unitarja Repubblikana “Brest Center for Standardisation, Metrology and Certification” (Ċentru ta’ Brest għall-Istandardizzazzjoni, il-Metroloġija u ċ-Ċertifikazzjoni).	2.12.2021
▼M25					
180.	Ihar Anatolevich MARSHALAU Igor Anatolevich MARSHALOV	Ігар Анатольевіч МАРШАЛАЎ Игорь Анатольевич МАРШАЛОВ	Viċi President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat Maġġur Ġeneral tal-Pulizija Finanzjarja Data tat-twelid: 12.1.1972 Post tat-twelid: Shkolv, Reġjun/Oblast ta’ Mogilev, eks USSR (issa l-Belarussja) Indirizz: 15 Shchukina St., Minsk, Belarus; 43 A Franciska St., apt. 41, Minsk, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3120172H018PB4	Ihar Marshalau huwa l-Viċi President tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Belarussja u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat. F’dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-bidu tal-kawża politikament motivata dwar l-evażjoni tat-taxxa kontra l-entità tal-media TUT.by, allegatament ibbażata fuq l-Artikolu 243 tal-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Belarussja, li thedded il-libertà tal-media fil-Belarussja. Huwa responsabbli wkoll għat-tfittxijiet li saru f’Mejju 2021 fl-uffiċċju ta’ TUT.by f’Minsk, fl-uffiċċji reġjonali u fid-djar ta’ diversi membri tal-persunal ta’ TUT.by.	2.12.2021

▼M25

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huwa responsabbli wkoll għad-detenzjoni ta' membri tal-Belarus Press Club f'Diċembru 2020, it-tfittxija u l-konfiska ta' oġġetti fl-uffiċċju tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà inkluż l-interrogazzjoni vjolenti ta' Aleh Hrableuski u Syarhei Drazdouski f'Jannar 2021, id-detenzjoni tal-membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Liliya Ulasavau u l-akkuża ta' evażjoni tat-taxxa kontriha, kif ukoll it-tfittxija u d-detenzjonijiet li affettwaw lill-impjegati tal-kumpannija tas-software PandaDoc, li kienet qed tmexxi l-inizjattiva "Protect Belarus" f'Settembru 2021 Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika kif ukoll għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt.	
181.	Hanna Mikhailauna SAKALOUSKAYA Anna Mikhaylovna SOKOLOVSKAYA	Ганна Міхайлаўна САКАЛОЎСКАЯ Анна Михайловна СОКОЛОВСКАЯ	Imħallef tal-Collegium Ġudizzjarju għal Każijiet Ċivili fil-Qorti Suprema Data tat-twelid: 18.9.1955 Indirizz: 22 Surhanava St., apt. 1, Minsk, Belarus Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 4180955A015P80	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Belarussja, Hanna Sakalouskaya hija responsabbli għad-deċiżjoni politikament motivata biex tiġi likwidata il-Belarus PEN Center – organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili Belarussa. Hija responsabbli wkoll għal deċiżjoni politikament motivata li wasslet għal-likwidazzjoni tal-Kumitat Helsinki tal-Belarussja (BHC), peress li fit-2 ta' Settembru 2021 ċaħdet l-ilment mill-BHC dwar it-twissija mmirata lejn il-BHC mill-Ministeru għall-Ġustizzja Belarussu. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	2.12.2021

▼M25

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
182.	Marat Siarheevich MARKAU Marat Sergeevich MARKOV	Марат Сяргеевіч МАРКАЎ Марат Сергеевич МАРКОВ	President tal-Bord tat-Tmexxija tal-istazzjon televiżiv ikkontrollat mill-Istat ONT, preżentatur tal-programm “Markov: Nothing Personal” Data tat-twelid: 1.5.1969 Post tat-twelid: Luninets, eks USSR (issa l-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Marat Markau huwa l-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-istazzjon televiżiv ikkontrollat mill-Istat ONT u l-preżentatur tal-programm “Markov: Nothing Personal”. F’din il-pożizzjoni huwa qed jagħti volontarjament informazzjoni falza lill-pubbliku Belarussu dwar l-eżitu tal-elezzjonijiet, il-protesti u r-repressjoni pperpetwata mill-awtoritajiet tal-Istat, u ċ-ċirkostanzi tal-inżul furzat tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta’ Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta’ Mejju 2021. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih l-istazzjon ONT jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b’hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta’ Lukashenka. Markov għamel l-ewwel intervista furzata ma’ Raman Pratasevich, wara li Pratasevich ġie detenut u skont rapporti numerużi ttorturat mill-awtoritajiet Belarussi. Markov ukoll hedded u intimida ħaddiema tal-ONT li kienu qed jisstrajkjaw wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti tal-2020 u r-repressjoni mill-awtoritajiet. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika	2.12.2021
183.	Dzmitry Siarheevich KARSIUK Dmitriy Sergeevich KARSIUK	Дзмітрый Сяргеевіч КАРСЮК Дмитрий Сергеевич КАРСЮК	Imħallef fil-Qorti tad-Distrett Ċentrali tal-Belt ta’ Minsk Data tat-twelid: 7.7.1995 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett Ċentrali tal-Belt ta’ Minsk, Dzmitriy Karsiuk huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti, b’mod partikolari għall-kundanna ta’ Yahor Viarshynin, Pavel Lukoyanov, Artsiom Sakovich u Mikalai Shemetau, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem Belarussa. Huwa ta kundanni ta’ kolonja penali, ħabs u detenzjoni domiċiljari lil nies talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi, minħabba posts fuq il-media soċjali, l-użu tal-bandiera bajda, ħamra u bajda tal-Belarussja u eżerċizzji oħra ta’ libertajiet ċivili. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	2.12.2021

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M31					
184.	Ihar Vasilievich KARPENKA Igor Vasilievich KARPENKO	Ігар Васільевіч КАРПЕНКА Игорь Васильевич КАРПЕНКО	Pożizzjoni(jiet): President tal-Kummissjoni Ċentrali tar-Repubblika tal-Belarussja dwar l-Elezzjonijiet u t-Twettiq ta' Referenda Repubblikani Data tat-twelid: 28.4.1964 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala President tal-Kummissjoni Ċentrali tar-Repubblika tal-Belarussja dwar l-Elezzjonijiet u t-Twettiq ta' Referenda Repubblikani mit-13 ta' Diċembru 2021, Ilhar Karpenka huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u t-twettiq tar-referendum kostituzzjonali tas-27 ta' Frar 2022, li ma jissodisfax l-istandards internazzjonali tal-istat ta' dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni ta' Venezja. B'mod partikolari, il-proċess ta' abbozzar ma kienx trasparenti u ma nvolviex lis-soċjetà ċivili jew lill-oppożizzjoni demokratika fl-eżilju. Għaldaqstant huwa responsabbli li dgħajjef serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	3.6.2022
185.	Dzmitry Aliaksevich ALEKSIN Dmitry Alexeevich OLEKSIN	Дзмітрый Аляксеевіч АЛЕКСІН Дмитрий Алексеевич ОЛЕКСИН	Pożizzjoni(jiet): Iben Aliaksei Aleksin, azzjonist ta' Belneftgaz, Energo-Oil u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest) Data tat-twelid: 25.4.1987 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Dzmitry Aleksin huwa iben Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti Belarussu. Fl-2021 sar koproprjetarju ta' kumpanniji proprjetà ta' missieru jew assoċjati ma' missieru, fosthom Energo-Oil, Bleneftgaz u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest). Dawk il-kumpanniji ngħataw trattament preferenzjali abbażi ta' digrieti presidenzjali ffirmati minn Aliaksandr Lukashenka: Inter Tobacco ingħatat privileġġi esklussivi biex timporta prodotti tat-tabakk fil-Belarussja, filwaqt li Belneftgaz inħatret operatur nazzjonali ta' monitoraġġ tat-tranżitu. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022
186.	Vital Aliakseevich ALEKSIN Vitaliy Alexeevich OLEKSIN	Віталь Аляксеевіч АЛЯКСІН Виталий Алексеевич ОЛЕКСИН	Pożizzjoni(jiet): Iben Aliaksei Aleksin, azzjonist ta' Belneftgaz, Energo-Oil u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest) Data tat-twelid: 29.8.1997 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Vital Aleksin huwa iben Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti Belarussu. Fl-2021 sar koproprjetarju ta' kumpanniji proprjetà ta' missieru, jew assoċjati ma' missieru, fosthom Energo-Oil, Bleneftgaz, u Grantlo (li qabel kienet Energo-Oil-Invest). Dawk il-kumpanniji ngħataw trattament preferenzjali abbażi ta' digrieti presidenzjali ffirmati minn Aliaksandr Lukashenka: Inter Tobacco ingħatat privileġġi esklussivi biex timporta prodotti tat-tabakk fil-Belarussja, filwaqt li Belneftgaz inħatret l-operatur nazzjonali ta' monitoraġġ tat-tranżitu. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
187.	Bogoljub KARIĆ	Богољуб КАРИЋ Боголюб КАРИЧ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant u politiku Serb, assoċjat mal-kumpannija Dana Holdings Data tat-twelid: 17.1.1954 Post tat-twelid: Peja/Pec, il-Kosovo) Sess: raġel Nazzjonalità: Serb Numru tal-passaport: 012830978 (validu sa 27.12.2026)	Bogoljub Karić huwa negozjant u politiku Serb. Flimkien mal-membri tal-familja tiegħu, żviluppa network ta' kumpanniji tal-proprjetà immobbli fil-Belarussja u kkultiva network ta' kuntatti mal-familja ta' Aliaksandr Lukashenka. B'mod partikolari, huwa kien assoċjat mill-qrib ma' Dana Holdings u s-sussidjarja preċedenti tagħha Dana Astra, u huwa allegatament irrappreżenta lil dawk l-entitajiet waqt laqgħat ma' Lukashenka. Il-proġett Minsk World, li ġie żviluppat minn kumpannija assoċjata ma' Karić, ġie deskritt minn Lukashenka bħala "eżempju ta' kooperazzjoni tad-dinja Slavonika". Bis-saħħa ta' dawk ir-relazzjonijiet mill-qrib ma' Lukashenka u ma' dawk ta' madwaru, il-kumpanniji assoċjati ma' Karić irċevew trattament preferenzjali mir-reġim ta' Lukashenka, inkluż ħelsien mit-taxxa u biċċiet ta' art għall-iżvilupp ta' proprjetà immobbli. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	3.6.2022
188.	Andrii SICH Andrey SYCH	Андрій СИЧ Андрей СЫЧ	Pożizzjoni(jiet): Kopreżentatur tal-programm "Platform" fuq l-istazzjon televiżiv tal-istat "Belarus 1" Membru tal-organizzazzjoni "Rusj molodaja" Data tat-twelid: 20.9.1990 Post tat-twelid: Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Andrii Sich huwa kopreżentatur tal-programm "Platform" fuq l-istazzjoni televiżiv tal-istat "Belarus 1". F'dik il-pożizzjoni huwa appoġġa n-narrattiva tar-reġim li timmira li tiskredita l-media indipendenti, iddgħajjef id-demokrazija u tiġġustifika r-repressjoni. Huwa appoġġa n-narrattiva tar-reġim ta' Lukashenka dwar l-intenzjonijiet tal-istati tal-Punent li jorganizzaw kolp ta' stat fil-Belarussja u, appella għal kastigi ħorox għal dawk allegatament involuti, appoġġa kampanji ta' diżinformazzjoni dwar it-trattament ħażin tal-migranti li jaslu fl-Unjoni mill-Belarussja u ppromwova l-impressjoni li l-media indipendenti kienet aġent tal-influwenza barranija li l-attivitajiet tagħha għandhom jitrażżnu. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
189.	Dzianis Aliaksandravich MIKUSHEU Denis Alexandrovich MIKUSHEV	Дзяніс Аляксандравіч МІКУШЭЎ Денис Александрович МИКУШЕВ	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fir-Reġjun/Oblast ta' Gomel; konsulent legali anzjan Data tat-twelid: 21.3.1980 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Dzianis Mikusheu huwa l-Kap tad-Dipartiment għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fir-Reġjun/Oblast ta' Gomel u konsulent legali anzjan. F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-bidu tal-prosekuzzjonijiet ta' Siarhei Tsikhanouski, Artsiom Sakau, Dzmitry Papou, lhar Losik, Uladzimir Tsyhanovich u Mikalai Statkevich. Huwa kkontribwixxa għad-detenzjoni arbitrarja ta' Siarhei Tsikhanouski, kif ippreżentat fir-rapport mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-Detenzjoni Arbitrarja. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għal dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	3.6.2022
190.	Mikalai Ivanavich DOLIA Nikolai Ivanovich DOLYA	Мікалай Іванавіч ДОЛЯ Николай Иванович ДОЛЯ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel Data tat-twelid: 3.7.1979 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3070379H041PBI	Mikalai Dolia huwa mħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel. F'dik il-pożizzjoni huwa responsabbli tas-sentenzi ta' pieni ta' priġunerija sproporzjonalment twal lil Siarhei Tsikhanouski, Artsiom Sakau, Dzmitry Papou, lhar Losik, Uladzimir Tsyhanovich u Mikalai Statkevich. Huwa kkontribwixxa għad-detenzjoni arbitrarja ta' Siarhei Tsikhanouski, kif ippreżentat fir-rapport mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-Detenzjoni Arbitrarja. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għal dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
191.	Andrei Yauhenavich PARSHYN Andrei Yevgenevich PARSHIN	Андрэй Яўгенавіч ПАРШЫН Андрей Евгеньевич ПАРШИН	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni fil-Belorussja (GUBOPiK) Data tat-twelid: 19.2.1974 Indirizz: 4A Skryganova St., Apt. 211, Minsk, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Andrei Parshyn huwa l-Kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni (GUBOPiK) fil-Ministeru għall-Intern mill-2021 'l hawn. GUBOPiK huwa wieħed mill-korpi ewlenin responsabbli għall-persekuzzjoni politika fil-Belarussja, inkluż l-arresti arbitrarji u illegali u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' attivisti u membri tas-soċjetà ċivili. Fuq il-profil tiegħu fuq Telegram, GUBOPiK ippubblika filmati ta' konfessjonijiet furzati minn attivisti Belarussi u ċittadini ordinarji, filwaqt li esponihom għall-pubbliku ġenerali Belarussu u użahom bħala għodda għal pressjoni politika. GUBOPiK żamm bħala detenut ukoll lil Mark Bernstein, wieħed mill-edituri ewlenin ta' Wikipedia bil-lingwa Russa, talli ppubblika informazzjoni dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, meqjusa bħala "aħbar falza" kontra r-Russja. Għalhekk Andrei Parshyn huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.6.2022
192.	Ihar Piatrovich TUR Igor Petrovich TUR	Ігар Пятровіч ТУР Игорь петрович ТУР	Pożizzjoni(jiet): Impjegat tal-istazzjon televiżiv statali "ONT", awtur u preżentatur prinċipali ta' diversi programmi ("Propaganda", "To be completed") Data tat-twelid: 26.3.1989 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Ihar Tur huwa impjegat tal-istazzjon televiżiv statali "ONT" u wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka. Huwa l-preżentatur tal-programm "Propaganda", li fih jappella għall-vjolenza, jiskredita lill-attivisti tal-oppożizzjoni u jipprommwovi filmati b'konfessjonijiet furzati minn priġunieri politiċi. Huwa l-awtur ta' għadd ta' rapporti foloz dwar protesti mill-oppożizzjoni Belarussa, u ta' diżinformazzjoni rigward avvenimenti fl-Unjoni u dwar attakki fuq is-soċjetà ċivili. Huwa responsabbli wkoll mit-tixrid tad-diżinformazzjoni u messaġġi online li jinċitaw il-vjolenza. Ingħata midalja minn Aliaksandr Lukashenka għall-ħidma tiegħu fil-media. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
193.	Lyudmila Leanidauna HLADKAYA Lyudmila Leonidovna GLADKAYA	Людміла Леанідаўна ГЛАДКАЯ Людмила Леонидовна ГЛАДКАЯ	Pożizzjoni(jiet): Korrispondent speċjali tal-gazzetta “SB Belarus Segodnya”, preżentatriċi fuq l-istazzjon televiżiv statali “Belarus 1” Data tat-twelid: 30.6.1983 Indirizz: 8A VodolazhskySt., apt. 45, Minsk, Belarus Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Lyudmila Hladkaya hija waħda mill-aktar propagandisti prominenti tar-reġim ta' Lukashenka. Hija impjegata tal-gazzetta “SB Belarus Segodnya” u assoċjata ma' media oħra favur ir-reġim, inkluż l-istazzjon televiżiv statali “Belarus 1”. Hija spiss tuża diskors ta' mibegħda u lingwaġġ derogatorju waqt li tkun qed titkellem dwar l-oppożizzjoni demokratika. Hija wettqet ukoll bosta “intervisti” ma' ċittadini Belarussi detenuti inġustament, spiss studenti, li juruhom f'sitwazzjonijiet umiljanti u li jirridikolawhom. Hija ppromwoviet ir-repressjoni tal-apparat tassigurtà Belarussu u ħadet sehem f'kampanji ta' diżinformazzjoni u ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni. Hija qed tesprimi pubblikament appoġġ għal Aliaksandr Lukashenka u tesprimi kburija fil-qadi tar-reġim tiegħu. Hija ġiet imfaħħra pubblikament u ppremjata minn Lukashenka għal xogħolha. Għaldaqstant hija qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	3.6.2022
194.	Ryhor Yur'yevich AZARONAK Grigoriy Yurevich AZARYONOK	Рыгор Юр'евіч АЗАРОНАК Григорий Юрьевич АЗАРЁНОК	Pożizzjoni(jiet): Impjegat tal-istazzjon televiżiv statali “CTV”, awtur u preżentatur ta' diversi programmi (“Secret Springs of Politics”, “Order of Judas”, “Panopticon”) Grad: Logutenent kurunell (riżerva) Data tat-twelid: 18.10.1995 Post tat-twelid: Minsk, Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Ryhor Azaronak huwa wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka. Huwa artikolista politiku, awtur u l-preżentatur ta' programmi ta' propaganda ta' kull ġimgħa fuq l-istazzjon televiżiv statali “CTV”. Fix-xandiriet tiegħu huwa approva l-vjolenza kontra dawk li ma jaqblux mar-reġim ta' Lukashenka, u sistematikament uża lingwaġġ derogatorju dwar attivisti, ġurnalisti u avversarji oħra tar-reġim ta' Lukashenka. Huwa rċieva premju bil-midalja “Għall-Kuraġġ” mingħand Aliaksandr Lukashenka. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M38					
195.	Ivan Ivanavich GALAVATYI Ivan Ivanovich GOLOVATY	Іван Іванавіч ГАЛАВАТЫ Иван Иванович ГОЛОВАТЫЙ	Pożizzjoni(jiet): Direttur Ġenerali tal-Open Joint Stock Company "Belaruskali", President tal-bord superviżorju ta' JSC Belarussian Potash Company. Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà Nazzjonali Data tat-twelid: 15.6.1976 Post tat-twelid: Pogost Settlement, Soligorsk District, Minsk Province, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Ivan Galavatyi huwa d-direttur ġenerali tal-intrapriża tal-istat Belaruskali, li hija sors ewlieni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Huwa membru tal-Kunsill tar-Repubblika u tal-Assemblea Nazzjonali. Huwa għandu wkoll diversi pożizzjonijiet għolja oħra fil-Belarussja u rċieva diversi premjijiet statali, inkluż mingħand Lukashenka nnifsu, tul il-karriera tiegħu. Huwa kien assoċjat mill-qrib ma' Lukashenka u membri tal-familja tiegħu. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. Bħala direttur ġenerali ta' Belaruskali, Ivan Galavatyi huwa involut direttament fir-rilokazzjoni min-naħa tar-reġim ta' Lukashenka ta' tfal Ukreni minn territorji okkupati f'kollaborazzjoni mar-Russja. Għaldaqstant, Ivan Galavatyi jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. L-impjegati ta' OJSC "Belaruskali" li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew imċaħħda minn primjums u mkeċċija. Alexander Lukashenka nnifsu hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strajkjaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant, bħala l-kap ta' Belaruskali, Ivan Galavatyi huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	3.6.2022
▼M35					
196.	Aliaksandr Uladzimirovich KARNIENKA Alexander Vladimirovich KORNIENKO	Аляксандр Уладзіміравіч КАРНІЕНКА Александр Владимирович КОРНИЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks kap tal-kolonja penali IK-17 Shklov, Logutenent Kurunell tas-Servizz Intern. Pożizzjoni attwali: Spettur Distrettwali, Dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Distrettwali ta' Slutsk Data tat-twelid: 9.1.1979 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap tal-kolonja penali IK-17 f'Shklov, Aliaksandr Karnienka huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, ikkawżat lill-priġunieri politiċi u lil ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u fil-protesti paċifiċi sussegwenti. Kien il-kap tal-kolonja penali fil-perjodu tal-mewt tal-priġunier politiku Vitold Ashurak fil-21 ta' Mejju 2021 f'dik il-kolonja penali, f'ċirkostanzi mhux spjegabbli. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
197.	Andrei Siarheevich PALCHIK Andrei Sergeevich PALCHIK	Андрэй Сяргеевіч ПАЛЬЧЫК Андрей Сергеевич ПАЛЬЧИК	Pożizzjoni(jiet): eks kap tal-kolonja korrettiva Nru 1 f'Novopolotsk Data tat-twelid: 3.3.1981 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala kap tal-kolonja korrettiva Nru.-1 f'Novopolotsk, Andrei Palchik kien responsabbli għal u pparteċipa fi prattika sistematika ta' tortura, ta' trattament ħażin u pieni abbużivi, inkluż l-użu dewwiemi u ripetut ta' reklużjoni solitarja, kontra l-priġunieri politiċi u ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali, b'mod partikolari wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u l-protesti paċifiċi sussegwenti. Bħala kap ta' dik il-kolonja penali, Andrei Palchik mhux biss huwa responsabbli milli jordna u jissorvelja dawn l-abbużi, iżda għandu rekord dokumentat ta' involviment personali f'atti ta' tortura u vjolenza kontra l-priġunieri. Matul l-amministrazzjoni ta' Andrei Palchik mill-2017 sa Marzu 2023, il-kolonja korrettiva Nru. 1 f'Novopolotsk saret magħrufa għall-kundizzjonijiet ta' detenzjoni estremament ħorox tagħha u t-trattament ħażin applikat lill-priġunieri, ħafna minnhom attivisti politiċi ewlenin u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, detenuti għall-oppożizzjoni tagħhom għar-reġim tal-President Lukashenka. Wara t-trasferiment tiegħu mill-kolonja penali Nru. 1, Palchik għadu jokkupa pożizzjoni għolja attiva f'faċilità oħra ta' detenzjoni u għalhekk ikompli jaqdi s-sistema ripressiva. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023
198.	Aliaksandr Uladzimiravich KAROL Aleksandr Vladimirovich KAROL	Аляксандр Уладзіміравіч КАРОЛЬ Александр Владимирович КОРОЛЬ	Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Anzjan tad-Dipartiment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali Data tat-twelid: 28.6.1992 Post tat-twelid: Bobruisk, Mogilev region, Republic of Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3280692M019PB8	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prosekutur Għoli fid-Dipartiment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Belarussja, Aliaksandar Karol huwa responsabbli għal diversi każijiet kriminali politikament motivati kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Belarussja. B'mod partikolari, huwa involut fil-prosekuzzjoni politikament motivata ta' rappreżentanti mill-organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem Viasna, inkluż il-president ta' Viasna Ales Bialiatski, il-Viċi President Valiantsin Stefanovic, l-avukat Uladzimir Labkovich, il-koordinatriċi tan-network ta' voluntiera ta' Viasna Marfa Rabkova, il-kap tal-uffiċċju ta' Viasna f'Gomel Leanid Sudalenka u l-voluntier Andrei Chapiuk, kif ukoll il-voluntiera Tatsiana Lasitsa li nħelset mill-kolonja penali ta' Gomel fl-24 ta' Settembru 2022.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	
199.	Mikhail Mikhailavich MURASHKIN Mikhail Mikhailovich MURASHKIN	Міхаіл Міхайлавіч МУРАШКІН Михаил Михайлович МУРАШКИН	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Muniċipali tal-Affarijiet Interni f'Zhodino - Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika L-ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Affarijiet Interni f'Borisov - Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika mid-29.10.2021 Data tat-twelid: 8.9.1989 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-kapaċità tiegħu bħala eks kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika f'Zhodino, Mikhail Murashkin ordna lit-truppi tal-pulizija u lill-pulizija tal-irvellijiet OMON biex irażżnu b'mod brutali l-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali fl-2020, billi sawtu lid-dimostranti u użaw il-vjolenza kontrihom. Huwa involut ukoll fid-detenzjoni illegali ripetuta ta' ġurnalisti indipendenti li jkopru l-protesti fit-tħejjija għall-elezzjonijiet presidenzjali. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Huwa jkompli jokkupa pożizzjoni għolja simili fid-Dipartiment tal-Affarijiet Interni.	3.8.2023
200.	Mikalai Vasilievich MAKSIMAVICH Nikolai Vasilievich MAKSIMOVICH	Мікалай Васільевіч МАКСІМАВІЧ Николай Васильевич МАКСИМОВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Milizzja tas-Sigurtà Pubblika, Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk Data tat-twelid: 25.2.1977 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Indirizz: Minsk, st. Yankee Brylya 21, apt. 224; Minsk, st. Kolesnikova 32, apt. 3 ID personali: 3250277M077PB2	Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Kap tal-Milizzja tas-Sigurtà Pubblika, id-Direttorat għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk, Mikalai Maksimavich huwa responsabbli għar-repressjoni brutali tal-protesti paċifiċi qabel l-elezzjonijiet presidenzjali f'Awwissu 2020 u wara. Huwa personalment ta ordnijiet lill-pulizija tal-irvellijiet OMON biex b'mod vjolenti jrażżnu d-dimostrazzjonijiet, iżommu lid-dimostranti u lill-ġurnalisti indipendenti li jkopru dawn l-avvenimenti, u jissottomettuhom għal kundizzjonijiet ħorox ta' detenzjoni. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
201.	Piotr Aleksandrovich ARLOU Petr Aleksandrovich ORLOV	Пётр Аляксандровіч АРЛОЎ Петр Александрович ОРЛОВ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Reġjonali ta' Minsk Data tat-twelid: 6.4.1967 Post tat-twelid: Minsk, Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3040667A088PB0 Indirizz: Minsk, st. Sharangovicha 78, apt. 60	Fil-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti tal-Belt ta' Minsk, Piotr Arlou rrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'bosta proċessi politikament motivati u huwa responsabbli għall-verdetti twal in absentia kontra diversi membri tal-oppożizzjoni demokratika; Sviatlana Tsikhanouskaya (15-il sena), Pavel Latushka (18-il sena), u Volha Kavalkova, Maryia Maroz u Siarhei Dyleuski (12-il sena kull wieħed). Piotr Arlou huwa responsabbli wkoll għat-tmexxija tal-proċess u l-verdetti politikament motivati kontra l-blogger Eduard Palchys (13-il sena ħabs) u l-ġurnalista Katsiaryna Andreyeva (sentejn). Dawn il-verdetti huma parti minn ċaħda u kastig sistematiku għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni mill-awtoritajiet Belarussi. Il-verdetti ta' Piotr Arlou huma eżempji tar-repressjoni sistemika tad-dissens. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	3.8.2023
202.	Ruslan Khikmetavich MASHADZEOU Ruslan Khikmetovich MASHADIYEV	Руслан Хікметовіч МАШАДЗЕЎ Руслан Хикметович МАШАДИЕВ	Pożizzjoni(jiet): Ex-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 1 Kap attwali tal-Kolonja Penali Nru 1 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap u eks Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 1, Ruslan Mashadzeou huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, ikkawżat lill-priġunieri politiċi u lil ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u fil-protesti paċifiċi sussegwenti. Kien il-kap tal-kolonja penali fil-perjodu tal-mewt tal-priġunier politiku Vitold Ashurak fil-21 ta' Mejju 2021 fil-kolonja penali, f'ċirkostanzi mhux spjegabbli. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
203.	Siarhei Uladzimiravich KARCHEUSKY Sergey Vladimirovitch KARCHEVSKIY	Сяргей Уладзіміравіч КАРЧЭЎСКІ Сергей Владимирович КАРЧЕВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Maġġur kap tad-dipartiment tar-reġim tal-Kolonja penali Nru 17 Shklow Data tat-twelid: 15.6.1983 Indirizz: 6 Fatina str, apt. 100, Mogilev, Belarus Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 3150683MO74PB5	Bħala kap tad-dipartiment tar-reġim tal-Kolonja Penali Nru 17 fi Shklow, Siarhei Kharcheusky huwa direttament responsabbli għall-kundizzjonijiet inumani ta' detenzjoni fil-kolonja, għall-prattiki vjolenti u t-trattamenti ħżiena imposti fuq il-priġunieri, b'mod partikolari fuq il-priġunieri politiċi. Huwa kien involut personalment fit-twettiq ta' swat u atti oħra ta' vjolenza estrema kontra l-priġunieri u huwa direttament involut u responsabbli għall-mewt tal-priġunier politiku Vitold Ashurak f'dik il-kolonja penali, fil-21 ta' Mejju 2021. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023
204.	Siarhei Vasilyevich MASLIUKOU Sergey Vasilyevich MASLIUKOV	Сяргей Васільевіч МАСЛЮКОЎ Сергей Васильевич МАСЛЮКОВ	Pożizzjoni(jiet): Kap Kurunell tas-servizz intern tal-Kolonja Edukattiva Nru 2 f'Bobruysk Post tat-twelid: Shklov, il-Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Indirizz issuspettat: Bobruysk	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap Kurunell tas-servizz intern tal-Kolonja Edukattiva Nru 2 f'Bobruysk, Siarhei Masliukou huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti ta' minuri. Huwa responsabbli milli ssoġġetta tfal għall-ġuħ, it-tortura, ix-xogħol furzat, u diversi forom ta' vjolenza fiżika u psikoloġika. Huwa responsabbli wkoll milli ċaħħad lil ħabsin taħt l-età mill-aċċess għall-kura medika. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M38

205.	Sviatlana Aliaksandrauna BANDARENKA Svetlana Aleksandrovna BONDARENKO	Святлана Аляксандраўна БАНДАРЭНКА Светлана Александровна БОНДАРЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja, eks imħallef fil-qorti tad-Distrett ta' Moskovsky ta' Minsk Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala mħallef tad-Distrett ta' Moskovsky ta' Minsk, Sviatlana Bandarenka kienet responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament. Hija kkundannat diversi ċittadini Belarussi talli pparteċipaw fi protesti u ppubblikaw kummenti kontra l-gvern fuq Telegram. Hija kkundannat ukoll lill-ġurnalista Ekaterina Borisevich u lit-tabib tal-isptar ta' emerġenza Artyom Sorokin talli żvelaw sigrieti mediċi dwar Roman Bondarenko, li ġie msawwat għall-mewt mill-forzi tas-sigurtà. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Hija nħatret minn Lukashenka bħala mħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
206.	Sviatlana Paulauna PAKHODAVA Svetlana Pavlovna POKHODOVA	Святлана Паўлаўна ПАХОДАВА Светлана Павловна ПОХОДОВА	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Kolonja Penali Nru 4 għan-nisa f'Gomel Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa Post suspettat: Gomel	Fil-pożizzjoni tagħha ta' Kap tal-Kolonja Penali Nru 4 għan-nisa f'Gomel, Sviatlana Pakhodava hija responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, imposta fuq il-priġunieri politiċi u ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali femminili. Hija kienet diġà l-kap tal-kolonja penali fiż-żmien tal-prosekuzzjoni ta' Maria Kalesnikava, priġuniera politika li ngħatat sentenza ta' 11-il sena priġunerija għall-parteċipazzjoni tagħha fil-protesti kontra l-ħakma awtoritarja ta' Aliaksander Lukashenko fil-kolonja penali. Hija ġiet imċaħħda mid-drittijiet kollha tal-priġunieri, inkluż id-dritt li tikkonsulta avukat. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023
207.	Tatsiana Valerieuna PIROZHNIKAVA Tatiana Valeryevna PIROZHNIKOVA	Таццяна Валер'еўна ПІРОЖНІКАВА Татьяна Валерьевна ПИРОЖНИКОВА	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-qorti tad-distrett ta' Moscovsky ta' Minsk Data tat-twelid: 8.1.1987 Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa ID personali: 4010887M019PB2	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Mħallef tad-distrett ta' Moskovsky ta' Minsk, Tatsiana Pirozhnikava kkundannat diversi ċittadini Belarussi għal raġunijiet politiċi, inkluż għall-parteċipazzjoni tagħhom fi protesti u għall-pubblikazzjoni ta' kummenti kontra l-gvern fuq Telegram. Huwa ddokumentat li xi kultant qed tagħti sentenzi aktar iebsa minn dawk mitluba mill-prosekutur. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
208.	Tatsiana Aliaksandrauna GRAKUN Tatyana Alexandrovna GRAKUN	Таццяна Аляксандраўна ГРАКУН Татьяна Александровна ГРАКУН	Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Anzjan fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Reġjun ta' Minsk għas-Superviżjoni tal-Konformità mal-Liġi tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Kawżi Kriminali, Kunsillier Superjuri tal-Ġustizzja Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Tatsiana Grakun hija prosekutur Belarussu li sservi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Reġjun ta' Minsk. F'din il-pożizzjoni hija rrappreżentat lir-reġim ta' Lukashenka f'każijiet politikament motivati kontra ġurnalisti. B'mod partikolari, hija ħarrket lil Maryna Zolatava, kap editur ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs, u Liudmila Chekina, direttur ġenerali ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs f'Marzu 2023, abbażi tal-akkużi infondati ta' "ħsara għas-sigurtà nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja". Għalhekk Tatsiana Grakun hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
209.	Valyantsina Mikalaeuna ZIANKEVICH Valentina Nikolaevna ZENKEVICH	Валянціна Мікалаеўна ЗЯНКЕВІЧ Валентина Николаевна ЗЕНЬКЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Kulleġġ Ġudizzjarju għall-Kawżi Kriminali tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk, Imħallef Data tat-twelid: 8.1.1969 Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Valyantsina Ziankevich hija mħallef Belarussu li sservi f'Collegium Ġudizzjarju għal Każijiet Kriminali tal-Qorti tal-Belt ta' Minsk. Hija ħarġet deċiżjonijiet motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Hija kkundannat mill-inqas seba' ċittadini Belarussi għal raġunijiet politiċi, inkluż Maryna Zolatava, il-kap editur ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs, u Liudmila Chekina, direttur ġenerali ta' TUT.BY, li kienet ikkundannata għal 12-il sena ħabs f'Marzu 2023. Mill-2022, hija għandha storja dokumentata ta' ħruġ ta' deċiżjonijiet politikament motivati kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
210.	Yauhen Valerievich BUBICH Yevgeniy Valerievich BUBICH	Яўген Валер'евіч БУБІЧ Евгений Валерьевич БУБИЧ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-kolonja Penali Nru 2; Logutenent Kurunell tas-servizz intern Data tat-twelid: 3.6.1979 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Indirizz: Bobruysk, st. Kovzana 60, apartment 42; Bobruysk, st. Kovzana 5/485; Bobruysk, st. Internationalnaya 66B, apartment 31	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala kap tal-Kolonja Penali Nru 2 f'Bobruysk, Yauhen Bubich huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, ix-xogħol furzat, il-vjolenza fiżika u psikoloġika, imwettqa fuq il-priġunieri. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023
211.	Yuri Ivanavich VASILEVICH Yuriy Ivanovich VASILEVICH	Юры Іванавіч ВАСІЛЕВІЧ Юрий Иванович ВАСИЛЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Kolonja Penali Nru 14 f'Novosady Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tal-Kolonja Penali Nru 14, Yuri Vasilevich huwa responsabbli għat-trattament ħażin tad-detenuti miżmuma taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, imposta fuq il-priġunieri politiċi u ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali. Huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
212.	Raman Ivanavich BIZIUK Roman Ivanovich BIZYUK	Раман Іванавіч БІЗЮК Роман Иванович БИЗЮК	Pożizzjoni(jiet): Prosekutur Data tat-twelid: 25.3.1986 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel ID personali: 3250386H012PB7 Indirizz: Minsk, 30 Masherova Ave., apt. 25	Fil-pożizzjoni ta' prosekutur fil-Qorti Muniċipali ta' Minsk, Raman Biziuk irrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'bosta kawżi politikament motivati, b'mod partikolari kontra Marfa Rabkova u Andrei Chapiuk, li rċievew verdetti eċċezzjonalment twal ta' 15 u sitt snin ħabs rispettivament, u t-tmien kokonvenuti tagħhom li rċevew verdetti tal-ħabs ta' bejn ħamsa u 17-il sena. Marfa Rabkova ntbagħtet il-ħabs fuq akkużi politikament motivati ta' "taħriġ ta' persuni biex jipparteċipaw f'irvellijiet talmassa jew il-finanzjament ta' attivitajiet bħal dawn" għall-koordinazzjoni tas-servizz ta' volontarjat fil-grupp tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxut internazzjonalment Viasna u l-organizzazzjoni tal-monitoraġġ tal-elezzjoni f'Awwissu 2020. Hija ddokumentat ukoll każijiet ta' tortura u trattament ħażin ieħor kontra dimostranti detenuti. Marfa Rabkova kienet waħda mill-ewwel membri ta' Viasna li kienet fil-mira tal-awtoritajiet b'akkużi kriminali politikament motivati wara l-protesti f'Awwissu 2020. Andrei Chapiuk ġie akkużat għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u l-inċitament ta' mibegħda fost affarijiet oħra, għall-impenn tiegħu bħala voluntier fi Viasna. Il-proċess tagħhom inżamm bil-bibien magħluqa fuq talba talprosekutur Raman Biziuk u l-approvazzjoni mill-imħallef Siarhei Khrypach minħabba l-eżistenza allegata ta' "materjal ta' natura estremista" fil-każ. Raman Biziuk huwa responsabbli wkoll għall-prosekuzzjoni politikament motivata kontra l-kokonvenuti fl-istess proċess, jiġifieri, Akihiro Haeuski-Hanada, Alyaksandr Frantaskevich, Alykaksei Galauko, Alyaksandr Kazlyanka, Pavel Shpteny, Mikita Dranets, Andrei Marach u Daniil Chul. Huwa responsabbli wkoll għall-akkużi politikament motivati kontra Andrei Linnik u Anton Bialenski kif ukoll kontra Dzmitry Kanapelka, Vitalii Kavalenka, Tsimur Pipiya, Dzianis Boltuts, Vital Shyshlou u Emil Huseinau. Għalhekk Raman Biziuk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
213.	Siarhei Fiodaravich KHRYPACH Sergey Fedorovich KHRIPACH	Сяргей Фёдаравіч ХРЫПАЧ Сергей Федорович ХРИПАЧ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Qorti Muniċipali ta' Minsk Data tat-twelid: 16.4.1966 Post tat-twelid: Minsk, Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel ID personali: 3160466A077PB2 Indirizz: Minsk, st. Odintsova 105, apt. 206	Fil-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti Muniċipali ta' Minsk, Siarhei Khrypach irrappreżenta lir-reġim ta' Lukashenka f'bosta kawżi politikament motivati, b'mod partikolari kontra Marfa Rabkova, Andrei Chapiuk li rċievew sentenzi eċċezzjonalment twal ta' 15 u sitt snin ħabs, rispettivament, u t-tmien kokonvenuti tagħhom li rċevew sentenzi ta' kustodja ta' bejn ħamsa sa 17-il sena. Marfa Rabkova ntbagħtet il-ħabs fuq akkużi politikament motivati ta' "taħriġ ta' persuni biex jipparteċipaw f'irvellijiet talmassa jew il-finanzjament ta' attivitajiet bħal dawn" għall-koordinazzjoni tas-servizz ta' volontarjat fil-grupp tad-drittijiet talbniedem rikonoxxut internazzjonalment Viasna u l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ tal-elezzjoni f'Awwissu 2020. Hija ddokumentat ukoll każijiet ta' tortura u trattament ħażin ieħor kontra dimostranti detenuti. Marfa Rabkova kienet waħda mill-ewwel membri ta' Viasna li kienet fil-mira tal-awtoritajiet b'akkużi kriminali politikament motivati wara l-protesti f'Awwissu 2020. Andrei Chapiuk ġie akkużat għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u l-inċitament għall-mibegħda fost affarijiet oħra, għall-impenn tiegħu bħala voluntier fi Viasna. Il-proċess tagħhom inżamm bil-bibien magħluqa fuq talba talprosekutur Raman Biziuk u bl-approvazzjoni tal-imħallef Siarhei Khrypach minħabba l-eżistenza allegata ta' "materjali ta' natura estremista" fil-każ. Siarhei Khrypach huwa responsabbli wkoll għat-tmexxija talproċess u l-verdetti politikament motivati kontra l-kokonvenuti fl-istess proċess, jiġifieri, Akihiro Haeuski-Hanada, Alyaksandr Frantaskevich, Alykaksei Galauko, Alyaksandr Kazlyanka, Pavel Shpteny, Mikita Dranets, Andrei Marach u Daniil Chul. Siarhei Khrypach huwa responsabbli wkoll għall-verdett politikament motivat kontra Yegor Dudnikov f'Mejju 2021. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet talbniedem, ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, u attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
214.	Vadzim Frantzavich GIGIN Vadim Franzevich GIGIN Vadzim HIHIN	Вадзім Францавіч ГІГІН Вадим Францевич ГИГИН	Pożizzjoni(jiet): Direttur tal-Librerija Nazzjonali tal-Belarussja, eks Kap tas-soċjetà governattiva tal-Belarussja "Knowledge" u Dekan tal-Fakultà tal-Filosofija u x-Xjenzi Soċjali tal-Università tal-Istat tal-Belarussja, kandidat għax-Xjenza Storika. Data tat-twelid: 21.10.1977 Post tat-twelid: Minsk, qabel Belarussian SSR (issa Belarussja) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vadzim Gigin huwa wieħed mill-aktar membri vokali u influwenti tas-sistema tal-propaganda tal-istat Belarussu. Huwa jappoġġa sistematikament ir-reġim ta' Lukashenka u spiss jippreżenta l-fehmiet tiegħu fuq l-istazzjonijiet televiżivi tal-istat ONT u l-Belarus 1. Vadzim Gigin appoġġa u ġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u tas-soċjetà ċivili u tal-media indipendenti, b'mod partikolari wara l-elezzjonijiet presidenzjali f'Awwissu 2020. Vadzim Gigin ixerred in-narrattivi ta' propaganda tiegħu dwar "'reġim nazista fl-Ukrajna", u jiddiskredita lill-Punent u jiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Sa Ġunju 2023, Vadzim Gigin kien il-kap tas-soċjetà Belarussa "Knowledge", li hija magħrufa bħala organizzazzjoni mhux governattiva sponsorjata mill-istat li tippromwovi lil Lukashenka u r-reġim tiegħu. Il-kontribut ta' Gigin għar-reġim ġie rikonoxxut minn Lukashenka f'Settembru 2021 meta Gigin irċieva l-midalja "For Labor Merits". Barra minn hekk, fi Frar 2023 inħatar bħala membru tal-Kummissjoni biex jikkunsidra l-appelli taċ-ċittadini Belarussi barra mill-pajjiż dwar reati mwettqa minnhom, immexxija mill-Prosekutur Ġenerali tal-Belarussja Andrei SHVED. Għalhekk, Vadzim Gigin qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	3.8.2023
215.	Ksenia Piatrouna LEBEDZEVA Ksenia Petrovna LEBEDEVA	Ксенія Пятроўна ЛЕБЕДЗЕВА Ксения Петровна ЛЕБЕДЕВА	Pożizzjoni(jiet): Propagandista u impjegata tal-istazzjon tal-istat "Belarus 1" u Belarus News Agency Data tat-twelid: 12.12.1987 Post tat-twelid: Mogilev, qabel Belarussian SSR (issa Belarus) Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Ksenia Lebedzeva hija waħda mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka u hija assoċjata mill-qrib mal-media tar-reġim. Hija preżentatriċi tat-TV Belarussu fl-istazzjon tal-Istat "Belarus 1". Minn Lulju 2021, hija ospitat il-programm ta' informazzjoni u analiżi "This is different" fl-istazzjon televiżiv proprjetà tal-Istat "Belarus 1". Fil-kolonna u r-rapporti tagħha għall-istazzjon televiżiv Belarus 1, hija tippromwovi propaganda Russa rigward il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u propaganda tal-istat tal-Belarussja diretta kontra l-oppożizzjoni u l-pajjiżi ġirien. Ksenia Lebedzeva qed tippromwovi l-idea li l-Ukrajna, flimkien man-NATO, ilha tniedi operazzjonijiet speċjali ta' informazzjoni u psikoloġiċi kontra l-Belarussja mill-2020 u n-narrattiva ta' Lukashenka li r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni huma ffinanzjati mill-pajjiżi tal-Punent.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Fis-16.1.2021, Ksenia Lebedzeva ngħatat bi gratitudni mill-President Lukashenka għal "kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-politika ta' informazzjoni tal-istat, professjonaliżmu għoli, kopertura oġġettiva u komprensiva tal-avvenimenti tal-ħajja soċjopolitika u soċjokulturali tal-pajjiż". Għalhekk, Ksenia Lebedeva qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	
216.	Zinaida Vasilieuna BALABALAVA Zinaida Vasilievna BALABALAVA	Зінаіда Васільеўна БАЛАБАЛАВА Зинаида Васильевна БАЛАБОЛАВА	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Navapolatsk Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Navapolatsk, Zinaida Balabalava hija responsabbli għal bosta sentenzi politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari l-kundanna tal-mexxej tat-trade unions Volha Bytsikava, u tal-attivisti Hanna Tukava u Andrei Halavyryn. Hija ssoġġettat persuni għal multi u arresti talli ppubblikaw sinjali li jgħidu "le għall-gwerra" jew għar-rappurtar indipendenti ta' proċessi kriminali. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
217.	Halina KNIZHONAK Galina KNIZHONAK	Галіна КНІЖОНАК Галина КНИЖОНАК	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Mazyr Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti distrettwali ta' Mazyr, Halina Knizhonak hija responsabbli għal bosta sentenzi politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari l-kundanna ta' Hleb Koipish, Uladzislau Hancharou, Aliaksandr Tsimashenka u Daniil Skipalski. Hija kkundannat persuni għall-ħabs talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim ta' Lukashenka. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
218.	Hanna Barisauna LIAVUSIK Anna Borisovna LEUSIK	Ганна Барысаўна ЛЯВУСІК Анна Борисовна ЛЕУСИК	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-qorti distrettwali ta' Leninsky ta' Hrodna/Grodno Data tat-twelid: 7.10.1973 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Indirizz: Grodno, st. Soviet Border Guards 120, apt. 47 ID personali: 4071073K000PB2	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti distrettwali ta' Leninski ta' Hrodna, Hanna Liavusik hija responsabbli għal bosta sentenzi politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari l-kundanna ta' Alexander Tyelega. Hija kkundannat persuni billi tat multi u sentenzi ta' ħabs talli tkellmu kontra l-vjolenza u r-repressjoni. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
219.	Henadz Ivanavich KUDLASEVICH Gennadiy Ivanovich KUDLASEVICH	Генадзь Іванавіч КУДЛАСЕВІЧ Геннадий Иванович КУДЛАСЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Ivanovsky Data tat-twelid: 5.5.1973 Post tat-twelid: Tereblychi, Stolin District, qabel Belarussian SSR (issa Belarussja) Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Ivanovsky, Henadz Kudlasevich huwa responsabbli għal diversi sentenzi politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari l-kundanna ta' Yuryi Holik. Huwa kkundanna persuni billi ta sentenzi ta' ħabs, detenzjoni domiċiljari u multi talli pprotestaw kontra l-gvern jew għal rappurtar indipendenti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
220.	Ina Leanidauna PAULOUSKAYA Inna Leonidovna PAVLOVSKAYA	Іна Леанідаўна ПАЎЛОЎСКАЯ Инна Леонидовна ПАВЛОВСКАЯ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Baranovichi Data tat-twelid: 29.7.1975 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Indirizz: Baranovichi, st. Mikolskaya 32 ID personali: 4290775C016PB9	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Baranovichi, Ina Paulouskaya hija responsabbli għal bosta sentenzi politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari l-kundanna ta' Vitaly Korsak u Anatoly Pugach. Hija kkundannat persuni billi tat sentenzi ta' ħabs u multi talli kkritikaw lill-President Lukashenka u pprotestaw kontra l-eżitu tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
221.	Aliaksandr Mikalaevich TARAKANAU Alexander Nikolaevich TARAKANOV	Аляксандр Мікалаевіч ТАРАКАНАЎ Александр Николаевич ТАРАКАНОВ	Pożizzjoni(jiet): Qorti Distrettwali ta' Shklov, Reġjun ta' Mogilev, Imħallef Data tat-twelid: 19.5.1965 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aliaksandr Tarakanau huwa mħallef Belarussu li jservi f'Qorti Distrettwali ta' Shklov fir-Reġjun ta' Mogilev. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka b'mod indefinit fl-2017. Huwa ta prinċipalment sentenzi li żiedu l-pieni kontra l-avversarji politiċi tal-awtoritajiet Belarussi, speċjalment fil-kuntest tat-tibdil ta' sentenzi imposti għal priġunerija assoluta jew reġim aktar strett għall-iskontar ta' tali sentenzi. Deċiżjoni bħal din ittieħdet fil-każ tal-filosfu u l-ġurnalist Uladzimir Matskievich li huwa assoċjat mal-istazzjoni televiżiv indipendenti Belsat. Għalhekk Aliaksandr Tarakanau huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
222.	Dzmitriy Vitalevich BUBENCHIK Dmitriy Vitalievich BUBENCHIK	Дзмітрый Вітальевіч БУБЕНЧЫК Дмитрий Витальевич БУБЕНЧИК	Pożizzjoni(jiet): Qorti Reġjonali ta' Grodno, Imħallef Data tat-twelid: 15.7.1985 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dzmitriy Bubenchik huwa mħallef Belarussu li jservi f'Qorti Distrettwali ta' Grodno. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Fit-8 ta' Frar 2023 huwa kkundanna lil Andrzej Poczobut, ġurnalist indipendenti u attivist ta' minoranza Pollakka li jikkritika lill-gvern tar-Repubblika tal-Belarussja, għal tmien snin ħabs. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
223.	Aleg Uladzimiravich KHOROSHKA Oleg Vladimirovich KHOROSHKO	Алег Уладзіміравіч ХОРОШКА Олег Владимирович ХОРОШКО	Pożizzjoni(jiet): Qorti Reġjonali ta' Gomel, Imħallef Data tat-twelid: 22.5.1977 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Aleg Khoroshka huwa mħallef Belarussu li jservi f'Qorti Distrettwali ta' Gomel. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi, li jinkludu ġurnalist tal-istazzjon televiżiv indipendenti Belsat, Katsiaryna Andreyeva li rċeviet senenza ta' tmien snin u tliet xhur f'kolonja penali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
224.	Anastasia Uladzimirouna BENEDZISIUK Anastasia Vladimirovna BENEDISYUK	Анастасія Уладзіміраўна БЕНЕДЗІСЮК Анастасия Владимировна БЕНЕДИСЮК	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment tar-Reporters tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet tat-TV fl-istazzjon televiżiv tal-Istat Nazzjonali Belarus 1 TV Data tat-twelid: 31.10.1992 Post tat-twelid: Oshmyan, Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Anastasia Benedzisiuk hija waħda mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka u l-Kap tad-Dipartiment tar-Reporters fl-Aġenzija tal-Aħbarijiet tat-TV, li tħejji rapporti għall-istazzjon televiżiv Belarus 1. Hija tospita l-programm ta' informazzjoni "Plan B" fl-istazzjon televiżiv "Belarus 1" li huwa proprjetà tal-istat. Fil-programm u r-rapporti tagħha għall-istazzjon televiżiv Belarus 1, hija qed ixxerred in-narrattivi tal-propaganda Russa dwar "reġim nazi fl-Ukrajna", il-forzi armati Ukreni, kif ukoll l-propaganda tal-President Lukashenka kontra l-oppożizzjoni Belarussa u r-reġim ta' Kalinousky. Hija qed ixxerred propaganda kontra s-sanzjonijiet tal-Punent. Fl-2023, Anastasia Benedzisiuk ingħatat premju uffiċċjali bi gratitudni minn Lukashenka għal "kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-politika ta' informazzjoni tal-istat, professjonaliżmu għoli, kopertura oġġettiva u komprensiva tal-avvenimenti tal-ħajja soċjopolitika u soċjokulturali tal-pajjiż". Għaldaqstant hija qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	3.8.2023
225.	Yauhen PUSTAVY Yevgeniy PUSTOVOY	Яўген ПУСТАВЫ Евгений ПУСТОВОЙ	Funzjoni: Propagandista u xandar Belarussu Data tat-twelid: 29.2.1984 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Yauhen Pustavy huwa propagandist Belarussu li jaħdem għal Stolichnoye Televideniye, wieħed mit-tliet stazzjonijiet televiżivi nazzjonali fil-Belarussja, u għal Minskaya Prauda, gazzetta tal-istat. Huwa responsabbli għat-tixrid tal-propaganda b'appoġġ għall-politiki ta' Lukashenka u li tiġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa ngħata premju minn Lukashenka għall-merti tiegħu fl-iżvilupp tal-politika ta' informazzjoni tal-Istat. Barra minn hekk, huwa membru tal-Kummissjoni tal-Istat bl-għan li jivverifika r-refuġjati politiċi li jixtiequ jirritornaw lejn il-Belarussja. Din il-kummissjoni nħolqot minn Lukashenka bl-għan politiku li turi r-refuġjati li jirritornaw lejn il-Belarussja bħala persuni li jiddispjaċihom dwar l-azzjonijiet tagħhom kontra r-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant huwa qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
226.	Alena Stanislavauna HARMASH Alena Stanislavovna GORMASH	Алена Станіславаўна ГОРМАШ Елена Станиславовна ГОРМАШ	Funzjoni: Qorti tad-Distrett ta' Bobruisk u ta' Bobruisk, Imħallef Data tat-twelid: 10.9.1967 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Alena Harmash hija mħallef Belarussa li sservi f'Qorti tad-Distrett ta' Bobruisk u ta' Bobruisk. Hija ħarġet sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Hija kkundannat sitt sostenituri u attivist tal-oppożizzjoni għal raġunijiet politiċi. Hija għandha passat dokumentat sa mill-2020 ta' ħruġ ta' sentenzi politikament motivati kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
227.	Andrei Ramanavich TARASEVICH Andrei Romanovich TARASEVICH	Андрэй Раманавіч ТАРАСЕВІЧ Андрей Романович ТАРАСЕВИЧ	Funzjoni: Qorti Distrettwali ta' Glubokoye, Imħallef Data tat-twelid: 10.11.1974 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Andrei Tarasevich huwa mħallef Belarussu li jservi f'Qorti Distrettwali ta' Glubokoye. Huwa ħareġ sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Huwa kkundanna mill-inqas 13-il ċittadin Belarussu għal raġunijiet politiċi. Huwa għandu passat dokumentat mill-2017 sal-2023 ta' ħruġ ta' sentenzi politikament motivati kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
228.	Hanna Mikhailauna ASIPENKA Anna Mikhailovna OSIPENKO	Ганна Міхайлаўна АСІПЕНКА Анна Михайловна ОСИПЕНКО	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Bobruisk u ta' Bobruisk Data tat-twelid: 7.12.1982 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Hanna Asipenka hija mħallef Belarussa li sservi f'Qorti tad-Distrett ta' Bobruisk u ta' Bobruisk. Hija ħarġet sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Bejn l-2020 u l-2023, ħadet sehem attiv fis-sentenzi ta' avversarji politiċi tar-reġim. Matul dak il-perjodu, hija tat mill-inqas 13-il sentenza, inkluż fil-każijiet ta' żewġ ġurnalisti tal-media indipendenti. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
229.	Iryna Uladzimirauna PADKAVYRAVA Irina Vladimirovna PODKOVYROVA	Ірына Уладзіміраўна ПАДКАВЫРАВА Ирина Владимировна ПОДКОВЫРОВА	Funzjoni: Prosekutur Data tat-twelid: 22.9.1972 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Iryna Padkavyrava hija prosekutur Belarussa. Hija ilha assoċjata mal-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni mill-inqas mill-2009, meta serviet bħala prosekutur anzjan fir-reġjun ta' Gomel. Fl-2022, hija aġixxiet bħala prosekutur fil-proċess ta' ġurnalist indipendenti affiljat ma' TVP u Belsat TV. Dak iż-żmien, hija talbet sentenza ta' erba' snin ħabs għall-ġurnalista. Hija ħadet sehem ukoll fil-kunsiderazzjoni ta' appelli kontra sentenzi mogħtija għal interventi fuq il-media soċjali Belarussa li ma kinux favorevoli għall-gvern u għall-uffiċjali tiegħu. Bħala prosekutur, hija appoġġat il-penali, filwaqt li kkunsidrathom adegwati u ġusti. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
230.	Ludmila Stsiapanauna VASHCHANKA Ludmila Stiepanovna VASHCHENKO	Людміла Сцяпанаўна ВАШЧАНКА Людмила Степановна ВАЩЕНКО	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Glubokoye Data tat-twelid: 22.9.1972 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara	Liudmila Vashchanka hija mħallef Belarussa li sservi f'Qorti Distrettwali ta' Glubokoye. Hija ħarġet sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Hija għandha passat dokumentat mill-2007 sal-2023 ta' ħruġ ta' sentenzi politikament motivati kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Matul dan il-perjodu, hija kkundannat mill-inqas disa' ċittadini Belarussi, inkluż partitarji u attivisti tal-oppożizzjoni, għal raġunijiet politiċi. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
231.	Uladzimir Aliaksandravich DAVYDAU Vladimir Alexandrovich DAVYDOV	Уладзімір Аляксандравіч ДАВЫДАЎ Владимир Александрович ДАВЫДОВ	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti Suprema tal-Belarussja Data tat-twelid: 11.4.1967 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Uladzimir Davydau huwa mħallef Belarussu li jservi fil-Qorti Suprema tal-Belarussja. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka b'mod indefinit fl-2014. L-imħallef Davydau qata' sentenzi prinċipalment dwar appelli rigward sentenzi ta' ħabs għal attivisti politiċi u ġurnalisti. Huwa ma bidel xejn minn dawk is-sentenzi. Tali deċiżjoni ttieħdet fil-każ tal-ġurnalist ta' Belsat, Pavel Vinahradau. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
232.	Viachaslau Uladzimiravich YELISEENKA Vyacheslav Vladimirovich ELISEENKO	Вячаслаў Уладзіміравіч ЕЛІСЕЕНКА Вячеслав Владимирович ЕЛИСЕЕНКО	Funzjoni: Imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Dokshitsy Data tat-twelid: 10.4.1979 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Viachaslau Yeliseenka huwa mħallef Belarussu li jservi f'Qorti Distrettwali ta' Dokshitsy. Huwa ħareġ sentenzi motivati politikament kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Huwa kkundanna għaxar ċittadini Belarussi għal raġunijiet politiċi. Huwa għandu storja dokumentata mill-2018 ta' ħruġ ta' sentenzi politikament motivati kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023
233.	Anton Uladzimiravich KALYAGA Anton Vladimirovich KOLYAGO	Антон Уладзіміравіч КАЛЯГА Антон Владимирович КОЛЯГО	Funzjoni: Investigatur prinċipali - investigatur għal każijiet partikolarment importanti tad-Direttorat Ewlieni għall-Investigazzjoni ta' Reati fl-Isfera tal-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Kumitat Investigattiv, Maġġur tal-Ġustizzja Data tat-twelid: 2.10.1989 Post tat-twelid: Minsk, Republic of Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Anton Kalyaga huwa investigatur tad-Direttorat Ewlieni għall-Investigazzjoni ta' Reati fl-Isfera tal-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Kumitat Investigattiv tar-Repubblika tal-Belarussja. Hu jmexxi l-kawża kriminali kontra l-membri ta' Viasna. Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra Ales Bialiatski, Valianstin Stefanovich u Uladzimir Labkovich jinkludu għadd kbir ta' irregolaritajiet u l-perjodu ta' investigazzjoni ġie estiż artifiċjalment mill-awtoritajiet f'tentattiv ta' fabbrikazzjoni ta' evidenza, li jaqbeż il-limitu ta' żmien stabbilit mil-liġi tal-Belarus u l-istandards internazzjonali li jirregolaw id-dritt għal smiegħ xieraq. L-investigazzjoni u l-proċess tal-kawża ta' Viasna ma kkonformawx mal-istat tad-dritt. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għad-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M18

B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
1.	Beltechexport	Beltechexport	Indirizz: Nezavisimosti Ave. 86-B, Minsk, Belarus Sit web: https://bte.by/ Indirizz elettroniku: mail@bte.by	Beltechexport hija entità privata li tesporta armi u tagħmir militari prodotti minn kumpanniji tal-istat tal-Belarussja lejn pajjiżi fl-Afrika, l-Amerka t'Isfel, l-Asja u l-Lvant Nofsani. Beltechexport hija assoċjata mill-qrib mal-Ministeru tad-Difiża tal-Belarussja. Beltechexport għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah, billi ġġib benefiċċji għall-amministrazzjoni presidenzjali.	17.12.2020
2.	Dana Holdings	ТАА "Дана Холдынгз" ООО "Дана Холдингз"	Indirizz: Peter Mstislavets St 9, pom. 3 (office 4), 220076 Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 690611860 Siti web: https://bir.by/; https://en.dana-holdings.com; https://dana-holdings.com/ Indirizz elettroniku: info@bir.by Tel.: +375 (29) 636-23-91	Dana Holdings hija waħda mill-iżviluppaturi u l-kostrutturi ewlenin tal-proprjetà immobbli fil-Belarussja. Il-kumpannija u s-sussidjarji tagħha rċevew drittijiet ta' żvilupp għal irqajja' ta' art u żviluppaw diversi kumplessi residenzjali kbar u ċentri kummerċjali. Huwa rrappurtat li l-individwi li jirrappreżentaw lil Dana Holdings iżommu relazzjonijiet mill-qrib mal-President Lukashenka. Liliya Lukashenka, bint tar-rispett tal-President, kellha kariga għolja f'Dana Astra. Dana Holdings għadha attiva ekonomikament fil-Belarussja. Għaldaqstant Dana Holdings qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	17.12.2020

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
3.	Dana Astra	ЗТАА “Дана Астра” ИООО “Дана Астра”	Indirizz: Peter Mstislavets St, 9, pom. 9-13, 220076 Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 191295361 Siti web: https://bir.by/; https://en.dana-holdings.com; https://dana-holdings.com/ Indirizz elettroniku: PR@bir.by Tel.: +375 (17) 269-32-60; +375 17 269-32-51	Dana Astra, preċedentement sussidjarja ta’ Dana Holdings, hija waħda mill-iżviluppaturi u l-kostrutturi ewlenin tal-proprjetà immobbli fil-Belarussja. Il-kumpannija rċeviet drittijiet ta’ żvilupp għal irqajja' ta’ art u qed tiżviluppa ċ-ċentru multifunzjonali Minsk World, li huwa rreklamat mill-kumpannija bħala l-akbar investiment tat-tip tiegħu fl-Ewropa. Huwa rrappurtat li l-individwi li jirrappreżentaw lil Dana Astra jżommu relazzjonijiet mill-qrib mal-President Lukashenka. Liliya Lukashenka, bint tar-rispett tal-President, kellha kariga għolja fil-kumpannija. Għaldaqstant Dana Astra qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	17.12.2020
4.	GHU - Id-Dipartiment Ekonomiku Ewlieni tal-Amministrazzjoni Presidenzjali	Главное хозяйственное управление	Indirizz: Miasnikova Str. 37, Minsk, Belarus Sit web: http://ghu.by Indirizz elettroniku: ghu@ghu.by	Id-Dipartiment Ekonomiku Prinċipali (GHU) tal-Amministrazzjoni Presidenzjali huwa l-akbar operatur fis-suq tal-proprjetà immobbli mhux residenzjali fil-Belarussja u superviżur ta’ bosta kumpanniji. Victor Sheiman, li bħala l-eks kap tal-Belarus President Property Management Directorate kien jeżerċita kontroll dirett fuq il-GHU, intalab mill-President Aliaksandr Lukashenka biex jissorvelja s-sikurezza tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Il-GHU għalhekk qed jibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed jappoġġah.	17.12.2020

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M34					
5.	SYNESIS LLC	ООО “Синезис”	Indirizz: 220005, Minsk, Platonova 20B Belarus; Mantulinskaya 24, Moscow 123100, Russia. Numru tar-reġistrazzjoni (УНН/ИНН): 190950894 (Belarussja); 7704734000/ 770301001 (Russja). Sit web: https://synesis.partners; https://synesis-group.com/ Tel. +375 (17) 240-36-50 Indirizz elettroniku:	Synesis LLC ipprovdiet lill-awtoritajiet tal-Belarussja bi pjattaforma ta’ sorveljanza Kipod, li tista’ tfittex u tanalizza filmati u tuża software ta’ rikonoxximent tal-wiċċ, li jagħmel lill-kumpanija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat fil-Belarussja. Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarussja (KGB) u l-Ministeru għall-Affarijiet Interni ġew elenkati bħala utenti ta’ sistema maħluqa minn Synesis. Il-kumpanija għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Synesis issostni li waqfet tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi bil-pjattaforma Kipod, iżda skont ir-rapporti tal-ByPOL, Kipod għadha tintuża mill-aġenziji tat-titoli tal-Istat. Synesis hija waħda mir-residenti tal-Hi-Tech Park, maħluqa b’digriet ta’ Aliaksandr Lukashenka, u bħala tali tgawdi bosta benefiċċji, inkluż eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu, il-VAT, id-dazju offshore, id-dazji doganali u oħrajn.	17.12.2020
▼M27					
6.	AGAT electromechanical Plant OJSC	Агат-электромеханический завод	Indirizz: Nezavisimosti Ave., 115, 220114 Minsk, Belarus Sit web: https://agat-emz.by/ Indirizz elettroniku: marketing@agat-emz.by Sit web: https://agat-emz.by/ Tel.: +375 (17) 272-01-32; +375 (17) 570-41-45	L-AGAT electromechanical Plant OJSC hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. AGAT electromechanical Plant OJSC għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Il-kumpannija timmanifattura “Rubezh” – sistema ta’ ostakli mfassla għall-kontroll tal-irvellijiet, li ntużat kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali li saru fid-9 ta’ Awwissu 2020, u għalhekk il-kumpannija hi responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
7.	140 Repair Plant	140 ремонтный завод	Sit elettroniku: 140zavod.org	Il-140 Repair Plant hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. l-140 Repair Plant għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Il-kumpannija timmanifattura vetturi tat-trasport u vetturi armati, li ntużaw kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali li saru fid-9 ta’ Awwissu 2020, u b’hekk il-kumpannija hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
8.	MZKT (magħrufa wkoll bħala VOLAT)	МЗКТ - Минский завод колёсных тягачей	Sit web: www.mzkt.by	L-MZKT (magħrufa wkoll bħala l-VOLAT) hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. L-MZKT (magħrufa wkoll bħala l-VOLAT) għalhekk qed tibbenefika mill-assoċjazzjoni tagħha mar-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Ħaddiema tal-MZKT li pprotestaw matul iż-żjara ta’ Alaksandr Lukashenka fil-fabbrika u bdew strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja tkeċċew, u dan jagħmel il-kumpannija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.	17.12.2020

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
9.	Sohra Group / Sohra LLC	ООО Сохра	Indirizz: Revolucyonnaya 17/19, office no. 22, 220030 Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 192363182 Sit web: http://sohra.by/ Indirizz elettroniku: info@sohra.by	Il-kumpannija Sohra kienet tappartjeni lil Aliaksandr Zaitsau, wieħed mill-aktar negozjanti influwenti fil-Belarussja, persuna b'rabta mill-qrib mal-klassi politika Belarussa u assistent mill-qrib tat-tifel il-kbir ta' Lukashenka, Viktor. Sohra tippromwovi prodotti industrijali Belarussi f'pajjiżi fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Hija kofondatriċi tal-kumpannija tad-difiża BSVT-New Technologies li hija involuta fil-produzzjoni tal-armi u l-immodernizzar tal-missili. Filwaqt li tuża il-pożizzjoni privileġġjata tagħha, Sohra sservi bħala intermedjarju bejn il-klassi politika Belarussa u l-intraprizi tal-istat u s-sħab barranin fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Hija involuta wkoll fl-estrazzjoni tad-deheb f'pajjiżi Afrikani abbażi ta' konċessjonijiet miksuba mir-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant Sohra Group qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
10.	Bremino Group LLC	ООО “Бремино групп”	Indirizz: Niamiha 40, 220004, Minsk Belarus; Bolbasovo village, Zavodskaya 1k, Orsha Region/Oblast, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni:: 691598938 Sit web: http://www.bremino.by Indirizz elettroniku: office@bremino.by; marketing@bremino.by	Bremino Group huwa l-inizjatur u koamministratur tal-proġett taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha maħluqa permezz ta' digriet presidenzjali ffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Il-kumpannija rċeviet appoġġ mill-istat għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa a benefiċċji oħra. Is-sidien ta' Bremino Group - Aliaksandr Zaitsau, Mikalai Varabei u Aliaksei Aleksin - jiffurmaw parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti marbuta ma' Lukashenka u jżommu kuntatti mill-qrib ma' Lukashenka u l-familja tiegħu. Għaldaqstant Bremino Group qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Bremino Group huwa s-sid taċ-Ċentru tat-Trasport u l-Loġistika (TLC) fil-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Polonja - Bremino-Bruzgi, li ntużat mir-reġim ta’ Lukashenka bħala kenn għall-migranti li ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Unjoni bil-għan li jaqsmuha illegalment. Bremino-Bruzgi TLC kien ukoll sit taż-żjara ta’ propaganda ta’ Lukashenka lill-migranti. Għaldaqstant, Bromino Group qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta’ Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
11.	Globalcustom Management LLC	ООО “Глобал-кастом-менеджмент”	Indirizz: Nemiga 40/301, Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 193299162 Sit web: https://globalcustom.by/ Indirizz elettroniku: info@globalcustom.by	Globalcustom Management hija assoċjata mal-Belarus President Property Management Directorate, li preċedentement kien immexxi minn Victor Sheiman, li ilu elenkat mill-Unjoni mill-2004. Il-kumpannija hija involuta fil-kuntrabandu ta' merkanzija lejn ir-Russja, li ma jkunx possibbli mingħajr il-kunsens tar-reġim ta’ Lukashenka, li jikkontrolla l-gwardji tal-fruntieri u d-dwana. Il-pożizzjoni privileġġata fis-settur tal-esportazzjoni tal-fjuri lejn ir-Russja, li minnha tibbenefika l-kumpannija, hija kundizzjonata wkoll fuq l-appoġġ tar-reġim. Globalcustom Management kienet l-ewwel sid ta' GardService, l-unika kumpannija privata li ngħatat il-permess għall-użu tal-armi minn Lukashenka. Għaldaqstant Globalcustom Management qiegħda tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
12.	Belarusski Avtomobilnyi Zavod (BelAZ) / OJSC “BELAZ” Open Joint Stock Company “BELAZ” - Management Company of Holding “BELAZ-HOLDING	ААТ “БЕЛАЗ” ОАО “ БЕЛАЗ”	Indirizz: 40 let Octyabrya St 4, 222161, Zhodino, Minsk Region/Oblast, Belarus Sit web: https://belaz.by	OJSC BelAZ hija fost l-intrapriżi tal-istat ewlenin fil-Belarussja u waħda mill-akbar manifatturi ta' trakkijiet kbar u trakkijiet kbar tal-iskart fid-dinja. Hija sors ta' dħul sinifikanti għar-reġim ta' Lukashenka. Lukashenka sostna li l-gvern dejjem ser jappoġġa l-kumpannija, u ddeskriviha bħala “marka Belarussa” u “parti mill-wirt nazzjonali”. OJSC BelAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim ta’ Lukashenka. Għaldaqstant OJSC BelAZ tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. L-impjegati ta' OJSC BelAZ li ħadu sehem fl-istrajks u fil-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frawdolenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew mhedda bi tkeċċija u intimidati mill-maniġment tal-kumpannija. Grupp ta' impjegati ġew imsakkra ġewwa minn OJSC BelAZ biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma' dimostranti oħra. Il-maniġment tal-kumpannija ppreżenta lis-strajk lill-media bħala laqgħa tal-membri tal-persunal. Għaldaqstant OJSC BelAZ hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
13.	Minskii Avtomobilnyi Zavod (MAZ) / OJSC “MAZ” Open Joint Stock Company “Minsk Automobile Works” - Management Company of “BELAVTOMAZ” Holding	ААТ “Мінскі аўтамабільны завод” ОАО “Минский автомобильный завод”	Indirizz: Socialisticheskaya 2, 220021 Minsk, Belarus Sit web: http://maz.by/ Data ta' reġistrazzjoni: 16.7.1944 Tel.: +375 (17) 217-22-22; +8000 217-22-22	OJSC Minsk Automobile Plant (MAZ) hija waħda mill-akbar intrapriżi tal-istat li jimmanifatturaw karozzi fil-Belarussja. Lukashenka ddeskriviha bħala “waħda mill-aktar intrapriżi industrijali importanti tal-pajjiż”. Hija sors ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. OJSC MAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim. Għaldaqstant OJSC MAZ tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. L-impjegati ta' OJSC MAZ li ħadu sehem fl-istrajks u fil-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frawdolenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew intimidati u aktar tard mkeċċija mill-maniġment tal-kumpannija. Grupp ta' impjegati ġew imsakkra ġewwa minn OJSC MAZ biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma' dimostranti oħra. Għaldaqstant OJSC MAZ hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
14.	Logex	ТАА “Лагекс” ООО “Логекс”	Indirizz: 24 Kommunisticheskaya St., office 2, Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 192695465 Sit web: http://logex.by/ Indirizz elettroniku: info@logex.by	Logex hija assoċjata ma' Aliaksandr Shakutsin, negozjant viċin ir-reġim ta' Lukashenka, li ġie elenkat mill-Unjoni. Il-kumpannija hija involuta fl-esportazzjoni ta' fjuri lejn il-Federazzjoni Russa bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li ma tkunx possibbli mingħajr il-kunsens tar-reġim, li jikkontrolla l-gwardji tal-fruntieri u d-dwana. Il-pożizzjoni privileġġata fis-settur tal-esportazzjoni tal-fjuri lejn ir-Russja, li minnha tibbenefika l-kumpannija, hija kundizzjonata fuq l-appoġġ tar-reġim. Il-fornituri Belarussi ewlenin ta' fjuri maqtugħa huma l-kumpanniji li għandhom rabta mill-qrib mat-tmexxija tar-repubblika. Għaldaqstant Logex qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
15.	JSC “NNK” (Novaia naftavaia Kampania)/ New Oil Company	ЗАТ “ННК” (Новая нафтавая кампанія) ЗАО “ННК” (Новая нефтяная компания)	Indirizz: Rakovska St. 14W room 7, 5th floor, Minsk, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: 193402282	Novaya Neftnaya Kompaniya (NNK), New Oil Company, hija entità mwaqqfa f’Marzu 2020. Hija l-unika kumpannija privata intitolata li tesporta prodotti taż-żejt mill-Belarussja - indikazzjoni ta’ rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet u l-ogħla livell ta’ privileġġi tal-istat. NNK hija proprjetà ta’ Interservice, kumpannija li tappartjeni lil Mikalai Varabei li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li jibbenefikaw mir-reġim ta’ Lukashenka u li jappoġġawh. NNK hija rrappurtata wkoll li hija konnessa ma' Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti ieħor Belarussu li jibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka. Skont ir-rapporti tal-media Aleskin kien il-fundatur tal-NNK flimkien ma’ Varabei. NNK intużat ukoll mill-awtoritajiet Belarussi biex jadattaw l-ekonomija tal-Belarussja għal miżuri restrittivi introdotti mill-Unjoni. Għaldaqstant NNK qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
16.	Belaeronavigatsia Intrapriża tal-istat	Белаэранавігацыя Дзяржаўнае прадпрыемства Белаэронавигация Государственное предприятие	Indirizz: 19 Korotkevich St., 220039 Minsk, Belarus Data ta’ reġistrazzjoni: 1996 Sit web: http://www.ban.by/ Indirizz elettroniku: office@ban.by Tel.: +375 (17) 215-40-51 Fax: +375 (17) 213-41-63	L-intrapriża tal-istat Belaeronavigatsiahija responsabbli għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-Belarussja. Għalhekk hija responsabbli għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn l-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata ttieħdet bl-għan li jiġu arrestati u detenuti l-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. L-intrapriża tal-istat Belaeronavigatsia hija għalhekk responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M38					
17.	Open Joint Stock Company "Belavia Belarusian Airlines"	ААТ "Авіякампанія Белавія" ОАО "Авиакомпания Белавиа"	Indirizz: 14A Nemiga St., 220004 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 4.1.1996 Numru ta' reġistrazzjoni: 600390798	OJSC Belavia Belarusian Airlines huwa t-trasportatur tal-linja tal-ajru nazzjonali tal-istat. Belavia hija s-sid u topera wkoll ajruplani governattivi Belarussi użati mill-President Aliaksandr Lukashenka. Aliaksandr Lukashenka wieġħed li l-amministrazzjoni tiegħu ser tagħti kull appoġġ possibbli lil Belavia wara li l-Unjoni ddeċidiet li ddaħħal projbizzjoni fuq it-titjir li jgħaddi minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-Unjoni u fuq l-aċċess għall-ajruporti tal-Unjoni mit-trasportaturi tal-ajru Belarussi kollha. Għal dak il-għan, huwa qabel mal-President Russu Vladimir Putin dwar l-ippjanar tal-ftuħ ta' rotot ġodda tal-linji tal-ajru għal Belavia. Fl-2021, is-CEO ta' Belavia kkonferma li rċieva l-appoġġ tal-gvern biex jerġgħu jibdew titjiriet lejn il-Federazzjoni Russa. Il-linja tal-ajru nazzjonali ġiet eżentata wkoll milli tħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud mill-gvern Belarussu fir-rigward tal-inġenji tal-ajru u l-komponenti importati fit-territorju tar-Repubblika tal-Belarussja. Barra minn hekk, fl-2014, Belavia rċeviet self għall-akkwist ta' inġenji tal-ajru ġodda minn bank tal-Istat. Il-maniġment ta' Belavia qal ukoll lill-impjegati tiegħu biex ma jipprotestawx kontra l-irregolaritajiet tal-elezzjoni u d-detenzjonijiet tal-massa fil-Belarussja, għall-fatt li Belavia hija intrapriża tal-Istat. Għaldaqstant, Belavia qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.	2.12.2021
▼M27					
18.	Republican unitary enterprise "TSENTRKURORT"	Рэспубліканскае унітарнае прадпрыемства "ЦЭНТРКУРОРТ" Республиканское унитарное предприятие "ЦЕНТРКУРОРТ"	Indirizz: 39 Myasnikova St., 220030 Minsk, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 12.8.2003 Numru tar-reġistrazzjoni: 100726604	Il-kumpannija turistika tal-istat Tsentrkurort tagħmel parti mid-Belarus President Property Management Directorate. Huwa rrappurtat li Tsentrkurort hija waħda mill-kumpanniji li tikkoordina l-fluss ta' migranti li għandhom l-intenzjoni li jaqsmu l-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Unjoni. Tsentrkurort għenet lil mill-anqas 51 ċittadin Iraqi jakkwistaw viżi għaż-żjara tagħhom fil-Belarussja, u ffirmat kuntratt għal servizzi tat-trasport mal-kumpannija Belarussa Stroitur, li toffri kiri ta' xarabankijiet bix-xufier. Ix-xarabankijiet ibbukkjati minn Tsentrkurort ittrasportaw lill-migranti, inkluż tfal, mill-ajruport ta' Minsk sal-lukandi.	2.12.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Għaldaqstant Tsentrkurort qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	
19.	Oskartour LLC	ООО Оскартур	Indirizz: 25 Karl Marx St., room 1n, Minsk, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 18.10.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 192721937	Oskartour huwa operatur turistiku, li ffaċilita l-kisba ta' viżi għal migranti ġejjin mill-Iraq u organizza l-vjaġġ sussegwenti tagħhom lejn il-Belarussja permezz ta' titjiriet minn Bagdad għal Minsk. Dawk il-migranti Iraqin aktar tard ġew ittrasportati sal-fruntiera ta' bejn il-Belarussja u l-Unjoni bil-għan li jaqsmuha b'mod illegali. Bis-saħħa ta' Oskartour u l-kuntatti tiegħu mal-linji tal-ajru Iraqin, l-awtoritajiet Belarussi u l-kumpannija tal-istat Tsentrkurort, tnedew titjiriet regolari minn Bagdad għal Minsk mit-trasportatur tal-ajru Iraqi, sabiex jinġiebu aktar persuni lejn il-Belarussja biex jaqsmu b'mod illegali l-fruntieri esterni tal-Unjoni. Oskartour ħa sehem f'din l-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-istat. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021
20.	Republican subsidiary unitary enterprise "Hotel Minsk"	Гатэль "Мінск" Республиканское дочернее унитарное предприятие "Отель "Минск"	Indirizz: 11 Nezavisimosti Ave., Minsk, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 26.12.2016/3.4.2017 Numru ta' reġistrazzjoni: 192750964 Sit web: http://hotelminsk.by/ Indirizz elettroniku: hotelminsk@udp.gov.by; marketing@hotelminsk.by Tel.: +375 (17) 209-90-61 Fax: +375 (17) 200-00-72	Hotel Minsk hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Minsk ħadet sehem f'din l-iskema ta' qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u kumpanniji tal-istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u l–Unjoni sabiex jaqsmuha b'mod illegali. Il-migranti Iraqin elenkaw lil Hotel Minsk bħala residenza temporanja fl-applikazzjonijiet tal-viża Belarussa tagħhom, li ġew ippreżentati immedjatament qabel il-wasla tagħhom fil-Belarussja. Għaldaqstant, Hotel Minsk qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
21.	Open Joint Stock Company “Hotel Planeta”	ААТ “Гасцініца Планета” ОАО “Гостиница Планета”	Indirizz: 31 Pobediteley Ave., Minsk, Belarus Data ta’ reġistrazzjoni: 1.2.1994/6.3.2000 Numru ta’ reġistrazzjoni: 100135173 Sit web: https://hotelplaneta.by/ Indirizz elettroniku: planeta@udp.gov.by Tel.: +375 (17) 226-78-53 Fax: +375 (17) 226-78-55	OJSC Hotel Planeta hija kumpannija sussidjarja tal-Belarus President Property Management Directorate – aġenzija tal-gvern li tirrapporta direttament lill-President. Hotel Planeta ħadet sehem fl-iskema għall-qsim illegali tal-fruntieri mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà Belarussi u l-kumpanniji tal-istat. Il-migranti ngħataw akkomodazzjoni fil-lukanda qabel ma ġew ittrasportati lejn il-fruntiera bejn il-Belarussja u tal-Unjoni sabiex jaqsmuha b’mod illegali. Huma ħallsu USD 1 000 lil aġent tal-ivjaġġar f’Bagdad għat-titjira, viża turistika u soġġorn fil-lukanda. Għaldaqstant, Hotel Planeta qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta’ Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021
22.	ASAM (Asobnaia sluzhba aktyunykh mera-pryemstvau) OSAM (Otdiel’naya sluzhba aktivnykh mieropriyatiy)	Асобная служба актыўных мера-прыемстваў (АСАМ) Отдельная служба активных мероприятий (ОСАМ)	Indirizz: State Border Committee of the Republic of Belarus, 24 Volodarsky St., 220050, Minsk, Belarus	ASAM (Separate Service for Active Measures) hija unità speċjali Belarussa tal-gwardji tal-fruntiera kkontrollata minn Viktar Lukashenka u mmexxija minn Ihar Kruchkou. Il-forzi ta’ ASAM taħt l-operazzjoni speċjali “Gate” jorganizzaw qsim illegali tal-fruntieri mill-Belarussja lejn Stati Membri tal-Unjoni u huma involuti direttament fit-trasportazzjoni fiżika tal-migranti lejn in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Barra minn hekk, ASAM titlob ħlas mill-migranti trasportati għall-qsim tal-fruntiera. Għaldaqstant, ASAM qed tikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta’ Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M33					
▼M27					
24.	VIP Grub		Indirizz: Büyükdere Cad., No:201, Istanbul, Turkey	VIP Grub huwa servizz tal-passaporti u l-viża bbażat f'Istanbul, it-Turkija, li jorganizza vjaġġi lejn il-Belarussja bl-intenzjoni espliċita li jiffaċilita l-migrazzjoni lejn l-Unjoni. VIP Grub jirreklama b'mod attiv il-migrazzjoni lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, VIP Grub qed jikkontribwixxi għal attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka billi jiffaċilita l-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.	2.12.2021
25.	Open Joint Stock Company "Grodno Azot" Inkluż il-fergħa "Khimvolokno Plant" JSC "Grodno Azot"	AAT "Гродна Азот" ОАО "Гродно Азот" Філіял "Завод Хімвалакно" ААТ "Гродна Азот" Филиал "Завод Химволокно" ОАО "Гродно Азот"	Indirizz: 100 Kosmonavtov Ave., Grodno/Hrodna, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 1965 Numru tar-reġistrazzjoni: 500036524 Sit web: https://azot.by/en/ Indirizz: 4 Slavinskogo St., 230026 St., Grodno/Hrodna, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 12.5.2000 Numru tar-reġistrazzjoni: 590046884 Sit web: www.grodno-khim.by Indirizz elettroniku: office@grodno-khim.by; market@grodno-khim.by; ppm@grodno-khim.by; tnp@grodno-khim.by Tel./Fax: +375 (152) 39-19-00; +375 (152) 39-19-44	OJSC Grodno Azot hija produttur kbir tal-istat li tipproduċi komponenti tan-nitroġenu, ibbażat fi Grodno/Hrodna. Lukashenka iddeskriviha bħala "intrapriża importanti ħafna, waħda strateġika". Grodno Azot hija l-proprjetarju wkoll ta' Khimvolokno Plant, li hija manifattur kbir ta' poliamidi u poliester u materjali kompożiti. Grodno Azot u Khimvolokno Plant tagħha huma sors ta' dħul sostanzjali għar-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant, Grodno Azot qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Lukashenka żar il-kumpannija u ltaqa' mar-rappreżentanti tagħha, waqt li ddiskutew il-modernizzazzjoni tal-impjant u forom varji ta' għajnuna tal-Istat. Lukashenka wiegħed ukoll li ser jintuża self għall-bini ta' impjant ġdid tan-nitroġenu fi Grodno/Hrodna. Għaldaqstant, Grodno Azot qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	2.12.2021

▼M27

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Il-ħaddiema ta' Grodno Azot, inkluż l-impjegati tagħha f'Khimvolokno Plant, li ħadu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim u ħarġu bi strajk, ingħataw s-sensja, ġew intimidati u mhedda kemm mill-maniġment ta' Grodno Azot kif ukoll mir-rappreżentati tar-reġim. Għaldaqstant, Grodno Azot hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	
26.	Assoċjazzjoni tal-Produzzjoni tal-Istat "Belorusneft"	Дзяржаўнае вытворчае аб'яднанне "Беларуснафта" Государственное производственное объединение "Белоруснефть"	Indirizz: 9 Rogachevskaya St., 246003 Gomel/Homyel, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 25.2.1966 Numru tar-reġistrazzjoni: 400051902	Belorusneft hija kumpannija tal-istat li topera fis-settur petrokimiku. Il-maniġment tal-kumpannija ta s-sensja lill-ħaddiema li ħarġu fuq strajk, ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim jew appoġġaw pubblikament dawn il-protesti. Għaldaqstant Belorusneft hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	2.12.2021
27.	Open Joint Stock Company "Belshina"	ААТ "Белшина" ОАО "Белшина"	Indirizz: 4 Minskoe Shosse St., 213824 Bobruisk, Belarus Data ta' reġistrazzjoni: 10.1.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 700016217 Sit web: http://www.belshinajsc.by/	OJSC Belshina hija waħda mill-kumpanniji ewlenin tal-istat fil-Belarussja u manifattur kbir tat-tyres tal-vetturi. Bħala tali, hija sors sostanzjali ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. L-Istat tal-Belarussja qed jagħmel profitt dirett mill-qligħ ta' Belshina. Għaldaqstant, Belshina tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. L-impjegati ta' Belshina li pprotestaw u ħarġu fuq strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja ngħataw issensja. Għaldaqstant, Belshina hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	2.12.2021

▼M38

28.	Open Joint Stock Company "Belaruskali"	Адкрытае акцыянернае таварыства "Беларускалій" Открытое акционерное общество "Беларуськалий"	Indirizz: 5 Korzha St., Soligorsk, 223710 Minsk Region/Oblast, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 23.12.1996 Numru ta' reġistrazzjoni: 600122610	OJSC Belaruskali hija intrapriża tal-Istat u waħda mill-akbar produtturi tal-potassa fid-dinja. Minkejja t-tnaqqis tas-sehem globali tagħha fis-suq globali tal-potassa minn 20 % għal 9 % fl-2022, Belaruskali tibqa' waħda mill-aktar esportaturi sinifikanti tal-potassa u sors sostanzjali ta' dħul għall-baġit tal-Istat tal-Belarussja. Alexander Lukashenka ddeskriva lil Belaruskali bħala "teżor nazzjonali, turija ta' kburija, wieħed mill-pilastri tal-esportazzjonijiet Belarussi". Hija wkoll sors ta' dħul ewlieni ta' munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022

▼M38

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Belaruskali hija involuta direttament fir-rilokazzjoni min-naħa tar-reġim ta' Lukashenka ta' tfal Ukreni minn territorji okkupati f'kollaborazzjoni mar-Russja. Mill-invażjoni illegali u mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja, il-faċilità ta' Dubrava, li hija proprjetà ta' OJSC Belaruskali, żammet aktar minn 2 050 tifel u tifla Ukreni. Għaldaqstant, OJSC "Belaruskali" tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. L-impjegati ta' OJSC "Belaruskali" li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew intimidati u mkeċċija mill-maniġment tal-kumpanija. Alexander Lukashenka nnifsu hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strajkaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant "Belaruskali" hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	

▼M34

29.	Kumpanija Limitata b'Ishma "Belarusian Potash Company"	AAT "Беларуская "калійная кампанія" OAO "Белорусская калийная компания"	Indirizz: 35 Masherova Ave., 220002 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 13.9.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 192050251 Tel. +375 (17) 309-30-10; +375 (17) 309-30-30 Indirizz elettroniku: info@belpc.by	JSC Belarusian Potash Company hija l-fergħa esportatriċi tal-produttur tal-potassa statali tal-Belarussja Belaruskali. Belaruskali hija waħda mill-akbar sorsi ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. Il-provvisti mill-Belarusian Potash Company jammontaw għal 20 % tal-esportazzjonijiet globali tal-potassa. L-istat iggarantixxa d-drittijiet ta' monopolju tal-Belarusian Potash Company biex tesporta fertilizzanti tal-potassju. Bis-saħħa tat-trattament preferenzjali mill-awtoritajiet Belarussi, il-kumpanija taqla' dħul sostanzjali. Għaldaqstant, il-Belarusian Potash Company tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
30.	“Inter Tobacco” LLC	Таварыства з абмежаванай адказнасцю “Інтэр Табак” Общество с ограниченной ответственностью “Интер Тобако”	Indirizz: (, 131 Novodvorskiy village, Novodvorskiy village council, Minsk District, 223016 Minsk Region/Oblast, Belarus (Minsk Free Economic Zone Data tar-reġistrazzjoni: 10.10.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 808000714	Inter Tobacco LLC hija parti mill-Industrija tal-Manifattura tat-tabakk fil-Belarussja. Hija għandha sehem sinifikanti mis-suq tas-sigaretti domestiċi profittabbli fil-Belarussja. Il-kumpannija ngħatat privileġġi esklussivi biex timporta prodotti tat-tabakk fil-Belarussja, abbażi ta' digriet iffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Barra minn hekk, Lukashenka ħareġ digriet Presidenzjali biex ifassal mill-ġdid il-konfini tal-kapitali tal-Belarussja, Minsk, biex ineħħi l-art għall-fabbrika ta' Inter Tobacco, probabbilment għal raġunijiet relatati mal-evażjoni tat-taxxa. Inter Tobacco tappartjeni għal Alexei Oleksin u membri tal-familja qrib tiegħu (hija proprjetà tal-kumpannija Energo-Oil ta' Oleksin). Għaldaqstant, Inter Tobacco qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022
31.	Open Joint-Stock Company “Naftan”	Адкрытае акцыянернае таварыства “НАФТАН” Открытое акционерное общество “НАФТАН”	Indirizz: Novopolotsk 1, 211440 Vitebsk Region/Oblast, Belarus, Data tar-reġistrazzjoni: 1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 300042199	Bħala intrapriża statali, OJSC Naftan hija sors ewlieni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Għaldaqstant, Naftan tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Impjegati ta' Naftan li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew intimidati u tkeċċew mill-maniġment tal-kumpannija. Għaldaqstant Naftan hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
32.	Open Joint-Stock Company “Grodno Tobacco Factory Neman”	Адкрытае акцыянернае таварыства “Гродзенская тытунёвая фабрыка” “Нёман” Открытое акционерное общество “Гродненская табачная фабрика Неман”	Indirizz: 18 Ordzhonikidze St, 230771 Grodno/ Hrodna, Belarus, Data tar-reġistrazzjoni: 30.12.1996 Numru tar-reġistrazzjoni: 500047627	OJSC “Grodno Tobacco Factory Neman” hija intraprīża statali tal-Belarussja u waħda mis-sorsi ewlenin ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. Il-kumpannija għandha 70-80 % tas-sehem mis-suq tat-tabakk fil-Belarussja. “Grodno Tobacco Factory Neman” għalhekk tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u tappoġġah. Immanifatturati fil-Belarussja, il-marki Grodno Tobacco Factory “Neman” huma fost l-aktar sigaretti komuni li jiddaħħlu b'kuntrabandu fl-Unjoni bħala parti mill-kummerċ tat-tabakk bil-kuntrabandu li jħalli qligħ. Vaguni tal-ferrovija li jappartjenu għal kumpanniji statali tal-Belarussja “Belaruskali” u “Grodno Azot” jintużaw fl-iskema tal-kuntrabandu. “Grodno Tobacco Factory Neman” għalhekk tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tat-trasferiment illegali ta' oġġetti ristretti fit-territorju tal-Unjoni.	3.6.2022
33.	Beltamozhservice	Рэспубліканскае унітарнае прадпрыемства “БЕЛМЫТСЭРВІС” Республиканское унитарное предприятие “БЕЛТАМОЖСЕРВИС”	Indirizz: 17th km. Minsk-Dzerzhinsk, administrative building, office 75, Shchomyslitsky 223049 Minsk Region/Oblast, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 9.6.1999 Numru tar-reġistrazzjoni: 101561144	Beltamozhservice hija kumpannija statali u waħda mill-akbar kumpanniji tal-loġistika fil-Belarussja. Hija assoċjata mill-qrib mal-awtoritajiet Belarussi u hija involuta fil-kuntrabandu u l-esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti mill-Belarussja lejn ir-Russja. Il-kumpannija tibbenefika minn rabtiet mal-awtoritajiet Belarussi u tipprovdi dħul sinifikanti lir-reġim ta' Lukashenka. Beltamozhservice għaldaqstant qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	3.6.2022
34.	Open Joint Stock Company “Managing Company of Holding” “Belkommunmash”	Адкрытае акцыянернае таварыства “Кіруючая кампанія холдынгу” “Белкамунмаш” Открытое акционерное общество “Управляющая компания холдинга” “Белкоммунмаш”	Indirizz: 64B-2 Perekhodnaya St., 220070 Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 13.08.1991 Numru tar-reġistrazzjoni: 100205408	Belkommunmash hija manifattur Belarussu ta' vetturi tat-trasport pubbliku. Aliaksandr Lukashenka qed jippromwovi minn-negozju ta’ Belkommunmash, filwaqt li jiggarantixxi l-konformità tal-kumpannija mal-obbligi kuntrattwali tagħha lejn is-sħab tagħha u qed juża l-influwenza tiegħu biex jappoġġa l-attività kummerċjali tagħha. Għalhekk Belkommunmash qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Belkommunmash keċċiet lill-ħaddiema b'ritaljazzjoni għall-protesta tagħhom kontra r-riżultati ffalsifikati tal-elezzjoni presidenzjali fl-2020, u għalhekk hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022

▼M31

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
35.	Belteleradio Company / National State Television and Radio Company of the Republic of Belarus	Нацыянальная дзяржаўная тэлерадыёкампанія Рэспублікі Беларусь / Белтэлерадыёкампанія Национальная государственная телерадиокомпания Республики Беларусь / Белтелерадиокомпания	Indirizz: 9. Makayonka St, Minsk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 14.9.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 100717729 Sit web: tvr.by	Belteleradio Company hija l-kumpannija statali tax-xandir televiżiv u tar-radju u tikkontrolla seba' stazzjonijiet tat-televiżjoni u ħames stazzjonijiet tar-radju fil-Belarussja. Wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulenti f'Awwissu 2020, Belteleradio Company keċċiet lill-ħaddiema tal-mezzi tax-xandir li tikkontrolla li pprotestaw u ssostitwiethom b'impjegati tal-media Russi. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili L-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju ssorveljati minn Belteleradio Company qed ixerrdu b'mod attiv il-propaganda u b'hekk qed jappoġġaw lir-reġim ta' Lukashenka.	3.6.2022

▼M35

36.	Open Joint Stock Company “MINSK ELECTROTECHNICAL PLANT NAMED AFTER V. I. KOZLOV”	Адкрытае акцыянернае таварыства “МІНСКІ ЭЛЕКТРАТЭХНІЧНЫ ЗАВОД ІМЯ В.І.КАЗЛОВА” Открытое акционерное общество “МИНСКИЙ ЭЛЕКТРОТЕХНИЧЕСКИЙ ЗАВОД ИМЕНИ В.И.КОЗЛОВА”/ ОАО “МЭТЗ ИМ. В.И.КОЗЛОВА”	Indirizz: Room 502, 4, Uralskaya st., Minsk 220037, Republic of Belarus Tip ta’ entità:Kumpanija proprjetà tal-Istat Post tar-reġistrazzjoni: 4, Uralskaya st., Minsk 220037, Republic of Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 1.3.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 100211261(УНП) Post prinċipali tan-negozju: Belarus Sit web tal-kumpanija: www.metz.by Posta elettronika tal-kumpanija: urist@metz.by Telefown tal-kumpanija: 8017 230 11 22	OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V.I. Kozlov” hija intrapriża tal-istat, waħda mill-akbar produtturi ta’ tagħmir tal-elettriku fl-Ewropa u waħda mill-ġganti industrijali tal-Belarussja. Bħala tali, hija sors ewlieni ta’ dħul għar-reġim ta’ Lukashenka. L-impjegati ta’ OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V.I. Kozlov” li ħadu sehem fi protesti u strajkijiet paċifiċi wara l-elezzjonijiet frodulenti ta’ Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew mhedda b’sensji u intimidati mill-maniġment tal-kumpanija. Aktar tard il-ħaddiema tkeċċew minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fl-istrajkijiet. Għalhekk, OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V. I. Kozlov” qed tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Barra minn hekk, OJSC “Minsk Electrotechnical Plant imsemmi għal V.I. Kozlov” hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
37.	Open joint stock company “Byelorussian Steel Works – management company of ‘Byelorusssian Metallurgical Company’ holding” a.k.a. OJSC “BSW (BMZ) - management company of ‘BMC’ holding”	Адкрытае акцыянернае таварыства “Беларускі металургічны завод - кіруючая кампанія холдынгу “Беларуская металургічная кампанія” a.k.a. ААТ “БМЗ - кіруючая кампанія холдынгу “БМК” Открытое акционерное общество “Белорусский металлургический завод-управляющая компания холдинга “Белорусская металлургическая компания” a.k.a. ОАО “БМЗ-управляющая компания холдинга “БМК”	Indirizz: 37, Promyshlennaya Street, Zhlobin, Gomel region, Belarus, 247210 Tip ta’ entità: Kumpanija b’ishma konġunti miftuħa Post tar-reġistrazzjoni: Zhlobin, Gomel region, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 24.4.1991 bħala “БЕЛОРУССКИЙ МЕТАЛЛУРГИЧЕСКИЙ ЗАВОД”, 11.9.1996 bħala “Государственное предприятие - Белорусский металлургический завод”, 1.12.1997 bħala “Белорусский металлургический завод”, 3.11.1999 bħala “Республиканское унитарное предприятие ‘Белорусский металлургический завод’”, 1.1.2012 bħala “Открытое акционерное общество ‘Белорусский металлургический завод’”. Numru tar-reġistrazzjoni: 400074854 Post prinċipali tan-negozju: Zhlobin, Gomel region, Belarus	OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC” hija intrapriża statali unika fl-industrija metallurġika fil-Belarussja u fost l-akbar kumpaniji fil-pajjiż. Bħala tali, hija sors sostanzjali ta’ dħul għar-reġim ta’ Lukashenka. L-Istat Belarussu qed jagħmel profitt dirett mill-qligħ magħmul minn OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC”. Barra minn hekk, il-kumpanija tirċievi għotjiet kbar mill-gvern u appoġġ politiku mir-reġim ta’ Lukashenka. Id-direttur ġenerali ta’ OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC” inħatar personalment mill-President Lukashenka. L-impjegati ta’ OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-azjenda “BMC” li pprotestaw u bdew strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja tkeċċew. Minn dakinhar ’l hawn, l-intrapriża għadha tieħu miżuri kontra l-impjegati li qed jippruvaw jorganizzaw strajks permezz ta’ theddid u sensji. Għalhekk, OJSC BSW - kumpanija maniġerjali tal-intrapriża “BMC” qed tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u qed tappoġġah. Għaldaqstant, hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja.	3.8.2023

▼M35

	Ismijiet Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
38.	Belneftekhim -Belarusian State Concern for Oil and Chemistry	Белнафтахім — Беларускі дзяржаўны канцэрн па нафце і хіміі Белнефтехим, Белорусский государственный концерн по нефти и химии	Indirizz: 73, Dzerzhinskogo Street, Minsk, 220116 Tip ta' entità: Entità statali Post tar-reġistrazzjoni: 73 Dzerzhinskogo Street, Minsk, 220116 Data tar-reġistrazzjoni: 21.7.1997. Numru tar-reġistrazzjoni: 101272253 Post prinċipali tan-negozju: Minsk, Belarus	L-Entità Statali tal-Belarussja għaż-Żejt u l-Kimika (Belneftekhim) hija waħda mill-akbar kumplessi industrijali tar-Repubblika tal-Belarussja u tikkonsisti minn diversi kumpaniji oħra tal-Istat stabbiliti fl-1997. Aliaksandr Lukashenka jqis lil Belneftekhim hija waħda mill-aktar entitajiet importanti u strateġiċi fil-Belarussja. B'mod partikolari, Belneftekhim tirrappreżenta assi fundamentali għall-ekonomija u l-politika barranija tal-Belarussja, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-Belarussja fl-iżvilupp ta' suq komuni taż-żejt. Isiru konsultazzjonijiet regolari bejn l-entità u l-President Lukashenka. Belneftekhim tibbenefika mill-appoġġ ipprovdut mir-reġim ta' Lukashenka, speċjalment fir-rigward tal-effetti tas-sanzjonijiet tal-Punent. Għaldaqstant, Belneftekhim qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	3.8.2023

▼**M22**

ANNESS II

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2d

Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja

140 Repair Plant JSC

558 Aircraft Repair Plant JSC

2566 Radioelectronic Armament Repair Plant JSC

AGAT - Control Systems - Managing Company of Geoinformation Control Systems Holding JSC

AGAT - Electromechanical Plant OJSC

AGAT - SYSTEM

ATE - Engineering LLC

BelOMO Holding

Belspetsvneshtechnika SFTUE

Beltechexport CJSC

BSVT-New Technologies

Id-Dipartiment għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Gomel

Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tar-Repubblika tal-Belarussja

KGB Alpha

Kidma Tech OJSC

Minotor-Service

Minsk Wheeled Tractor Plant

Oboronnye Initsiativy LLC

OJS KB Radar Managing Company

Peleng JSC

L-Awtorità tal-Istat għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja

Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tar-Repubblika tal-Belarussja

Transaviaexport Airlines JSC

Volatavto OJSC

▼**M26**

ANNESS III

LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU KBAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2h U 2i

Development Bank of the Republic of Belarus

Belarusbank

Belinvestbank (Belarusian Bank for Development and Reconstruction)

Belagoprombank

Bank Dabrabyt

▼**M10**

▼**M28**

ANNESS IV

LISTA TA' PAJJIŻI SHAB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2C(9)

▼**M39**

ANNESS IVa

LISTA TA’ PAJJIŻI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5f

IN-NORVEĠJA

L-IŻVIZZERA

L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA

IL-ĠAPPUN

IR-RENJU UNIT

IL-KOREA T’ISFEL

L-AWSTRALJA

IL-KANADA

NEW ZEALAND

IL-LIECHTENSTEIN

L-IŻLANDA

▼**M32**

ANNESS V

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2Y

Isem il-persuna ġuridika, entità jew korp	Data tal-applikazzjoni
Belagroprombank	20 ta' Marzu 2022
Bank Dabrabyt	20 ta' Marzu 2022
Development Bank of the Republic of Belarus (Bank għall-Iżvilupp tar-Repubblika tal-Belarussja)	20 ta' Marzu 2022
Belinvestbank (Bank Belarussu għall-Iżvilupp u r-Rikostruzzjoni)	l-14 ta' Ġunju 2022

▼**M36**

ANNESS VI

Lista ta' armi tan-nar u armi oħrajn imsemmija fl-Artikoli 1a

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
9303	Armi tan-nar oħrajn u mezzi simili li jaħdmu bl-isparar ta' karga ta' splussiv
ex 9304	Armi oħrajn (eż. xkubetti u pistoli bil-molla, bl-arja jew bil-gass), ħlief dawk tal-intestatura 9307.